# RAPPORT ANNWALI 2009

# KUMMISSJONI NAZZJONALI
# GĦALL-PROMOZZJONI
# TAL-UGWALJANZA

NCPE

ISBN: 978-99909-89-38-0

Mitbugħ mill-Kummissjoni Nazzjonal għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (2010)

# WERREJ

MESSAĠĠ MILL-ON. MINISTRU DOLORES CRISTINA ……………………………………5
MESSAĠĠ MILL-KUMMISSARJU ……………………………………………………...8
MESSAĠĠ MILL-EKS DIRETTUR EŻEKUTTIV ……………………………………12
MESSAĠĠ MID-DIRETTUR EŻEKUTTIV IL-ĠDID ......……………………………….16

1. INTRODUZZJONI ……………………………………………………………18
1.1 Introduzzjoni dwar l-NCPE u r-Responsabbiltajiet Tagħha …………………………………………18
1.2 Sunt tax-Xogħol li sar matul l-2009 ……………………………………………………………...23
1.3 Riċerka ………………………………………………………………………………………..31
1.4 Sehem f'Laqgħat/Konferenzi ………………………………………………………………..34
1.5 Kumitati ………………………………………………………………………………………49
1.6 Deskrizzjoni tal-Qagħda Finanzjarja ………………………………………………………….54

2. PROĠETTI ……………………………………………………………………56
2.1 Introduzzjoni u Proġetti għall-Ġejjieni ……………………………………………………….56
2.2 Leħen għal Kulħadd – VS/2007/0477 ………………………………………………………….58
2.3 Network ta' esperti soċjo-ekonomiċi fil-qasam tal-anti-diskriminazzjoni – VT-2008-007 ……...62
2.4 Ngħixu l-Ugwaljanza – VS/2007/0442 …………………………………………………………65
2.5 FSE/Nru 3.47 – Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara ……………………………………………68
2.6 Insaħħu l-Ugwaljanza lil hinn mil-Leġiżlazzjoni – VS/2009/0405 …………………………...74

3. ILMENTI ………………………………………………………………………76
3.1 Struttura tal-NCPE ……………………………………………………………………………76
3.2 Il-Proċedura tal-ilmenti li ssegwi l-NCPE ……………………………………………………77

**3.3 Ilmenti li waslu għand l-NCPE ……………………………………………………………………79**
**3.4 Kwistjonijiet li ħarġu mill-ilmenti u rakkomandazzjonijiet …………………………………………..81**
**3.5 Sommarju ta' uħud mill-investigazzjonijiet konklużi mill-NCPE fl-2009 …………………………83**
3.5.1 Każ A – Miżuri favur il-Familja fuq il-Post tax-Xogħol …………………………………………..83
3.5.2 Każ B – Fastidju Sesswali fuq il-Post tax-Xogħol ………………………………………………84
3.5.3 Każ Ċ – Diskriminazzjoni abbażi ta' Sess fl-Aċċess għal Servizzi ……………………………85
3.5.4 Każ D – In-Nuqqas ta' Politika dwar it-Treddigħ tat-Trabi għall-Uffiċjali Pubbliċi ……………86
3.5.5 Każ E – Diskriminazzjoni abbażi tar-Razza fl-Aċċess għal Servizzi …………………………88
3.5.6 Każ F – Fastidju abbażi tar-Razza fil-Provvista tal-Akkomodazzjoni …………………………88
**3.6 Preżentazzjoni ta' ilment quddiem l-NCPE ……………………………………………………90**

## 4. TALBIET GĦAL INFORMAZZJONI U REKLAMAR DISKRIMINATORJU …………...91

**4.1 Talbiet għal Informazzjoni ……………………………………………………………………...91**
**4.2 Il-Librerija tal-NCPE ………………………………………………………………………………..95**
**4.3 Reklamar Diskriminatorju ………………………………………………………………………96**
**4.4 Mistoqsijiet Parlamentari (PQs) ………………………………………………………………99**

## 5. INIZJATTIVI TA' TAĦRIĠ ……………………………………………………………101

**5.1 Introduzzjoni ………………………………………………………………………………………101**
**5.2 Taħriġ mogħti mill-iStaff tal-NCPE ……………………………………………………………..102**
**5.3 L-iżvilupp tal-Potenzjal u tal-Ħiliet tal-iStaff tal-NCPE ……………………………………...106**

## 6. KWESTJONARJI U RISPONS ……………………………………………………108

**6.1 Kwestjonarji ………………………………………………………………………………………..108**
**6.2 Rispons ……………………………………………………………………………………………..116**

## 7. RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI U L-MEDJA ……………………………………..121

## ANNESS I – TABELLI U FIGURI …………………………………………………127

## ANNESS II – LINJI GWIDA GĦAL MIN JIKTEB JEW JIPPUBBLIKA AVVIŻI ………..129

# Messaġġ mill-On. Ministru Dolores Cristina

Din hi s-sitt sena mit-twaqqif tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE). Sena oħra ikaratterizżata minn ħidma u impenn biex tkompli tissaħħaħ l-ugwaljanza fis-soċjeta' tagħna. Ir-rwol tal-NCPE, fil-promozzjoni u l-għarfien dwar id-drittijiet u d-dmirijiet fl-ugwaljanza u t-trattament indaqs kompla kkontribwixxa sabiex ħafna iktar persuni jagħrfu li jistgħu jippartecipaw fis-soċjeta' billi jagħtu sehemhom b'mod attiv u jutilizzaw bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom.

Soċjeta' li tħaddan opportunitajiet indaqs għal kulħadd hija l-qofol tal-inklużjoni soċjali. Għaldaqstant, din kienet sena oħra mmexxija minn impenn biex fiż-żmien li ġej, jiġu mnedija kampanji ta' għarfien, riċerka u taħriġ li jkomplu jippromwovu u jsaħħu dan il-għan. Il-Kummissjoni ghall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza kompliet fi djalogu soċjali ma' diversi entitajiet, fosthom għaqdiet mhux governattivi dwar l-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni.

L-NCPE kompliet ukoll bil-ħidma tagħha f'taħriġ u inizzjattivi varji filwaqt li daħħlet għal sfidi ġodda, bl-iskop li ssaħħaħ il-kunċett ta' rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u dik privata, b'impenn kontinwu biex tassigura opportunitajiet indaqs ma' persuni li għandhom responsabbiltajiet familjari. Dan l-objettiv fil-fatt jindirizza l-ħtiġijiet attwali tal-familji tagħna, u għaldaqstant, il-Gvern hu impenjat li jkompli joffri u jżid arranġamenti ta' xogħol aktar flessibbli u miżuri favur il-familja għal iktar

ħaddiema. Qegħdin ukoll nestendu s-servizz ta' ċentri tal-kura tat-tfal biex jiżdied l-appoġġ lill-familji bit-tfal, sabiex il-ġenituri u l-familji jkunu jistgħu igawdu minn kwalita` ta' ħajja aħjar.

L-investiment qawwi ta' pajjiżna fl-edukazzjoni, bla dubju qiegħed joffri possibiltajiet ugwali lil kulħadd f'dan il-qasam. F'dan ir-rigward, L-NCPE kompliet toffri taħriġ u tkabbar l-għarfien dwar dan bl-iskop li telimina sterjotipi li jxekklu parteċipazzjoni attiva u opportunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol. Aħna nagħrfu l-importanza li jiġu tassew utilizzati l-kapaċitajiet u l-kwalifiki ta' kulħadd, mhux biss għall-benefiċċju ta' dawk l-individwi li jixtiequ jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom, iżda wkoll għall-iżvilupp tas-soċjeta' kollha kemm hi.

L-NCPE kompliet b'ħidma sfieqa biex tinvestiga l-ilmenti ta' nies li jħossuhom diskriminati, mhux biss abbażi tal-ġeneru, iżda wkoll abbażi tar-razza, meta jfittxu oġġetti u s-servizzi. Fid-dawl tal-fatt li d-diversita' qiegħda kull ma jmur titwessa' f'pajjiżna, irridu nagħrfu l-importanza li nsaħħu l-kuxjenza soċjali, dwar persuni li huma f'riskju li jiġu diskriminati minħabba r-razza/l-oriġini etnika tagħhom. Għal dan l-iskop, l-NCPE qed taħdem ukoll biex twassal il-messaġġ tagħha u tkompli tagħti vuċi lil gruppi differenti fis-soċjeta' tagħna. Biex tilħaq din il-mira, l-NCPE qiegħda taħdem biex tiżviluppa metodi ta' kommunikazzjoni li huma effettivi u li verament jilħqu wkoll gruppi li huma f'minorita razzjali f'pajjiżna.

F'dan ir-rigward, hu fundamentali li nkomplu naġġornaw il-politika dwar il-prinċipju tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, anke 'l hinn minn hekk, biex tiġi mħarsa l-ugwaljanza f'kull forma tas-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni, u għalhekk tinħoloq struttura li tiggarantixxi ugwaljanza sħiħa fis-soċjeta' tagħna. B'hekk, inkomplu nsaħħu l-ugwaljanza fl-opportunitajiet, fl-applikazzjoni, fl-analiżi u s-sorveljar tal-liġijiet u fl-iżvilupp ta' prattiċi, miżuri u inizjattivi oħra.

Għalhekk, nistgħu ngħidu li din is-sena kienet fundamentali biex ikomplu jiġu mħarsa d-drittijiet u tiżdied kuxjenza dwar id-dmirijiet fil-kamp tal-ugwaljanza f'diversi sferi tas-soċjeta'. Dan kien importanti b'mod speċjali f'kuntest ta' tibdil ekonomiku u soċjali biex ma jitnaqqrux il-kisbiet tal-passat fil-qasam tal-ugwaljanza u l-opportunitajiet indaqs. Fid-dawl ta' dan, l-impenn kontinwu tal-NCPE ikkumplementat ma' direzzjoni politika lejn ugwaljanza fil-fatt, mhux biss huwa importanti għat-tisħiħ tal-potenzjal ta' kull membru tas-soċjeta', iżda wkoll għall-iżvilupp u s-sostenibbilta' ta' pajjiżna.

Dolores Cristina

Ministru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja

# Messaġġ mill-Kummissarju

L-impenn lejn l-ugwaljanza u l-anti-diskriminazzjoni illum sar element distint fil-viżjoni ta' kull min jieħu miżuri politiċi. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija fil-fatt, dritt fundamentali, valur komuni, u kundizzjoni meħtiġa għall-iżvilupp tas-soċjeta' u l-koeżjoni soċjali. Malta għamlet progress sinifikanti matul dawn l-aħħar snin fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, irrispettivament mill-ġeneru u l-oriġini razzjali – dan l-iktar permezz tal-liġi dwar l-ugwaljanza, l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll miżuri speċifiċi biex jiggarantixxu fil-fatt opportunitajiet indaqs irrispettivament mill-ġeneru u l-orġini etnika. Madankollu, xi kultant jidher li l-progress isir bil-mod wisq u l-bidliet kulturali li huma meħtieġa biex jingħata appoġġ lill-kunċetti tal-ugwaljanza u l-aċċessibilita, jidher li hu mimli ostakoli.

Bosta rapporti internazzjonali, kif ukoll nazzjonali, urew li għadha teżisti differenza fir-rata ta' impjieg bejn l-irġiel u n-nisa f'Malta, minkejja li l-maġġoranza tal-istudenti u tal-persuni gradwati mill-Universita' huma nisa. F'Malta, in-nisa għadhom mhux rappreżentati biżżejjed fil-qasam ekonomiku kif ukoll f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet politiċi. Barra minn hekk, bosta studji li saru urew li t-tqassim tar-responsabbiltajiet familjari għadu mhux fuq bażi indaqs bejn in-nisa u l-irġiel. Ta' min isemmi wkoll li studji varji tal-Eurobarometer indikaw li d-diskriminazzjoni abbażi tar-razza, hija ogħla f'Malta, mill-medja tal-UE.

Il-viżjoni tal-NCPE matul dawn l-aħħar sitt snin, kienet waħda li tiggarantixxi li jkun hawn għarfien akbar fost il-partijiet interessati, inkluż fost il-pubbliku ġenerali, li l-ugwaljanza hija l-bażi biex ikun hawn soċjeta' aktar ġusta li fiha n-nisa u l-irġiel ikollhom l-istess opportunitajiet, kisbiet u obligazzjonijiet fl-oqsma kollha tal-ħajja, irrispettivament mill-ġeneru u l-oriġini etnika.

L-inizjattivi u proġetti varji li wettqet l-NCPE dejjem kellhom dan l-impatt u saru bl-għan li tiġi indirizzata din il-bidla kulturali u soċjali. Bil-mod il-mod qed jinkisbu riżultati minn dawn il-proġetti u llum nistgħu ngħidu li hawn ħafna iżjed għarfien fil-komunita' Maltija in ġenerali, dwar l-importanza tad-drittijiet tal-ugwaljanza u l-anti-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, minħabba l-fatt li l-kunċett ta' opportunitajiet indaqs huwa prijorita' orizzontali għal Malta, kull organizzazzjoni li tapplika għall-proġetti, b'mod speċjali għall-proġetti finanzjati mill-Fond Ewropew għall-iŻvillup Reġjonali (ERDF) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), huma mitluba li juru kif matul l-istadji kollha tal-proġett (i.e. tfassil, ippjanar, implimentazzjoni, sorveljar u evalwazzjoni tal-proġett) qiesu u taw konsiderazzjoni lill-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs. Importanti ħafna li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa matul it-twettiq ta' dawn il-proġetti biex tiġi evitata kull tip ta' diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza/oriġini etnika, reliġjon/twemmin, diżabilita', eta' u orjentazzjoni sesswali. L-NCPE għandha rwol importanti ħafna f'dan ir-rigward, permezz tal-iżvilupp ta' lista ta' verifika biex tgħin lil dawk kollha li għandhom interess jissottomettu proposti għal proġetti, kif ukoll billi toffri gwida fuq bażi individwali dwar il-potenzal tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fil-proġetti rispettivi.

Fil-livell tal-UE u internazzjonali, l-NCPE tipprovdi diversi eżempji ta' prattiċi tajba f'bosta fora bħal-laqgħa tal-pajjiżi Ewro-Mediterranji; il-Kumitat Konsultattiv għall-Opportunitajiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel; laqgħat ministerjali tal-UE dwar punti marbuta mal-ġeneru; u rapport tan-NU u CEDAW.

L-investigazzjoni tal-ilmenti hija qasam ewlieni tax-xogħol tal-NCPE. In-numru ta' ilmenti li jitressqu quddiem il-Kummissjoni għall-investigazzjoni żdied u wħud minnhom kienu ta' natura kumplessa u sensittiva ħafna u li għaldaqstant irrikjedew laqgħat twal u intensivi, kif ukoll ħiliet ta' medjazzjoni. Hekk kif jidħol ilment, il-Kummisarju (skont Artiklu 12 u 17 tal-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa u Artiklu 11 tal-Avviż Legali 85 tal-2007), tagħti bidu għall-investigazzjoni indipendenti u teżerċita d-diskrezzjoni kif tgħid il-liġi. Biex il-Kummissarju tasal għal koklużjoni, ġieli tinħass il-ħtieġa li jissejħu persuni li jista' jkollhom informazzjoni importanti dwar il-każ. Dawn normalment jinkludu l-persuna lit kun qed tagħmel l-ilment, l-allegat awtur, min iħaddem jew jipprovdi servizz, u kull persuna oħra li jista' jkun għandha informazzjoni marbuta mal-investigazzjoni. Il-proċeduri li jiġu segwiti fl-investigazzjoni tal-ilmenti issaħħu u ġew simplifikati sabiex jiġi aċċertat li l-allegazzjonijiet kollha jiġu riċerkati bir-reqqa u l-fatti kollha magħrufa qabel ma tittieħed deċiżjoni. L-NCPE qiegħda wkoll tirċievi ilmenti dwar diskriminazzjoni multipla.

Is-sena 2009 kienet għalhekk sena ta' konsolidazzjoni, iżda wkoll waħda ta' tranżizzjoni għall-NCPE. Sra Sina Bugeja, li kienet Direttur Eżekuttiv kapaċi, proattiv u kompetenti mill-ħolqien tal-NCPE fl-2004, imxiet lejn mergħat ġodda. Nawgurawlha mill-qalb għall-impenji ġodda tagħha. Id-Direttur Eżekuttiv il-ġdid, Sra Therese Bugeja għandha warajha firxa wiesgħa ta' esperjenza miż-żmien li għamlet membru tal-Kummissjoni, kif ukoll mill-professjoni tal-kura, li żgur se jkunu ta' għajnuna kbira fix-xogħol tagħha fl-NCPE, li kuljum jitratta diversi kwistjonijiet delikati.

Biex nagħlaq nixtieq nieħu l-opportunita' li b'mod personali nirringrazzja lil kull membru tal-Kummissjoni kif ukoll lill-membri tal-istaff eżekuttiv għall-impenn, enerġija u dedikazzjoni tagħhom matul din is-sena.

Janet Mifsud

Kummissarju

# Messaġġ mill-Eks Direttur Eżekuttiv

Għaddew sitt snin mill-ħolqien tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE): sitt snin li kienu karatterizzati b'numru ta' inizjattivi inkluż proġetti ko-finanzjati mill-UE li issensibilizzaw lill-pubbliku dwar dan is-suġġett.... sitt snin li matulhom il-prinċipju tal-ugwaljanza tpoġġa bis-sod u baqa' jinżamm fuq l-aġenda nazzjonali.

L-NCPE ma kinitx biss attiva fix-xena lokali iżda kienet strumentali fl-għoti ta' informazzjoni lill-UE kif ukoll fil-livell internazzjonali. Din il-kontribuzzjoni, flimkien ma' dik ta' Stati Membri u ta' pajjiżi oħra, kienet strumentali biex tassigura li l-perspettiva tal-ugwaljanza tiġi integrata u/ jew imsaħħa waqt diversi proċessi ta' konsultazzjoni.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza ħadmet b'ħafna modi differenti. Parti importanti mix-xogħol tagħha kien it-taħriġ. Ingħata taħriġ f'livelli differenti li kien jinkludi fost oħrajn professjonisti bħal Maniġers tar-Riżorsi Umani, Uffiċjali tat-Trejd *Unions*, min iħaddem, u oħrajn li, apparti li jinternalizzaw il-prinċipji involuti, qegħdin f'pożizzjonijiet li jistgħu jinfluwenzaw il-politka u jaffetwaw il-ħajja ta' ħaddieħor. L-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza ġie introdott minn organizzazzjonijiet li jħarsu 'l quddiem u li japprezzaw ir-riżorsi umani tagħhom u li

tassew jinvestu flushom f'dak li jemmnu fih. L-NCPE innfisha wkoll tieħu ħsieb li tkabbar il-ħiliet tal-istaff tagħha li jingħataw bosta possibbiltajiet ta' taħriġ kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta. L-esperjenza li tinkiseb imbagħad tinqasam bejn l-istaff kollu biex ikun hemm effett ta' multiplikazzjoni.

Il-ġranet tal-bidu tas-sena tal-2009 kienu karatterizzati mill-għeluq ta' tliet proġetti li tkomplew mis-sena ta' qabel. Dawn kienu "Ngħixu l-Ugwaljanza' u "Leħen għal Kulħadd" mill-programm PROGRESS, flimkien ma' proġett ieħor implimentat flimkien mal-HEC (*Network* ta' esperti soċjo-ekonomiċi fil-qasam tal-anti-diskriminazzjoni). Ingħataw u beda x-xogħol fuq proġetti ġodda. Dawn jinkludu "Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara" u "Insaħħu l-Ugwaljanza lil hinn mil-Leġiżlazzjoni". Iż-żewġ proġetti huma mmirati biex ikomplu jedukaw lill-pubbliku u professjonisti oħra dwar l-ugwaljanza u d-diversita'. Dawn il-proġetti jintroduċu wkoll metodi ġodda fl-applikazzjoni tal-kunċett tal-ugwaljanza.

Iżda l-NCPE ma taħdimx biss fuq taħriġ u proġetti. Fil-fatt il-Kummissjoni hija mfittxa ħafna mill-pubbliku ġenerali li jfittex informazzjoni u kjarifiki fuq bażi regolari. Fil-fatt isiru lmenti minn dawk li jħossu li sofrew diskriminazzjoni ġeneralment wara li jitolbu parir u direzzjoni mill-membri tal-istaff innifishom.

L-NCPE tagħmel ħilitha biex tkisser l-ostakli strutturali li jwasslu għad-diskriminazzjoni – billi tirrevedi politiki, dokumenti ta' pożizzjoni u saħansitra liġijiet. Huwa biss meta l-ostakli li jinħolqu minn strutturi "aċċettati" jiġu megħluba, li l-ugwaljanza fil-vera sens tagħha tista' tiġi stabbilita. Huwa biss meta l-ugwaljanza tkun ħaġa waħda fil-ħsibijiet u l-azzjonijiet tagħna, li nistgħu ngħidu li verament dan il-kunċett ġie integrat.

Lejn nofs is-sena, wasal iż-żmien biex is-sottoskritta timxi għal missjoni oħra, u bħala Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Soċjali tħares 'il quddiem lejn sfidi ġodda, u tħalli lill-NCPE b'qalb mtaqqla. Filwaqt li x- xogħol kien mimli sfidi u ta' gost, kien it-tim li l-aktar immissjajt. L-id eżekutiva tal-NCPE hija tassew mgħarrfa, sensittiva għal dak kollu li għandu x'jaqsam mas-suġġett u tassew jimpurtahom mill-persuni li jitolbu l-appoġġ tagħhom. Naf li jaħdmu bla heda u mingħajr riservi bl-għan li jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom sa l-aħħar.

F'dan is-sens, l-NCPE hija mbierka bi staff motivat u impenjat li jemmen fil-prinċipju tal-ugwaljanza u jgħix dan il-prinċipju kuljum. F'dan il-mument nieħu l-opportunita' biex nirringrazzjhom ilkoll li laqgħuni f'ħajjithom b'mod aktar konkret milli sempliċiment kollegi tax-xogħol u li tawha l-kulur b'mod sabiħ immens. Id-diskkussjonijiet li kien ikollna għallmuna lkoll.

Wara t-tluq tiegħi, l-NCPE kompliet għaddejja bix-xogħol tagħha u wara l-eżerċizzju ta' ristrutturar li ġie implimentat aktar kmieni, kompliet għaddejja bit-twettieq tal-obbligi tagħha. Kif tistgħu timmaġinaw, ma kinitx biċċa xogħol faċli għax filwaqt li ingħata appoġġ kemm kien possibbli, il-vera responsabbilta' tal-implimentazzjoni waqgħet fuq l-ispallejn żgħażagħ tal-istaff tal-NCPE mmexxija b'mod abbli ħafna mill-Maniġer tagħhom, Sra Therese Spiteri. Kien żmien iebes iżda wkoll żmien fejn persuni wrew kemm jiswew. Xejn ma tqiegħed fuq l-ixkaffa jew ġie pospost, ix-xogħol baqa' jitlesta fil-ħin u anke inbdew inizjattivi ġodda.

F'dan ir-Rapport Annwali għandi wkoll l-opportunita' li nirringrazzja lill-Kummissarju Dr J Mifsud, li magħha għaddejt ħafna ħin niddiskuti diversi suġġetti kif ukoll lill-membri kollha tal-Kummissjoni li taw mill-ħin u l-abblitajiet tagħhom biex jiżguraw li l-obbligazzjonijiet tal-Kummissjoni jitwettqu b'mod professjonali. Fl-aħħar iżda żgur

mhux l-inqas inħossni obligata li niftakar u nirringrazzja lill-Membri tal-Kummissjoni li minħabba obbligi jew impenji oħra m'għadhomx jagħmlu parti mill-Kummissjoni.

Il-persuni msemmija dejjem se jkunu parti mill-ħajja tiegħi fl-NCPE. Il-ħsibijiet tiegħi huma wkoll għal dawk li għażlu li jimxu lejn postijiet oħra.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, nixtieq lil Sra Therese Bugeja, id-Direttur Eżekuttiv il-ġdid tal-NCPE l-aqwa xewqat għall-futur. Nikkwota lil Marcus Antonius, biex jinftiehem aħjar il-messaġġ tiegħi :

> *'Qatt tħalli l-futur jiddisturbak. Se tiltaqa' miegħu, jekk ikun hemm bżonn, bl-istess armi tar-raġuni li llum jarmawk kontra l-preżent."*

Sina Bugeja

Jannar 2010

# Messaġġ mid-Direttur Eżekuttiv il-Ġdid

Nixtieq nintroduċi lili nnifsi bħala d-Direttur Eżekuttiv il-Ġdid tal-NCPE. Ili ħafna nieħu interess fil-benesseri soċjali u x-xogħol tiegħi dejjem kien marbut mal-qasam soċjali. Il-karriera tiegħi bħala infermiera għenitni immens biex ikolli rwol attiv fil-protezzjoni tad-dinjita' ta' individwi u anke r-rwol tiegħi bħala edukatur ukoll ipprovdieli opportunitajiet li noħloq għarfien dwar il-ħela u l-ħsara li tista' tkun ikkaġunata mid-diskriminazzjoni, kif ukoll il-premji u l-benefiċċji tal-inklużjoni. Dan jaqbel perfettament mal-iskop aħħari tal-NCPE li hu li tikkatalizza bidla kulturali biex fl-aħħar tinkiseb ugwaljanza *de facto* fis-soċjeta' Maltija.

**NCPE…it-Triq għall-Ġejjieni**

Bħala korp tal-ugwaljanza f'Malta, l-għan ewlieni tal-NCPE huwa li tassigura li ma ssirx diskriminazzjoni fis-soċjeta' Maltija, b'rabta speċifika mal-mandat tagħha, li huwa non-diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru fil-qasam tax-xogħol, edukazzjoni u l-provvista ta' oġġetti jew servizzi; u non-diskriminazzjoni ibbażata fuq razza/oriġini etnika fil-provvista ta' oġġetti jew servizzi.

L-għan tagħna għas-sena 2010 huwa li nkabbru l-viżibilta' u l-espożizzjoni tal-NCPE quddiem l-udjenzi kollha fil-mira tagħna, dan mhux biss billi nifirxu informazzjoni dwar l-NCPE u x-xogħol tagħna iżda wkoll billi per eżempju nsaħħu l-aċċess ta'

persuni li huma vittmi ta' diskriminazzjoni għad-drittijiet tagħhom. Huwa maħsub ukoll li nespandu l-proċessi ta' ħolqien ta' għarfien filwaqt li nkomplu nagħtu taħriġ f'setturi u livelli differenti tas-soċjeta'. Barra minn hekk, aħna nagħmlu mill-aħjar biex nidentifikaw opportunitajiet ta' koperazzjoni u kollaborazzjoni mal-mezzi tal-medja u entitajiet oħra.

Ta' min isemmi x-xogħol kontinwu li jsir dwar ilmenti u talbiet għall-informazzjoni, inkluż l-għan tagħna li nkunu kemm jista' jkun aċċessibbli għall-individwi li jeħtieġu l-għajnuna jew jixtiequ informazzjoni dwar diskriminazzjoni. Barra minn hekk, l-NCPE hi impenjata wkoll biex tkompli tagħti t-taħriġ tagħha lill-pubbliku ġenerali kif ukoll lill-istituzzjonijiet, NGOs, Soċjeta' Ċivili u imsieħba soċjali.

Nixtieq nieħu din l-opportunita' biex nirringrazzja lil Dr Janet Mifsud – Kummissarju u lil Sra Sina Bugeja – eks-Direttur Eżekuttiv, li kienu strumentali biex tiġi stabbilita l-NCPE u b'ħila kbira żviluppawha f'dik li hija llum. Flimkien mat-tim enerġetiku li jaħdem b'impenn kbir, se nkomplu naħdmu biex nassiguraw li d-diskriminazzjoni tinqered mis-soċjeta' Maltija. Għaldaqstant, l-NCPE tinsab lesta li tiffaċċja l-isfidi ġodda li dan ix-xogħol jista' jġib miegħu, u tkompli tirsisti biex tassigura li l-ugwaljanza hija fattwali u li l-membri tas-soċjeta' jistgħu jibbenefikaw minnha.

Therese Bugeja

Direttur Eżekuttiv

Frar 2010

# 1. Introduzzjoni

## *1.1 – Introduzzjoni dwar l-NCPE u r-Responsabbiltajiet Tagħha*

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) hija l-Korp dwar l-Ugwaljanza ta' Malta, hekk kif stabbilita fl-2004, permezz ta' Kap 456, Att dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel. Fl-2004, ir-responsabbiltajiet tal-NCPE kienu jinkludu non-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' responsabbiltajiet tal-familja u l-ġeneru fil-qasam tax-xogħol u l-edukazzjoni. Minn dak iż-żmien, ir-responsabbiltajiet tal-NCPE ġew estiżi biex jinkludu wkoll non-diskriminazzjoni fil-provvista ta' servizzi u oġġetti fuq il-bażi tar-razza u oriġni etnika permezz ta' Avviż Legali 85 tal-2007, Ordni tal-2007 dwar Trattament Indaqs ta' Persuni kif ukoll non-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru permezz tal-Avviż Legali 181/2008, Regolamenti tal-2008 dwar Trattament Indaqs fl-Aċċess u l-Provvista ta' Oġġetti u Servizzi. Il-Kummissjoni tagħmel l-almu tagħha biex tassigura li l-livelli kollha tas-soċjeta' Maltija mhux biss ikunu infurmati dwar l-oqsma relatati mal-ugwaljanza iżda tiżgura li għodod speċifiċi jkunu disponibbli għal dawk kollha li jkollhom bżonn biex tiġi aċċertata u integrata l-ugwaljanza fil-fatt. L-NCPE titmexxa mill-Kummissarju u l-membri tal-Kummissjoni li flimkien huma responsabbli għall-funzjonijiet tal-Kummissjoni kif imsemmi f'Kap 456, Att dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, li stabbilixxiet 'l NCPE. Il-parti eżekuttiva tal-Kummissjoni hija mmexxija mid-Direttur

Eżekuttiv u hi magħmula mill-membri tal-istaff. Il-Kummissjoni hija magħmula minn dawn il-membri kif ġej:

Dr Janet Mifsud - Kummissarju

Dr Mifsud kienet Kummissarju tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza minn Jannar 2004 sa Jannar 2010. Hi rrappreżentat lil Malta f'bosta laqgħat tal-UE, Nazzjonijiet Uniti u Euromed. Dr Mifsud kienet attiva għal bosta snin fil-qasam tal-ġeneru u x-xjenza. Għaldaqstant kienet mistiedna mid-DG tal-UE Riċerka biex tattendi Fora dwar in-Nisa u x-Xjenza fi Brussell, u inħatret ukoll diversi drabi bħala evalwatur ta' proposti sottomessi taħt applikazzjonijiet tal-FP. Fuq bażi lokali, hija mexxiet il-*Gender Issues Committee* tal-Universita' ta' Malta u kienet ukoll membru tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Issa ġiet nominata bħala rappreżentant ta' Malta fl-UE fil-COST – Ko-operazzjoni Ewropea fix-Xjenza u Teknoloġija.

Is-Sur Mario Mallia – Membru tal-Kummissjoni

Is-Sur Mallia huwa miżżewweġ u missier u fil-preżent huwa Kap tal-Iskola tal-Kulleġġ St. Albert, Primarja u Sekondarja. Huwa gradwat bil- B.Ed (Hons) u M.Ed u għandu wkoll diploma *post-graduate* fl-Amministrazzjoni u Maniġment fl-Edukazzjoni. It-teżi fiż-żewġ livelli kienet dwar aspetti tal-ġeneru permezz ta' riċerka etnografika u soċjoliġija politika. Is-Sur Mallia huwa attiv fil-qasam politiku u soċjali fi ħdan il-partit tal-Alternattiva Demokratika. Huwa wkoll membru tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi. Ilu membru fl-NCPE minn meta bdiet f'Diċembru 2003.

Dr. Vanni Xuereb – Membru tal-Kummissjoni

Dr. Xuereb huwa l-Kap tal-Malta-EU Steering & Action Committee. Il-funzjonijiet tal-MEUSAC huma mqassma fuq tliet binarji : konsultazzjoni dwar leġiżlazzjoni tal-UE, tqassim ta' informazzjoni dwar il-politika tal-UE u opportunitajiet ta' fondi, kif ukoll għoti ta' għajnuna lill-kunsilli lokali u għaqdiet mhux-governattivi dwar fondi tal-UE. Bħala organizzazzjoni il- MEUSAC għandha impenn sħiħ li tiżgura li suġġetti li jitqajmu fil-livell tal-UE b'rabta mal-promozzjoni tal-UE jiġu diskussi kif suppost mas-soċjeta' ċivili.

Is-Sra Grace Attard – Membru tal-Kummissjoni

Is-Sra Attard hija l-president attwali tal-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa f'Malta. Hija wkoll rappreżentant tas-Soċjeta' Ċivili fil-MEUSAC, Membru tal-MISCO u Membru tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat. Bħala rappreżentant tas-soċjeta' ċivili fuq il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, EESC, hija wkoll membru tas-Sezzjoni dwar l-Affarijiet Soċjali, iċ-Ċittadinanza u l-Ugwaljanza, membru tal-Osservatorju dwar is-Suq tax-Xogħol u membru tas-sezzjoni dwar relazzjonijiet esterni u l-Kumitat tas-segwitu tal-Euromed b'attenzjoni speċjali għall-ugwaljanza tal-ġeneri. Hija wkoll membru tal-Malta Anna Lindh Foundation Network. Tagħmel ukoll parti mill-Kumitat Konsultattiv tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tar-reġjun Euromed fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea. Attwalment, is-Sra Attard qiegħda taħdem dwar reviżjoni ta' *Il-pjan ta' rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel*, wara 2010. Barra minn hekk, is-Sra Attard wettqet riċerka dwar in-Nisa fl-Intrapriża, il-Provista ta' Kura għat-Tfal, Nisa f'pożizzjonijeit ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u l-parteċipazzjoni effettiva tas-soċjeta' ċivili fir-reġjun tal-Euromed. Is-Sra Attard tagħti wkoll kontribut regolari fil-mezzi tal-medja lokali dwar kwistjonijeit soċjali u dwar il-ġeneru, kif ukoll dwar suġġetti marbuta mal-UE.

Is-Sur Joseph Farrugia - Membru tal-Kummissjoni

Is-Sur Joseph Farrugia ingħaqad mal-Assoċjazjoni Maltija għal Min Iħaddem fil-pożizzjoni ta' Direttur Ġenerali f'Novembru 2001. Qabel kien jaħdem l-Universita' ta' Malta fejn kien jgħallem dwar suġġetti marbuta ma' *Marketing* lill-studenti tal-Junior College, B.Comm u MBA. Huwa wkoll mexxa diversi korsijiet dwar bejgħ u ġestjoni ta' bejgħ għall-Malta University Services.

Is-Sur Farrugia għandu esperjenza vasta fil-konsultazzjoni tal-*marketing* u kien jaħdem bħala uffiċjali dwar ir-Riżorsi Umani ma' Gasan Group of Companies fis-snin bejn l-1988 u l-1995. Ir-responsabbiltajiet ewlenin tiegħu fi ħdan il-Gasan group kienu relazzjonijiet industrijali, ftehim kollettiv, taħriġ u tfassil u żvilupp tal-organizzazzjoni.

Is-Sur Farrugia kien ukoll jagħmel parti mill-bord ta' diretturi tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ, kif ukoll tal-Bord dwar Relazzjonijiet Industrijali. Huwa wkoll jirrappreżenta l-MEA fuq il-Kunsill Malti għall-iŻvilupp Soċjali u Ekonomiku.

Is-Sur Farrugia huwa wkoll magħruf fil-qasam kulturali bħala artist. Huwa organizza diversi wirjiet tal-pitturi tiegħu f'bosta postijiet f'Malta, fosthom il-Mużew Nazzjonali tal-Arti u l-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija.

Dr. Myriam Spiteri-Debono – Membru tal-Kummissjoni

Dr. Spiteri Debono iggradwat bil-BA (Hons.) fl-Ingliż u studjat ukoll il-liġi. Hija tipprattika l-professjoni ta' Nutar. Dr Spiteri-Debono ingħatat ukoll il-kariga ta' *Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti u ilha attiva filqasam tal-politika lokali minn meta kienet studenta. Hija l-fundatriċi tal-Grupp Studenti Soċjalisti, Segretarju tal-Propaganda kif ukoll Membru fl-Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit Laburista. Hija wkoll

Segretarja Ġenerali kif ukoll tinsab fit-tieni mandat tagħha bħala President tal-Għaqda Nisa Laburisti. Dr Spiteri-Debono kienet ukoll *Chairperson* tal-*Press Ethics Commission*, fejn kellha rwol importanti fit-tfassil tar-regoli proċedurali u *by-laws,* kif ukoll bħala *Chairperson* tal-Bord tal-Koperattivi. Fil-qasam politiku, hi ħadmet mal-organizzazzjonijiet tan-nisa kollha u ħaddnet il-missjoni li televa l-kawża tan-nisa aktar mill-politika partiġġjana. Bħala membru tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, għandha rwol prinċipali fis-sotto-kumitat li jieħu ħsieb id-diskriminazzjoni u l-fastidju.

<u>Is-Sra Therese Bugeja – Direttur Eżekuttiv</u>

Is-Sra Therese Bugeja hija d-Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza. Barra minn hekk hija tirrappreżenta lil Malta fuq: il-Kumitat ta' Tmexxija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (CDEG) tal-Kunsill tal-Ewropa; il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ġeneru tal-UE; fil-Gruppi ta' Livell Għoli li jaħdmu dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE; il-laqgħat tal-esperti tal-Gvern; il-laqgħat tal-Grupp tal-Esperti tal-Gvern; kif ukoll il-Kummissjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-Nisa. Is-Sra Bugeja ilha 3 snin membru tal-Kummissjoni Nazzjonali dwar il-Bijoetika kif ukoll tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza.

Is-Sra Bugeja tgħallem l-Universita' ta' Malta u tmexxi *workshops* dwar l-immaniġjar tal-istress, ħiliet ta' komunikazzjoni kif ukoll Terapiji Kumplimentari fil-Kura tas-Saħħa. Hija kienet tikko-ordina wkoll il-programm tan-Nursing Degree kif ukoll il programm ta' Erasmus kemm għall-istudenti kif ukoll għall-għalliema. Is-Sra Bugeja hija wkoll psikoterapista mħarrġa u hi wkoll membru tal-Gestalt Psychotherapy Institute.

Il-parti eżekuttiva tal-NCPE hija struttrata kif ġej:




Figura 1: Struttura tal-NCPE

### *1.2 – Sunt tax-Xogħol li sar matul l-2009*

Minn meta twaqqfet fl-2004, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza wessgħat ir-responsabbiltajiet tagħha darbtejn u b'hekk issa tinkludi Kap 456, l-Avviż Legali 85/2007 u l-Avviż Legali 181/2008. Matul is-sena li għaddiet, l-NCPE organizzat diversi attivitajiet b'rabta mal-aspetti kollha tar-responsabbiltajiet tagħha. Fl-2009, l-NCPE ħadmet bis-sħiħ biex issaħħaħ il-kontribuzzjoni tagħha f'Malta f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn l-obbligazzjonijiet.

Ix-xogħol tal-NCPE jikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' responsabbiltajiet li joħorġu direttament mil-liġijiet nazzjonali rispettivi, kif ukoll minn oqsma influwenzati mix-xena lokali, nazzjonali, Ewropea u internazzjonali. Il-Kummissjoni tagħmel kull sforz biex tifhem u tieħu l-azzjoni meħtieġa abbażi tal-bżonnijiet speċifiċi tas-soċjeta' (inkluż ħtiġiet settorjali). B'hekk filwaqt li tinżamm il-viżjoni tal-NCPE, il-metodi utilizzati biex jintlaħqu l-għanijiet u l-oqsma kollha li hemm bżonn huma fluwidi għax jiddependu mill-ħtiġijiet identifikati tul it-twettiq tax-xogħol tal-Kummissjoni.

Matul is-sena 2009, l-NCPE kompliet taħdem biex tqajjem kuxjenza dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet marbuta mal-opportunitajiet indaqs u l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni permezz ta' bosta inizjattivi, li uħud minnhom kienu parti minn proġetti ko-finanzjati mill-UE. L-għanijiet ta' dawn l-inizzjattivi kienu jaqblu ma' prijoritajiet nazzjonali u internazzjonali li l-għan tagħhom huwa li tinkiseb ugwaljanza fil-fatt fl-oqsma kollha soċjali u ekonomiċi tas-soċjeta'. Għalkemm dawn l-inizjattivi se jissemmew b'mod separat fis-sezzjonijiet li ġejjin ta' dan ir-rapport, ta' min isemmi li fil-fatt, l-inizjattivi tal-Kummissjoni huma marbutin ma' xulxin u kull inizjattiva tikkumplimenta l-oħrajn.

Fl-2009, l-NCPE ġabet fit-tmiem il-proġett ko-finanzjat mill-UE Ngħixu l-Ugwaljanza - VS/2007/0442. L-għanijiet ta' dan il-proġett kienu li jissensibilizza uffiċċjali fis-Servizz u s-Settur Pubbliku fuq aspetti dwar il-ġeneru; tinħoloq kuxjenza dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel; li tingħata s-setgħa lill-parteċipanti biex jutilizzaw l-għodda disponibbli biex jiġi implimentat dan il-prinċipju; janalizza u jagħti dettalji dwar il-kunċett ta' ippjanar ta' finanzi abbażi tal-ħtiġijiet tan-nisa u l-irġiel *(gender responsive budgeting)*. Fil-fatt, il-prinċipju tal-intergrazzjoni tal-ugwaljanza huwa wkoll prijorita' orizzontali kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak ewropew. Ta' min jgħid li fil-fatt dan il-prinċipju issaħħaħ

fuq l-aġenda nazzjonali biex tkun garantita l-ugwaljanza fl-opportunitajiet fid-disinn, l-applikazzjoni, l-analiżi u s-sorveljar tal-leġiżlazzjoni u miżuri politiċi kollha. B'mod simili, 'Il-pjan ta' rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006 – 2010'[1] tħeġġeġ 'l iStati Membri biex jagħtu l-kontribut tagħhom fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel billi jintegraw dan il-prinċipju fl-oqsma kollha tal-politika u fl-attivitajiet l-oħra. Fil-fatt, il-proġett "Ngħixu l-Ugwaljanza" kompla jqajjem għarfien dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz ta' taħriġ, kif ukoll billi ħeġġeġ lill-parteċipanti jirreplikaw miżuri tajbin b'rabta mal-integrazzjoni ta' dan il-prinċipju fil-postijiet tax-xogħol rispettivi tagħhom.

L-istaff tal-NCPE joffri taħriġ b'mod regolari lil kull min jitlob anke lill-organizzazzjonijiet mis-settur pubbliku u dak privat. Kull sessjoni ta' taħriġ issir bi ħsieb skond il-bżonnijiet tal-udjenza partikolari. Permezz ta' dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ, l-NCPE qed tilħaq lill-pubbliku u toħloq kuxjenza dwar l-NCPE nnifisha u r-responsabbiltajiet tagħha. Minn barra dan, it-taħriġ iservi wkoll biex jinforma lill-pubbliku dwar ir-rwol tal-NCPE bħala korp li jinvestiga l-ilmenti u dwar xogħol ieħor li tagħmel il-Kummissjoni. Aktar informazzjoni dwar it-taħriġ li jingħata mill-istaff tal-NCPE tinsab f'sezzjoni 5 ta' dan ir-rapport.

Aspett ieħor li l-NCPE taħdem dwaru huwa l-ostakli strutturali eżistenti fi ħdan istituzzjonijiet li joħonqu d-drittijiet. Bil-għan li tidentifika u tindirizza dawn l-ostakli strutturali, l-NCPE wettqet diversi attivitajiet ta' riċerka permezz tal-appoġġ ta' proġetti ko-finanzjati mill-UE. Fl-2009, kif imsemmi iktar 'il fuq l-NCPE ħadmet fuq il-proġett mill-programm PROGRESS 2007-2013 *Ngħixu l-Ugwaljanza*, li jħares b'mod partikolari lejn l-ippjanar ta' finanzi abbażi tal-ħtiġijiet tan-nisa u tal-irġiel (gender responsive budgeting) u l-implimentazzjoni tiegħu. L-NCPE tieħu ħsieb ukoll tissorvelja, tirrevedi u tagħti suġġerimenti għal emendl tal-liġijiet skont il-bżonn

[1] COM 2006 (92) finali - 'Il-Pjan ta' Rotta għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-irġiel'

biex tassigura l-implimentazzjoni sħiħa ta' politika ta' inklużjoni fl-oqsma kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet (bħal ngħidu aħna l-oqsma monetarji, infrastrutturali, xogħol, saħħa, edukazzjoni u ambjent).

Dan it-tip ta' ostakoli strutturali spiss jiġu identifikati mill-NCPE waqt li tkun qed issir reviżjoni ta' statistiċi partikolari, miżuri politiċi, proċeduri u riċerka li kultant juru oqsma speċifiċi li jkun hemm bżonn li jiġu ndirizzati.

Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tad-diverista' "biex tiġi żgurata parteċipazzjoni soċjali irrispettivament mir-reliġjon jew twemmin, diżabilita', eta', ġeneru jew orjentazzjoni sesswali" hija wkoll prijorita nazzjonali għal Malta[2]. Fil-fatt, fl-2009, l-NCPE temmet il-proġett ko-finanzjat mill-UE, *Leħen għal Kulħadd – VS/2007//0477*, li ħeġġeġ lill-parteċipanti biex jisfidaw il-proċessi ta' ħsieb u ta' tagħlim li jwasslu għal diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru, eta', reliġjon/twemmin, razza, diżabilita' u orjentazzjoni sesswali, u jħaddnu d-diversita' b'mod pożittiv. L-għanijiet ta' dan il-proġett kienu fundamentali biex ikomplu jinfurmaw lin-nies dwar id-drittijiet tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' trattament ugwali. Għaldaqstant, permezz ta' dan il-proġett, ġiet attivata koperazzjoni u ingħatat promozzjoni lid-djalogu waqt li l-parteċipanti adottaw mentalita' ibbażata fuq l-għarfien u t-tolleranza. Bħala medja, il-Maltin hemm tendenza li huma aktar mgħarrfa mill-medja tal-Ewropej l-oħra dwar id-drittijiet tagħhom jekk ikunu soġġetti għal diskriminazzjoni u fastidju[3]. Fil-fatt parti oħra mill-proġett kienet tinvolvi l-identifikazzjoni, permezz ta' riċerka, ta' eżempji tajbin li jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jippromwovu l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza. Dawn l-eżempji tajba ġew imqassma permezz ta' fuljetti lil min iħaddem u kienu jindirizzaw bosta partijiet interessati rispettivament.

[2] Strateġiji għall-Ħarsien u l-Inklużjoni Soċjali 2008-2010.
[3] Diskriminazzjoni fl-UE 2009. Riżultati għal Malta. EUROBAROMETER.

Aspett ieħor importanti tax-xogħol tal-NCPE huwa t-tixrid ta' informazzjoni u l-ħolqien ta' kuxjenza. L-NCPE taħdem permezz ta' diversi mezzi tal-medja biex ixxerred l-informazzjoni dwar l-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni u anke tinforma dwar il-mezzi differenti ta' kif jista' jsir kuntatt mal-NCPE- f'każ li persuna tkun tixtieq tressaq xi ilment, titlob informazzjoni jew tiċċara xi diffikultajiet. Ħafna minn dawn il-kampanji edukattivi huma possibbli permezz ta' apoġġ minn programmi differenti ta' ko-finanzjar mill-UE disponibbli f'dan il-qasam. Fil-fatt, iżjed informazzjoni dwar il-proġetti li l-NCPE ħadmet fuqhom fl-2009, kif ukoll dwar l-aspetti ta' ħolqien ta' għarfien rispettivi tagħhom, tinstab f'sezzjoni 2 ta' dan ir-rapport.

Fl-2009, l-NCPE bidet taħdem fuq il-proġett FSE 3.47 - Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara bl-għan li tagħti kontribut sabiex tiżdied ir-rata ta' nisa li jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol permezz ta' riċerka li se tħares lejn punti differenti li jinfluwenzaw ir-rata ta' nisa li jaħdmu. Ta' min jgħid li l-enfażi biex iktar nisa jitħajru jidħlu jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol mhix biss prijorita fuq livell nazzjonali[4] iżda wkoll prijorita fuq livell Ewropew[5]. Minħabba li ż-żieda fir-rata ta' nisa li jaħdmu kienet waħda gradwali ħafna f'dawn l-aħħar snin, (minkejja l-fatt li fl-2008/2009, 59.4% mill-gradwati mill-Universita' kienu nisa[6]) l-informazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet li se joħorġu minn din ir-riċerka se jipprovdu bażi soda għall-formulazzjoni ta' politika li tindirizza dan is-suġġett. Barra minn hekk, fis-sena 2009, dehret żieda ċara fin-numru ta' nisa 'leġiżlaturi, uffiċjali superjuri u maniġers'[7]. Ir-riċerka li hija ppjanata permezz ta' dan il-proġett għandha fost l-għanijiet, dak li tidentifika r-raġunijiet għala n-nisa għadhom m'humiex rappreżentati biżżejjed f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Barra minn hekk, it-titjib tar-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol, il-ħajja privata u dik tal-familja

[4] Programm Nazzjonali ta' RIforma 2008-2010. Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment.
[5] Linji Gwida dwar l-iżvilupp u l-Impjieg (2008-2010). COM (2007) 803 finali.
[6] Universita' ta' Malta.. Uffiċju tar-Reġistratur. Statistika dwar il-Gradwati skont il-Fakulta/ Istitut, Kors u r-Rotta ta' Studju.
[7] Uffiċju Nazzjonali tal-iStatistika, 2009.. *Labour Force Survey: Q2/2009.*

huwa punt kruċjali biex jissalvagwardja l-opportunitajiet indaqs bejn il-ġeneri[8]. Għaldaqstant parti oħra mill-proġett se tkun l-għoti tal-'*Equality Mark*' – li se tingħata lil min iħaddem meta dawn tassew iħadnu l-prinċipji tal-ugwaljanza u l-opportunitajiet indaqs, inkluż il-promozzjoni ta' politika ta' rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

Flimkien max-xogħol imsemmi, responsabbilta' importanti oħra tal-NCPE hija dik li tirċievi u tinvestiga ilmenti li jaqgħu taħt l-obbligi u r-responsabbiltajiet tagħha. Il-Kummissjoni tista' tibda investigazzjonijiet minn rajha fuq kull materja li tinvolvi xi azzjoni jew xi nuqqas li jmur allegatament kontra l-liġi. Fil-fatt kwistjonijiet li joħorġu mill-ilmenti, mhux biss jinfluwenzaw it-taħriġ li jingħata mill-Kummisjoni, iżda jintużaw ukoll biex jiġu indirizzati u korretti sitwazzjonijiet ta' diskriminazzjoni. F'dawn il-każijiet, l-NCPE tibda proċess ta' kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet rispettivi biex tipprovdi appoġġ biex tinstab soluzzjoni għall-ostakli identifikati. Iżjed informazzjoni dwar l-ilmenti tinstab f'sezzjoni 3 ta' dan ir-rapport.

Minbarra l-ilmenti, il-Kummissjoni jkollha ħafna kuntatt mal-pubbliku ġenerali u ma' organizzazzjonijiet li jitolbu għajnuna u informazzjoni dwar miżuri favur il-familja, provvedimenti tal-liġi Maltija dwar l-ugwaljanza, kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, il-fastidju sesswali, l-impjieg u l-miżuri favur il-familja, l-edukazzjoni, ħlas ugwali għal xogħol tal-istess valur, il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika, n-nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, kif ukoll dwar pubblikazzjonijiet u fuljetti varji. Dawn it-talbiet għall-informazzjoni għandhom ukoll funzjoni oħra, dik li permezz tagħhom jiġu identifikati suġetti li l-pubbliku għandu bżonn kjarifika dwarhom. Għaldaqstant, spiss punti li joħorġu mit-talbiet għall-informazzjoni jiġu inklużi fit-taħriġ, f'kampanji ta' ħolqien ta' għarfien u wkoll fi proposti għall-proġetti. Iżjed

---

[8] 'It-Titjib ta' rikonċiljazzjoni tax-xogħol, l-ħajja privata u tal-familja' hija t-tieni priorita ta' 'Il-Pjan ta' Rotta għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel 2006-2010. COM 2006 (92) finali. Minn barra dan, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja u s-sostenn tal-miżuri favur il-familja, huma wkoll priorita' nazzjonali, skont in-*National Report on Strategies for Social Protection and Social Inclusion 2008-2010 Malta*.

informazzjoni dwar dawn it-talbiet għall-informazzjoni tinstab f'sezzjoni 4 ta' dan ir-rapport.

L-inizjattivi kollha msemmija ma jkunux kompluti li kieku ma kienx għall-appoġġ li l-NCPE titlob mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi attivi fil-qasam lokali li jaħdmu fl-oqsma tal-ugwaljanza, non-diskriminazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem, organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, trejd *Unions* u s-soċjeta' ċivili. Matul l-2009, l-NCPE talbet pariri u ikkonsultat ma' dawn l-organizzazzjonijiet f'ċirkostanzi differenti, fosthom: biex talbet rispons jew kummenti għall-kwestjonarju dwar id-diskriminazzjoni fis-settur bankarju u f'dak tal-assigurazzjoni; fi sħubija f'inizzjattivi ta' proġetti; għal parteċipazzjoni f'taħriġ, ħolqien ta' kuxjenza, riċerka, proċessi ta' konsultazzjoni waqt il-kitba tal-proġetti; u kif ukoll fl-iżviluppar ta' dokumenti ta' sfond li jiddeskrivu s-sitwazzjoni lokali fil-qasam tal-ugwaljanza u d-diskriminazzjoni. Matul dan ir-rapport, tinstab iżjed informazzjoni dwar din il-ko-operazzjoni, fejn se jiġu spjegati l-inizzjattivi partikolari li seħħew matul l-aħħar sena.

Ta' min jgħid li aspett predominanti fix-xogħol kollu tal-NCPE huwa l-istrateġija tal-komunikazzjoni. Fil-fatt, huwa importanti ħafna għall-NCPE li dejjem ittejjeb l-isforzi komunikattivi tagħha biex tiżgura li l-ħolqien ta' kuxjenza u t-tixrid ta' informazzjoni jasal għand kemm jista' jkun nies. Dan huwa importanti b'mod speċjali minħabba xhieda ċara li persentaġġ għoli mill-gruppi ta' minoranza etnika u immigranti f'Malta ma jafu dwar ebda organizzazzjoni li toffri appoġġ u pariri lil persuni li jisfaw vittma ta' diskriminazzjoni[9]. Għaldaqstant l-istrateġija ta' komunikazzjoni li tuża l-NCPE għandha l-għan li tkun waħda ħolistika u fl-istess ħin tkun flessibbli biżżejjed li tilqa' għal tibdil fl-ambjent tal-Kummissjoni kif ukoll għal tibdil skont il-ħtiġijiet tal-udjenzi. Iżjed informazzjoni dwar l-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-NCPE tinstab f'sezzjoni 7 ta' dan ir-rapport.

---

[9] EU-MIDIS at a glance. Introduction to the FRA's EU wide discrimination survey. European Agency for Fundamental Human Rights. 2009, European Union Minorities and Discrimination Survey.

Minbarra x-xogħol kollu msemmi hawn fuq, l-NCPE tieħu sehem f'inizjattivi ta' saħħa u sigurta' kif ukoll f'inizjattivi favur l-ambjent.

Fl-2005, l-NCPE introduċiet miżuri favur l-ambjent. Minn dak iż-żmien, l-NCPE ħatret *Green Leader* li xogħlu/ha li j/tiżgura li dawn il-miżuri jkunu rispettati f'kull qasam. Ir-responsabbiltajiet ewlenin tal-*Green Leader* jinkludu li b'mod kontinwu tinħoloq kuxjenza fost il-membri tal-istaff; tinġabar *data* dwar prattiċi relatati mal-kura tal-ambjent, meta jkun meħtieġ; jiġu mħarsa dawk li huma magħrufa bħala it-3 Rs (tnaqqas, terġa tuża u tirriċikla); jiġu implimentati pjanijiet; u jattendu laqgħat apposta u korsijiet relatati ma' inizjattivi favur l-ambjent. L-NCPE tarmi l-iskart permezz li tissepara dan l-iskart; tarmi batteriji wżati b'mod separat; tirritorna *toners* tal-linka biex jiġu riċiklati; tiżgura li l-użu tal-enerġija jinżamm kemm jista' jkun baxx; tuża basktijiet tal-plastik biodegradabbli; tiżgura użu aħjar tal-karti qabel dawn jinteremw, u terġa tuża l-enveloppijiet. Barra minn hekk, l-NCPE tippromwovi u tħares l-ambjent anke fit-*tenders* tagħha, fejn jingħta minimu ta' 5% tal-marki għal dan il-għan meta jkunu qed jiġu evalwati *tenders* dipartimentali kif ukoll *tenders* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Għad li mhux post ta' riskju għoli għall-aċċidenti, l-NCPE għandha rappreżentant għas-Saħħa u s-Sigurta'. Ix-xogħol ewlieni ta' dan ir-rappreżentant huwa li jiżgura li jittieħdu l-miżuri kollha li hemm bżonn biex jiġi evitat kull tip ta' aċċident fuq il-post tax-xogħol. Fil-fatt, il-membri tal-istaff jiġu mgħarrfa u jingħataw taħriġ filwaqt li jaċċertaw ruħhom li kull miżura neċessarja tittieħed biex jiġi evitat kull periklu.

## *1.3 Riċerka*

Matul l-2009, l-NCPE wettqet riċerka dwar kwistjonijiet relatati mal-ġeneru biex permezz t'hekk tipprovdi informazzjoni, sejbiet u rakkomandazzjonijiet li jintużaw meta titfassal il-politka. Permezz ta' din ir-riċerka inkisbet evidenza ibbażata fuq il-fatti biex tixpruna żviluppi u bidliet politiċi sabiex tissalvagwardja l-prinċipju ta' trattament ugwali. Barra minn dan, din ir-riċerka kienet fundamentali biex mhux biss jinftiehmu, jiġu identifikati u analizzati prattiċi tajbin, iżda wkoll l-implikazzjonijiet tagħhom għal żmien qasir u anke fit-tul, xi problemi fl-implimentazzjoni tagħħhom, kif ukoll soluzzjonijiet possibbli.

Fl-2009, l-NCPE ħadet sehem fi proġett tas-soċjeta' ċivili dwar *Malta fl-Unjoni Ewropea – Ħames snin wara u nħarsu lejn il-ġejjieni*, ippubblikat miċ-Ċentru Ewropew tad-Dokumentazzjoni u r-Riċerka, Iċ-Ċentru Ewropew tal-Eċċellenza Jean Monnet, l-Universita' ta' Malta. L-għan ta' dan ir-rapport kien li jistudja l-kambjamenti fil-valuri f'Malta matul dawn l-aħħar ħames snin, wara d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Għal dan il-għan, l-NCPE wettqet riċerka biex tanalizza l-kambjamenti li qed iseħħu b'mod gradwali lejn ugwaljanza fil-fatt fis-soċjeta' Maltija. L-NCPE tat ħarsa lejn it-tibdil li sar fil-qasam legali u dak politiku bl-għan li jkompli jissaħħaħ il-prinċipju ta' trattament ugwali. Madankollu, flimkien ma' tibdil fil-liġi, l-NCPE ġibdet l-attenzjoni dwar bosta inizzjattivi li ttieħdu biex tinħoloq kuxjenza u tgħallem lill-pubbliku dwar drittijiet u responsabbiltajiet marbuta mal-ugwaljanza, li wkoll ikkontribwixxew għall-bidla soċjali. Fil-fatt, permezz tar-riċerka, il-Kummissjoni innutat tibdil gradwali li fil-fatt seħħ fl-oqsma tal-politika, l-edukazzjoni, l-impjieg u l-familja f'dak li għandu x'jaqsam mal-aspett tad-diskriminazzjoni u t-trattament ugwali. Dawn il-bidliet kienu evidenti f'riżultati statistiċi, li sabu li, għad li l-Maltin għadhom iħadnu valuri tradizzjonali fejn jidħlu r-rwoli u r-responsabbiltajiet

tan-nisa u l-irġiel kif ukoll sterjotipi fuq bażi ta' razza, hemm pressjoni għal riforma u tibdil fil-kultura minn forzi soċjali u ekonomiċi.

Apparti minn hekk, l-NCPE ikkompilat informazzjoni dwar l-oqsma ekonomiċi u soċjali relatati mal-ugwaljanza, li nġabret direttament minn entitajiet oħra li għandhom esperjenza f'oqsma ta' interess marbuta mal-ugwaljanza. Ir-rispons u l-informazzjoni li nġabar minn ministeri u dipartimenti tal-gvern, organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet mis-soċjeta ċivili, trejd unions u assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem fost l-oħrajn, kien mezz tajjeb ħafna li permezz tiegħu ġiet miġbura informazzjoni minn entitajiet differenti li jaħdmu għall-istess għanijiet. Għaldaqstant saru laqgħat ma' dawn l-organizzazzjonijiet minħabba li l-NCPE tqis li l-opinjonijiet tagħhom huma fundamentali għal skop ta' tagħlim reċiproku u tkabbir ta' abbiltajiet. Matul l-2009, il-Kummissjoni ikkonsultat b'mod regolari ma' dawn l-entitajiet speċjalment f'attivitajiet li huma marbuta mal-qasam ta' għarfien espert rispettiv tagħhom. Permezz tat-tqassim u l-kumpilazzjoni ta' din l-informazzjoni u esperjenzi, l-NCPE kabbret il-bażi ta' għarfien tagħha li swiet ħafna waqt il-kitba ta' proġetti ġodda, ta' politika, ta' rispons u għal dokumentazzjoni oħra.

Matul din is-sena tkompliet il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi. Fl-2009, l-NCPE iffukat iktar fuq l-implimentazzjoni ta' Artiklu 5 ta' din id-Direttiva li jiggarantixxi li l-użu tas-sess bħala fattur determinanti fil-kalkolu ta' riskji fil-qasam tal-assigurazzjoni u servizzi finanzjarji relatati, jista' jsir biss meta jkun ibbażat fuq data attwarjali u statistika rilevanti u preċiża li tiġi ppubblikata u tintbagħat lill-NCPE skont Regolament 5 tal-Avviż Legali 181 tal-2008. Għal dan il-għan, l-NCPE ħolqot sistema ta' notifika interna u ħatret persuni sabiex jissorveljaw dan il-proċess ta' notifikazzjoni. L-NCPE ħejjiet ukoll sett ta' linji gwida għall-fornituri ta' servizzi tal-

assigurazzjoni u servizzi finanzjari relatati. Dawn saru wara proċess ta' konsultazzjoni fejn ipparteċipaw il-*Malta Financial Services Authority* (MFSA), l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Assigurazzjoni (MIA) u l-*Malta Insurance Managers Association* (MIMA).

Il-Kummissjoni ġabret ukoll *data* biex twieġeb kwestjonarju tal-Kummissjoni Ewropea li sar bħala parti minn Studju fuq l-Użu tal-Eta', id-Diżabilita', is-Sess, it-Reliġjon jew it-Twemmin, ir-Razza u l-Oriġini Etnika u l-Orjentazzjoni Sesswali fis-Servizzi Finanzjarji. Sabiex tiġbor din l-informazzjoni, l-NCPE organizzat laqgħat ta' konsultazzjoni ma' diversi entitajiet esperti fl-oqsma tad-diskriminazzjoni biex ikollha firxa wiesgħa ta' informazzjoni dwar trattamenti differenzjali fis-servizzi finanzjarji fuq kull bażi. Fost l-oħrajn saru laqgħat mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' (KNPD) u diversi organizzazzjonijiet mhux governattivi. Barra minn dawn, l-NCPE iddiskutiet ukoll mal-*Malta Financial Services Authority* (MFSA), l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Assigurazzjoni (MIA) u l-*Malta Bankers' Association* (MBA) biex tikseb għarfien dwar il-prattiċi kurrenti tal-fornituri ta' servizzi finanzjarji kif ukoll biex tidentifika sitwazzjonijiet potenzjali ta' diskriminazzjoni u anke mezzi biex dawn jiġu evitati. Permezz ta' din ir-riċerka, l-NCPE esplorat fid-dettall kif u meta l-eta', id-diżabilita', is-sess, ir-reliġjon/twemmin u l-orjentazzjoni sesswali jiġu wżati fl-għoti ta' servizzi finanzjarji.

L-NCPE hija rikonoxxuta mill-Commonwealth bħala l-Makkinarju Nazzjonali tan-Nisa f'Malta. Għalhekk fl-2009, l-NCPE kienet responsabbli sabiex tikko-ordina l-ġbir ta' informazzjoni minn diversi entitajiet għall-studju ta' nofs it-terminu dwar l-implementazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri li tfassal mill-Commonwealth għall-perjodu 2005-2015 (*Mid-Term Review of the Commonwealth Plan of Action for Gender Equality 2005-2015*). Fil-fatt ir-rwol tal-NCPE f'dan l-istudju kien jikkonsisti fit-tqassim, promozzjoni u ko-ordinazzjoni tal-informazzjoni

mill-Ministeri ewlenin, Dipartimenti, soċjeta' ċivili u organizzazzjonijiet mhux governattivi biex b'hekk jiġu kkumpilati kwestjonarju kif ukoll rapport għal Malta. Għalhekk, l-NCPE organizzat laqgħat ta' konsultazzjoni ma' rappreżentanti minn dawn l-entitajiet biex tiddiskuti u tidħol fil-fond fir-rigward tad-diversi oqsma msemmija fil-kwestjonarju. Fil-fatt, permezz ta' din ir-riċerka, inġabret data dwar l-oqsma kritiċi tal-Pjan t'Azzjoni (li huma Ġeneru - demokrazija, paċi u kunflitt; Ġeneru – drittijiet tal-bniedem u liġijiet; Ġeneru – il-qerda tal-faqar u s-saħħa ekonomika; u Ġeneru u l-HIV/AIDS) flimkien ma' rispons dwar ir-rwoli ta' mekkaniżmi istituzzjonali li jaħdmu fuq l-ugwaljanza u d-drittijiet tan-nisa, kif ukoll intervenzjoni tas-Segretarjat tal-Commonwealth dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

### 1.4 - Sehem f'Laqgħat/Konferenzi

#### 1.4.1 – UE/ Internazzjonali

08 sa 09.01.09 – Laqgħa ta' Livell Għoli dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, UE fi Praga, Repubblika Ċeka.

05 sa 06.02.09 – Il-Laqgħa tal-CDEG Bureau saret fi Strasburgu, Franza. Fl-aġenda kienet tinkludi: ir-Rakkomandazzjoni dwar Prevenzjoni ta' Kunflitt, Riżoluzzjoni u Bini tal-Paċi; il-Konferenza ta' Livell Għoli li kien imiss li saret f'Mejju 2009 u l-Konferenza Ministerjali tas-7 Kunsill tal-Ewropa.

26 sa 27.02.09 – Laqgħa tal-ECRI fi Strasburgu. It-tema ċentrali f'din il-laqgħa kienet il-komunikazzjoni fuq l-oqsma ta' razza.

18.03.09 – Laqgħa tal-EQUINET fi Brussell fil-bini tal-Parlament Ewropew. Id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE kienet waħda mill-kelliema mistiedna biex tiddiskuti dak li l-NCPE kisbet mill-isħubija fl-EQUINET.

19.03.09 – Konferenza fi Brussell dwar id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel. L-iskop ta' din il-konferenza kien li tippreżenta u tiddiskuti s-sejbiet preliminari tal-istudju dwar l-evalwazzjoni ta' kemm huwa effettiv il-qafas legali kurrenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol tal-istess valur. Għan ieħor tal-konferenza kien biex jitfasslu prijoritajiet għal aktar azzjoni dwar is-suġġett ta' ħlas ugwali għal xogħol ta' l-istess valur.

20.03.09 – Il-Kummissarju tal-NCPE attendiet għal-laqgħa fi Brussell, tal-Korpi li jaħdmu dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Id-diskussjonijiet b'mod ġenerali kienu l-aktar dwar id-direttiva dwar l-aċċess għal provvisti u servizzi, u dwar l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/113/KE.

24.03.09 – L-Uffiċċju tad-DG EMPL organizza Forum dwar l-Implimentazzjoni ta' Artiklu 5 tad-Direttiva 2004/113/KE, fi Brussell. L-avukat tal-NCPE attendiet għal dan il-forum.

25.03.09 – Ġiet organizzata laqgħa fi Brussell bl-għan li tkun esplorata l-possibilta' li jitwaqqaf qafas ta' ħidma dwar il-ġeneru, immexxi minn Toscana, li kienu wkoll il-ko-ordinaturi ta' dan il-proġett. L-NCPE ħadet sehem f'din il-laqgħa u iżjed tard iffirmat ftehim ta' ko-operazzjoni, bil-possibilta' li tesplora opportunitajiet ta' proġetti differenti bħala qafas ta' organizzazzjonijiet stabbiliti (minn diversi Stati Membri tal-UE li jaħdmu f'oqsma simili).

06 sat-08.04.09 – Fi Strasburgu saret laqgħa tal-Kumitat Ad Hoc dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa. L-iskop ta' din il-laqgħa kien biex jinbeda x-xogħol dwar strumenti iżjed vinkolanti legalment biex permezz tagħhom tiġi evitata u miġġielda l-vjolenza domestika u forom oħra ta' vjolenza fuq in-nisa kif ukoll biex il-vittmi jiġu protetti u jingħataw l-appoġġ meħtieġ.

15 sas-17.04.09 – Fi Strasburgu saret il-41 Laqgħa tas-CDEG. Matul din il-laqgħa, ġew diskussi fost l-oħrajn miżuri biex in-nisa jiġu protetti mill-vjolenza, l-istandards b'rabta mal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll mekkaniżmi u miżuri biex ikun miġġieled it-traffikar ta' persuni.

28 sad-29.04.09 – F'Dublin sar taħriġ tal-EQUINET dwar l-Aċċess għad-Drittijiet. L-għan ewlieni ta' dan il-programm ta' taħriġ kien: l-iskambju ta' esperjenzi u eżempji tajba fl-għoti ta' informazzjoni fuq id-drittijiet; li jinftehmu aħjar il-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli b'rabta mal-għoti ta' informazjoni u metodi effettivi ta' komunikazzjoni ma' dawn il-gruppi; it-tfassil ta' strateġiji b'kollaborazzjoni ma' partijiet interessati oħra li huma attivi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

04 sas-06.05.09 – Konferenza dwar Ippjanar finanzjarju b'rabta mal-ġeneru f'Ateni. Din il-laqgħa saret biex fiha ssir diskussjoni u jiġu żviluppati idejat ġodda biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjo ekonomiċi eżistenti bejn in-nisa u l-irġiel permezz ta' formular mill-ġdid tad-dħul u n-nefqa tal-istat skont il-bżonnijiet taċ-ċittadini Ewropej rispettivi.

12 sat-13.05.09 – Laqgħa tal-Qafas Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (EQUINET) flimkien mal-Aġenzija tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali (FRA) li saret ġewwa Vjenna. L-għan ta' din il-laqgħa kien biex jiġu diskussi oqsma ta' interess komuni u possibilitajiet ta' kollaborazzjoni; l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prijoritajiet ta'

ħidma kurrenti u futura; biex tiġi diskussa l-kwistjoni ta' nuqqas ta' rappurtar minn vittmi ta' diskriminazzjoni u nuqqas ta' għarfien dwar drittijiet fost gruppi vulnerabbli.

27.05.09 – Konferenza Ewropea li saret fi Praga dwar metodi ġodda biex jiġu megħluba l-isterjotipi ibbażati fuq il-ġeneru. Din il-konferenza saret bl-appoġġ tal Programm tal-Komunita Ewropeja għax-Xogħol u Solidarjeta' Soċjali (2007-2013).

30.06.09 – EQUINET Seminar Legali li sar fi Brussell. Dan is-seminar sar bl-għan li jagħti opportunita' lill-avukati li jaħdmu ma' korpi nazzjonali tal-ugwaljanza biex jiltaqgħu u jaqsmu l-idejat ma' esperti legali u prattikanti oħra fil-qasam tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni f'livell avvanzat ta' għarfien espert. Barra minn hekk, matul is-seminar ġie ppreżentat ukoll l-iskop tal-liġi tal-UE dwar l-anti diskriminazzjoni; saret ukoll diskussjoni dwar l-interpretazzjoni possibbli tal-liġijiet eżistenti; ġew ippreżentati l-aħħar żviluppi fis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Ewropa (ECJ) fir-rigward ta' trattament ugwali u sar ukoll dibattitu dwar kif korpi nazzjonali tal-ugwaljanza jistgħu jutilizzaw il-poteri tagħhom b'rabta ma' litigazzjoni quddiem il-qrati nazzjonali u dawk Ewropej.

07 sa 08-09.09 – Seminar dwar l-iskambju ta' eżempji tajba tal-integrazzjoni tal-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni li sar f'Helsinki. Is-suġġett ewlieni ta' dan is-seminar kien l-integrazzjoni tal-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni bħala mezz biex tiġi żgurata l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza f'kull fażi tal-proċess tat-tfassil ta' politika – mid-disinn sal-implimentazzjoni, s-sorveljar u l-evalwazzjoni – kif ukoll bħala mezz biex titnaqqas id-diskriminazzjoni li huma suġġetti għaliha gruppi soċjali partikolari.

09.09.09 – It-tieni laqgħa tal-Forum dwar l-Implimentazzjoni ta' Artiklu 5 tad-Direttiva 2004/113/KE, li saret fi Brussell. Il-Maniġer tal-NCPE attendiet għal din il-laqgħa.

03.09.09 – Laqgħa ta' Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, li saret fi Stokkolma.  L-għan ta' din il-laqgħa kien li jiġi diskuss il-futur tal-ħidma mwettqa dwar l-ugwaljanza hekk kif imsemmi fir-rapport ippreparat mill-Presidenza Svediża dwar l-Implimentazzjoni tal-indikaturi tal-Pjattaforma t'Azzjoni ta' Beijing fost l-iStati Membri; l-iStrateġija ta' Lisbona wara l-2010 u l-istrateġija ta' segwitu għal 'Il-pjan ta' rotta għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel'.

24 sal-25.09.09 – il-41 laqgħa tas-CDEG-BU fi Strasburgu.

01 sat-02.10.09 – Taħriġ Legali EQUINET dwar "Użu Prattiku tal-liġijiet dwar l-anti-diskriminazzjoni: Qorti Irrilevanti" li sar f'Lisbona.  Żewġ membri tal-istaff tal-NCPE attendew għal dan it-taħriġ.

06.10.09 – Seminar legali dwar l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE dwar l-opportunitajiet indaqs u l-anti-diskriminazzjoni organizzat mill-Kummissjoni Ewropea fi Brussell. Dan is-seminar sar bi skop biex jaġġorna lill-parteċipanti dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tan-non-diskriminazzjoni.

07.10.09 – Laqgħa Ad Hoc dwar It-Tisħiħ tar-Rwol tan-Nisa fis-Soċjeta' – Brussell. Dan ir-Raba' Grupp ta' Ħidma kien organizzat biex jikkumplimenta l-prijoritajiet li sar qbil fuqhom fil-laqgħa ministerjali ta' Istanbul "Id-Drittijiet tan-Nisa u l-Iżvilupp

Sostenibbli” u “id-Drittijiet tan-Nisa fl-iSfera Kulturali u r-Rwol tal-Kommunikazzjoni u l-Mass Medja”.

09.10.09 – It-Tieni Laqgħa Annwali tal-Korpi Nazzjonali tal-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel 2009 saret fi Brussell skont id-Direttiva 2002/73/KE. F’din il-laqgħa ġie diskuss is-suġġett ta’ trattament ugwali b’rabta mal-aċċess għall-oġġetti u servizzi.

14-16.10.09 – Il-Presidenza Svediża organizzat konferenza bl-isem “Xi tfisser l-Ugwajlanza bejn in-Nisa u l-Irġiel fil-kuntest tat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjieg?”. L-għan ta’ din il-konferenza kien li tkabbar l-għarfien u tikkonsolida r-raġunijiet għala l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tagħti kontribuzzjoni għat-tkabbir u x-xogħol, u għala l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija dimensjoni importanti għall-Istrateġija tal-UE dwar ix-xogħol u t-tkabbir, Liżbona wara l-2010.

02 sat-03.11.09 – ECE Beijing +15 Laqgħa Reġjonali ta’ Verifika li saret f’Ġeneva. L-iskopijiet ta’ din il-laqgħa kienu li: tanalizza l-progress li sar fil-qasam tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u tindirizza l-isfidi ewlenin li ġejjin; li tiddiskuti miżuri politiċi ekonomiċi mil-lat tal-ġeneru fid-dawl tal-impatt tal-kriżi finanzjarja fil-pajjiżi tar-reġjun; tiffaċilita’ tfassil ta’ politika u implimentazzjoni ibbażata fuq esperjenzi li rnexxew fil-qasam tal-politika ekonomika u tas-suq tax-xogħol; li tippromwovi sħubija biex iżżid l-ugwaljanza bejn is-sessi fir-reġjun; li toħloq forum ta’ diskussjoni dwar azzjoni fil-futur; li tagħti kontribuzzjoni għall-verifika ta’ ħmistax-il sena ta’ implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta’ Azzjoni ta’ Beijing.

5 sas-6.11.09 – Laqgħa Ġenerali Annwali tal-EQUINET li saret fi Brussell. L-iskop ta’ din il-laqgħa kien li tipproċedi bl-Elezzjonijiet għal mandat ġdid (2009–2011) ta’ Bord Eżekuttiv tal-EQUINET.

11 sa 12.11.09 – It-tieni Laqgħa Ministerjali Euromed – il-Marokk. L-iskop ta' din il-konferenza kien li: jiġi analizzat dak li nkiseb mill-ewwel konferenza Ministerjali Ewro-Mediterranja fuq it-tisħiħ tar-rwol tan-Nisa fis-Soċjeta' li saret f'Istanbul fl-2006; li tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-ewwel Konferenza Ewro-Mediterranja; biex itennu l-impenn li jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-liġi u fil-fatt, kif ukoll li jirrispettaw id-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali tan-nisa kif ukoll tal-irġiel, hekk kif definiti fl-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem li jagħmlu parti minnhom.

16 sas-17.11.09 Summit tal-Ugwaljanza, Stokkolma. L-iskop ta' din il-laqgħa kienet biex jinxtered għarfien u esperjenzi biex jiġu żviluppati metodi aktar effettivi biex issir ħidma kontra kull forma ta' diskriminazzjoni kif ukoll biex issir promozzjoni ta' drittijiet u opportunitajiet indaqs għal kulħadd fl-UE.

17 sat-18.11.09 – Differenzi tal-Ġeneru fil-Qasam tal-Edukazzjoni – Uppsala, Svezja. Permezz ta' din il-konferenza kien hemm l-opportunita' li jiġu diskussi il-konsegwenzi fit-tul tad-differenzi bejn il-ġeneri fil-qasam ta' kisbiet edukattivi, ir-raġunijiet li jwasslu għal dawn id-differenzi u modi differenti ta' kif dawn jistgħu jiġu ndirizzati.

20.11.09 – Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Ugwali bejn in-Nisa u l-iRġiel – Brussell. L-għan ta' din il-laqgħa kien li tiġi diskussa u żviluppata opinjoni dwar il-politika tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri wara l-2010 kif ukoll li jiġu diskussi l-prijoritajiet li għandhom jiġu inklużi f'qafas possibbli għall-futur dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

10 sal-11.12.09 – Konferenza bl-isem – Nagħmlu d-Drittijiet Realta' għal Kulħadd organizzata mill-Agenzija tad-Drittijiet Fundamentali – Stokkolma. Din il-Konferenza

kienet l-avveniment ewlieni għal Jum id-Drittijiet tal-Bniedem. Din il-Konferenza laqqgħet flimkien iżjed minn mitejn figura ewlenija mill-gvernijiet tal-iStati Membri, istituzzjonijiet tal-UE, organizzazzjonijiet inter-govermentali, awtoritajiet lokali, soċjeta' ċivili u korpi speċjalizzati fid-drittijiet tal-bniedem. Din is-sena, din l-aġenzija ħadmet ukoll bl-għan li tibni momentum għal "Nagħmlu d-Drittijiet Realta' għal Kulħadd" u kien iddedikat għas-sitwazzjoni ta' gruppi emarġinati li huma aktar vulnerabbli għall-vjolazzjoni tad-drittijiet, id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali fl-UE.

14.12.09 – Laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv Malta – Italja (Catania). Dan il-Kumitat iltaqa' bl-għan li jiddiskuti u jagħti l-approvazzjoni għal dokumenti marbuta mal-Programm Operazzjonali Malta – Italja 2007 – 2013.

**1.4.2 – Lokali**

Jannar 2009 – Ġew organizzati diversi laqgħat mill-Uffiċċju tar-Rappreżentazzjoni tal-UE f'Malta bi tħejjija għall-parteċipazzjoni tal-fiera "L-Ewropa Qrib Tiegħek" li saret f'Bieb il-Belt, Valletta bejn l-20 u l-24 ta' Jannar 2009, li matulha l-Kummissjoni organizzat stand ta' informazzjoni.

07.01.09 - Saret laqgħa mad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċju Nazzjonali tal-iStatistika (NSO) fejn ġew diskussi diversi punti b'rabta mal-ġbir tal-istatistika u d-data.

14.01.09 – Il-Konferenza tal-Għeluq tal-Proġett *Ngħixu l-Ugwaljanza VS/2007/0442* saret fil-'Victoria Hotel' tas-Sliema. Tul dan l-avveniment tqassmu diversi pubblikazzjonijiet li ħarġu minn dan il-proġett. Din il-konferenza ingħalqet minn Dr.G Grima, Segretarju Permanenti Prinċipali fid-dawl tal-fatt li dan il-proġett kien immirat speċifikament lejn l-amministrazzjoni pubblika.

20.01.09 – Saret Laqgħa mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn ġew diskussi diversi punti li inġiebu għall-attenzjoni tal-NCPE.

22.01.09 – saret laqgħa mal-imsieħba trans-nazzjonali fil-proġett *Leħen għal Kulħadd VS/2007/0477* bħala parti mit-tħejjija tal-Konferenza tal-Għeluq li saret fit-23 tax-xahar. L-imsieħba kienu *Institute for Conflict Research* mill-Irlanda ta' Fuq*,* *SYMFILIOSI* minn Ċipru u *Ufficio Nazionale Antidiscriminazione Razziali – Departimento per le Pari Opportunita* Italja.

23.01.09 – Il-Konferenza tal-Għeluq tal-proġett "Leħen għal Kulħadd" li saret fil-Lukanda Intercontinental, San Ġiljan.

30.01.09 – Il-Ministeru tal-Edukazzjoni organizza Konferenza Nazzjonali dwar id-Djalogu Interkulturali li saret fil-Kavallier ta' San Ġakbu. Id-Direttur Eżekuttiv ġiet mitluba tmexxi grupp ta' ħidma dwar id-Diversita' u x-Xogħol.

04.02.09 – Saret laqgħa tas-Sottokumitat dwar is-Sorveljar Settorali tat-Trasport. Matulha ġew ippreżentati rapporti dwar il-progress li sar f'varji Proġetti ERDF u f'proġetti oħra mill-Fond ta' Koeżjoni. L-NCPE tieħu sehem f'dawn il-laqgħat bħala parti interessata b'mod orizzontali li tirrapreżenta l-opportunitajiet indaqs.

16.02.09 – Saret laqgħa formali mal-Eċċellenza Tiegħu il-President ta' Malta, il-Palazz. Matul din il-laqgħa ġie ppreżentat ir-Rapport Annwali tas-sena 2008.

20.02.09 – Saret laqgħa formali mal-Prim Ministru f'Kastilja fejn ġie ppreżentat ir-Rapport Annwali tas-sena 2008.

02.03.09 – Saret laqgħa organizzata mill-Uffiċju tar-Rappreżentanza tal-UE f'Malta bħala post-mortem tal-fiera l-Ewropa Qrib Tiegħek.

05.03.09 – Saret laqgħa formali mal-Kap tal-Oppożizzjoni (PL) fil-Kwartieri Ġenerali il-Ħamrun, fejn ġie ppreżentat ir-Rapport Annwali tas-sena 2008.

05.03.09 – Saret laqgħa ta' diskussjoni fil-Kwartieri Ġenerali tal-Partit Laburista (PL) biex jiġi ċelebrat il-Jum Internazzjonali tal-Mara. It-tema tad-diskussjoni kienet "X'inhuma l-bżonnijiet tal-familja llum". L-avveniment kien immexxi minn Dr M. Spiteri Debono bħala President tal-Għaqda Nisa Laburisti. L-NCPE kienet mistiedna biex tieħu sehem f'din id-diskussjoni.

06.03.09 – Il-Konferenza Annwali NCPE saret fil-lukanda Le Meridien, San Ġiljan.

06.03.09 – Il-Kummissjoni tal-Familja organizzat konferenza 'Noħorġu min-nasba tal-faqar' (Overcoming the Poverty Trap) li saret fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali. L-NCPE attendiet għal din il-konferenza.

17.03.09 – Il-Qafas Ewropew Kontra r-Razziżmu (ENAR) organizza taħdita dwar l-azzjoni pożittiva. L-NCPE attendiet għal din it-taħdita.

24.03.09 – Il-Kummissjoni Maltija Tuneżina kellha laqgħa l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin kif ukoll diversi laqgħat ma' entitajiet lokali u rappreżentanti tat-Tuneżija.

25.03.09 – Il-Ministeru għall-Politika Soċjali organizza seminar bl-isem 'l-Ewwel Sena ta' Ħidma' li sar fl-uffiċini ġodda tal-ACCESS fil-Belt Valletta. L-On. Ministru John Dalli ippreżenta l-kisbiet tal-Ministeru matul l-ewwel sena tal-leġiżlatura preżenti. L-NCPE attendiet għal dan l-avvenimet.

01.04.09 – Il-mara tal-Prim Ministru, Is-Sra Kate Gonzi organizzat laqgħa fejn il-kelliema ewlenija kienet Is-Sra Cherie Blair il-mara tal-eks Prim Ministru Ingliż Tony Blair. Is-suġġett ta' din id-diskussjoni kien il-bilanċ bejn il-karriera u l-familja.

03.04.09 – Saret laqgħa ma' rappreżentant mis-sezzjoni dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tal-ETC fejn kienet diskussa kollaborazzjoni fil-ġejjieni.

16.04.09 – L-NCPE ipparteċipat fl-avveniment Għad-Diversita' Kontra d-Diskriminazzjoni – Grupp ta' Ħidma Nazzjonali li sar fil-Lukanda Phoenicia.

22.04.09 – Laqgħa tal-MEUSAC – il-Kumitat Settorali dwar ix-Xogħol, il-Politika Soċjali u s-Saħħa (comm. 2009/77). Matul din il-laqgħa, saru preżentazzjonijiet dwar ir-rapporti tal-Kummissjoni Ewropea dwar "L-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2009" u "Opportunitajiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel tal-ġenerazzjoni 50+: Nikbru attivi u b'dinjita'" li segwew b'diskussjonijiet dwar dawn it-temi.

28.04.09 – Seminar organizzat mill-MSOC – B'Kuxjenza Soċjali (ITS) – Il-punti li ġew diskussi matul dan is-seminar kienu t-tisħiħ tal-familja u s-smiegħ ta' dak li għandhom xi jgħidu t-tfal.

28.04.09 – Sessjoni fejn ingħatat informazzjoni lill-benefiċjarji potenzjali mill-ERDF li saret fil-lukanda Intercontinental u kienet organizzata mill-*Managing Authority* (PPCD). L-NCPE ħadet sehem f'din il-laqgħa bħala parti interessata b'mod orizzontali b'rabta mal-opportunitajiet indaqs.

05.05.09 – *Open day* fil-Junior Lyceum tas-Subien, il-Ħamrun, bl-isem '*Me Tarzan, you Jane*'.

11.05.09 – Saret laqgħa mal-President ta' Malta Dr. George Abela fejn saret diskussjoni dwar il-kontribuzzjoni tal-NCPE biex tinkiseb bidla pożittiva fis-soċjeta' Maltija.

14.05.09 – Saret laqgħa mas-soċjeta' ċivili u għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu fil-qasam tal-anti-diskriminazzjoni bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni li qed isir biex jiġi żviluppat id-dokument dwar il-qafas ta' prijoritajiet nazzjonali għal Malta.

15.05.09 – Konferenza dwar il-Proġett tas-Soċjeta' Ċivili. Din il-konferenza ġiet organizzata miċ-Ċentru Ewropew tad-Dokumentazzjoni u Riċerka, Iċ-Ċentru Ewropew tal-Eċċellenza Jean Monnet, l-Universita' ta' Malta. F'din il-laqgħa saru diskussjonijiet dwar ir-rapport *Malta fl-Unjoni Ewropea – Ħames snin wara u nħarsu lejn il-ġejjieni*.

26.05.09 – *European Fisheries Fund (EFF) Monitoring Committee*. L-għan ta' din il-laqgħa kien biex jiġu diskussi liġijiet u regoli tal-Programm Operattiv u r-Rapport Annwali 2008. L-NCPE ħadet sehem f'din il-laqgħa bħala parti interessata b'mod orizzontali b'rabta mal-opportunitajiet ugwali.

29.05.09 – *European Agriculture Fund for Rural Development (EAFRD) Monitoring Committee*. L-għan ta' din il-laqgħa kien biex tiġi diskussa t-tnedija ta' miżuri ġodda kif ukoll ġie ppreżentat ir-rapport dwar il-Progress Annwali 2008. L-NCPE ħadet sehem f'din il-laqgħa bħala parti interessata b'mod orizzontali b'rabta mal-opportunitajiet ugwali.

29.05.09 – Laqgħa u dibattitu pubbliku dwar l-Immigrazzjoni - Fondazzjoni Temi Zammit – Sar dibattitu pubbliku dwar l-immigrazzjoni fejn ġew diskussi kwistjonijiet

bħall-mezzi tal-medja, d-drittijiet fundamentali u suġġetti oħra marbuta mal-immigrazzjoni. Din il-laqgħa saret fl-Universita' ta' Malta.

08.06.09 – *Commonwealth People's Forum (CPF) – NCW* – Fost affarijiet oħra, din il-laqgħa offriet informazzjoni ġenerali dwar il-CPF, ingħataw eżempji dwar kif iċ-ċittadini jistgħu jipparteċipaw fil-CPF, saret sejħa għall-involviment tas-soċjeta' ċivili u ġiet mifthemha direzzjoni għall-ġejjieni permezz ta' eżempji prattiċi.

09.06.09 – Saret laqgħa tas-Sotto-Kumitat Settorali għas-Sorveljar (SMSC) dwar Agrikoltura-Sajd. L-NCPE ħadet sehem f'din il-laqgħa bħala parti interessata b'mod orizzontali b'rabta mal-opportunitajiet ugwali.

09.06.09 – Saret laqgħa tas-Sotto-Kumitat Settorali għas-Sorveljar (SMSC) dwar l-Ambjent. L-NCPE ħadet sehem f'din il-laqgħa bħala parti interessata b'mod orizzontali b'rabta mal-opportunitajiet ugwali.

10.06.09 – Saret laqgħa tas-Sotto-Kumitat Settorali għas-Sorveljar (SMSC) dwar it-trasport. L-NCPE ħadet sehem f'din il-laqgħa bħala parti interessata b'mod orizzontali b'rabta mal-opportunitajiet ugwali.

12.06.09 – L-NCPE attendiet għal-laqgħa ta' konsultazzjoni mal-ETC dwar 'Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel tal-ETC'.

12.06.09 – Żjara minn Sra Anne Gaspard, Direttur Eżekuttiv, Qafas Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (EQUINET), li ingħatat merħba mid-Direttur Eżekuttiv u l-Kummissarju (NCPE). Saru laqgħat mal-Kummissjoni kif ukoll mal-membri tal-istaff.

17.06.09 L-NCPE attendiet seminar dwar l-Ażil organizzat mill-Jesuit Refugee Service (JRS) li sar f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.

22.06.09 – Saret laqgħa tas-Sotto-Kumitat Settorali għas-Sorveljar (SMSC) dwar ir-riżorsi umani u l-iżvilupp. L-NCPE ħadet sehem f'din il-laqgħa bħala parti interessata b'mod orizzontali b'rabta mal-opportunitajiet ugwali.

26.06.09 – L-NCPE attendiet seminar organizzat mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' bl-isem "Niġġieldu d-Diskriminazzjoni: Niżguraw Opportunitajiet Indaqs".

03.07.09 – L-NCPE ipparteċipat f'laqgħa ta' konsultazzjoni ta' qabel il-baġit li saret fil-Lukanda Le Meridien.

25.08.09 – Il-Maniġer tal-NCPE attendiet laqgħa tal-Grupp ta' Tmexxija dwar l-Evalwazzjoni 2007 – 2013 organizzata mill-PPCD.

18.09.09 – L-NCPE organizzat seminar bħala parti mill-Qafas ta' Esperti Soċjo-Ekonomiċi fil-Qasam tal-Anti-Diskriminazzjoni fil-Westin Dragonara Resort. L-istaff kollu tal-NCPE ipparteċipa f'dan il-grupp ta' ħidma.

22.09.09 – L-Awtorita' Maltija għall-iStandards organizzat Seminar dwar l-Ostakoli għan-Negozju. L-NCPE attendiet għal dan l-avveniment.

22.09.09 – Premju Ġurnalistiku FDAD organizzat minn BPC International Ltd. – sessjoni ta' evalwazzjoni biex jintagħżel il-ġurnalist rebbieħ ta' dan il-premju.

25.09.09 – Sar kungress organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa fil-lukanda The Palace, tas-Sliema. L-NCPE attendiet għal dan il-kungress.

30.09.09 – L-NCPE attendiet Seminar Nazzjonali organizzat mill-ETC bħala parti mill-proġett "*Noħolqu Arranġament ta' Xogħol Innovattivi bl-appoġġ tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi (PES) għal Bilanċ Aħjar bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata*". Dan is-seminar sar fil-lukanda Le Meridien San Ġiljan.

21.10.09 – Saret laqgħa tal-Grupp Nazzjonali ta' Ħidma Għad-Diversita' Kontra d-Diskriminazzjoni (FDAD) f'Dar l-Ewropa. Matul din il-laqgħa, fost affarijiet oħra, ingħatat ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet li saru mill-FDAD bħala parti minn kampanji ta' għarfien; u riżultati tal- *EU mapping and Outlook for 2010*.

28.10.09 – Konferenza dwar id-drittijiet Trans, ILGA (Europe). F'din il-konferenza ġew diskussi l-isforzi ta' organizzazzjonijiet reġjonali Ewropej fil-qasam tal-ugwaljanza tat-trans, mudelli ta' eżempji tajba u saru wkoll xi gruppi ta' ħidma dwar dawn l-istess punti.

28.10.09 – Ir-raba' *RoundTabella* ta' rappreżentanti mill-Gvern Nazzjonali, esperti fl-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza LGBT. Din ir-*roundTabella* hija qafas informali ta' uffiċjali tal-gvern. Għaldaqstant l-NCPE attendiet din il-laqgħa fir-rwol ta' osservattur. Din il-laqgħa tat aġġornament dwar l-aħħar żviluppi li saru fl-Ewropa f'dan il-qasam.

03.12.09 – Il-Formazzjoni Reliġjuża tat-Tfal f'Malta. Il-Prof. Darmanin ippreżenta studju li sar fil-kuntest ta' Malta, minn perspettiva reliġjuża b'mod partikolari dwar il-formazzjoni reliġjuża tat-tfal f'Malta.

## *1.5 – Kumitati*

### 1.5.1 – UE

<u>Bureau u l-Kumitat tat-Tmexxija għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel (CDEG) tal-Kunsill tal-Ewropa</u>

Il-Kumitat tat-Tmexxija għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel (CDEG) huwa l-korp intergovernmentali li huwa responsabbli li jiddefinixxi, jistimula u jmexxi l-azzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa biex jippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Dan il-kumitat jaqa' direttament taħt il-Kumitat tal-Ministri minn fejn joħorġu l-istruzzjonijiet u fejn is-CDEG jindirizza r-rapporti u l-proposti tiegħu. L-attivitajiet prinċipali li jaqgħu taħt ir-responsabbiltijiet tas-CDEG huma: azzjoni kontra t-traffikar ta' persuni għal skopijiet ta' esplojtazzjoni sesswali; il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa; l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel; l-ugwaljanza u d-demokrazija; in-nisa fil-politika u f'pożizzjonijit ta' teħid ta' deċiżjonijiet; u l-ugwaljanza: kwistjoni komuni għan-nisa u l-irġiel. Il-membri tal-CDEG huma maħtura mill-Gvern ta' kull Stat Membru fi ħdan l-organizzazzjoni.

<u>Il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI)</u>

Il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) hija korp tal-Kunsill tal-Ewropa. Din il-Kummissjoni għandha l-kompitu li tiġġieled kontra r-razziżmu, il-ksenofobija, l-anti-semitiżmu u l-intolleranza mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. L-ECRI hija magħmula minn 46 membru espert, wieħed minn kull Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa. L-attivitajiet tal-ECRI jkopru l-miżuri kollha possibbli biex jikkumbattu l-vjolenza, d-diskriminazzjoni u l-preġudizzju li jbatu minnhom persuni u gruppi ta' persuni, l-iktar fuq bażi ta' razza, kulur, lingwa, reliġjon, nazzjonalita' u oriġini nazzjonali u etnika. Fil-prattika, ix-xogħol tal-ECRI

jikkonsisti f'rappurtaġġ minn pajjiżi, xogħol fuq temi ġenerali u attivitajiet b'rabta mas-soċjeta' ċivili.

Qafas Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (EQUINET)

L-EQUINETjgħin biex jiġu żviluppati ko-operazzjoni u faċilitajiet ta' skambju ta' informazzjoni bejn korpi tal-ugwaljanza madwar l-Ewropa biex b'hekk tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi tal-liġijiet tal-anti-diskriminazzjoni tal-UE u tisaħħaħ il-protezzjoni legali tal-vittmi ta' diskriminazzjoni. L-għan tal-EQUINET huwa li jagħti għajnuna lill-Korpi tal-Ugwaljanza fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom billi jistabilixxi struttura sostenibbli u bażi ta' riżorsi għal skambju ta' għarfien espert, strateġiji ta' infurzar, taħriġ u eżempji tajba, kif ukoll pjattaforma ta' djalogu ma' istituzzjonijiet Ewropej.

Il-Kumitat Konsultattiv tal-UE dwar l-Opportunitajiet Indaqs bejn in-Nisa u l-Irġiel

Ir-rwol u t-twaqqif tal-Kumitat Konsultattiv tal-UE dwar l-Opportunitajiet Indaqs bejn in-Nisa u l-Irġiel ħareġ mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 82/43/KEE tal-1981. Il-mandat ta' dan il-kumitat huwa li jgħin lill-Kummissjoni tal-UE tifformula u timplimenta miżuri bl-għan li tippromwovi opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel u biex tħeġġeġ l-iskambju kontinwu ta' infromazzjoni dwar esperjenza miksuba kif ukoll miżuri li ttieħdu f'dan il-qasam bejn l-iStati Membri u entitajiet oħra involuti. Dan il-Kumitat, mhux biss jgħaqqad rappreżentanti tal-korpi nazzjonali li jaħdmu dwar l-ugwaljanza u s-77 imsieħba soċjali, iżda wkoll isegwi u jagħti pariri dwar l-iżvilupp tal-politika Ewropea dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel fl-UE

Il-Grupp ta' Livell Għoli (HLG) jipprovdi forum informali importanti għal diskussjoni u skambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar eżempji u esperjenzi sabiex itejbu s-sinerġija fost il-politiki nazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-istrateġiji għall-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fuq livell nazzjonali. Il-Grupp ta Livell Għoli huwa l-forum ewlieni għall-ippjanar strateġiku ta' segwitu tal-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Beijing, anke permezz tal-iżvilupp ta' indikaturi f'oqsma speċifiċi.

Grupp Governattiv ta' Esperti dwar non-diskriminazzjoni fl-oqsma tal-ġeneru u r-razza

Il-ħolqien ta' dan il-grupp ta' esperti ġie formalizzat permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni. Id-doveri ta' dan il-grupp huma li jistabbilixxi koperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-Kummissjoni dwar kwistjonijiet marbuta mal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-ugwaljanza; li jsegwi l-iżvilupp ta' miżuri politiċi dwar diskriminazzjoni f'livell tal-UE u dak nazzjonali; li jgħin biex ikun hemm skambju ta' idejat u eżempji tajba dwar punti ta' interess komuni marbuta man-non-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-ugwaljanza.

Forum dwar l-Implementazzjoni ta' Artiklu 5 tad-Direttiva 2004/113/KE

Il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet dan il-Forum biex ikun hemm diskussjoni dwar l-implimentazzjoni ta' Artiklu 5 tad-Direttiva 2004/113/KE. Dan jifrex qafas għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru fl-aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi. Artiklu 5 ta' din id-Direttiva jitkellem dwar l-użu tal-ġeneru bħala fattur fil-kalkolu ta' *premiums* u benefiċċji fl-assigurazzjoni u servizzi finanzjarji oħra. L-għanijiet ta' dan il-Forum huma li jgħin lill-Kummissjoni tifhem il-prattiċi kurrenti tal-Istati Membri b'rabta ma' Artiklu 5, biex eventwalment iservi fit-tifsil ta' rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artiklu nnifsu; li jiffaċilita d-djalogu mhux biss bejn

il-partijiet interessati iżda wkoll bejn dawn il-partijiet u l-Kummissjoni; kif ukoll li jħeġġeġ il-firxa ta' eżempji tajba f'dan il-qasam.

Kumitat Eżekuttiv Italja – Malta

Dan il-Kumitat Eżekuttiv twaqqaf biex jissorvelja il-Programm Operattiv Malta – Italja 2007 – 2013. Dan il-programm ġie addottat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (C (2008) 7336). Il-Kumitat Eżekuttiv huwa magħmul min-numru indaqs ta' membri Maltin u Taljani li jiġu nominati mill-Imsieħba tal-Proġett. Fost ir-responsabbiltajiet tal-Kumitat Eżekuttiv insibu, il-proposta ta' kriterji għall-għażla ta' proġetti, tfassil ta' linji gwida għall-implimentazzjoni u l-għażla ta' dawn il-proġetti b'rabta mal-Programm Malta-Italja 2007-2013.

**1.5.2 – Lokali**

Sotto-Kumitati Settorali dwar Sorveljar (SMSCs)

Il-ħames Sotto-Kumitat Settorali, immexxija mill-Awtorita' Amministrattiva (Managing Authority), jittrattaw l-Agrikoltura u s-Sajd; l-Intrapriża u t-Turiżmu; l-Ambjent; l-iŻvilupp ta' Riżorsi Umani u l-Impjieg; u t-Trasport. L-għan ta' dawn is-sotto-kumitati huwa li jissorveljaw l-implimentazzjoni u l-impatt ta' proġetti magħżula għal ko-finanzjar mill-UE għall-prejodu 2004 – 2006. Id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE hija membru fis-Sotto-Kumitati kollha u tattendi għal-laqgħat b'mod regolari.

Il-Kumitat ta' Sorveljar tal-Fond Ewropew tas-Sajd

Il-Kummissjoni ġiet nominate f'dan il-Kumitat ta' Sorveljar, li jinkludi rappreżentanti mill-oqsma ekonomiċi u soċjali, minn awtoritajiet lokali u pubbliċi, u minn entitajiet oħra li jirrappreżentaw is-soċjeta' ċivili u għaqdiet mhux governattivi. Id-dmirijiet ta' dan il-Kumitat ta' Sorveljar jinkludu: l-assessjar tal-kriterji tal-għażla ta' inizjattivi li se jkunu finanzjati minn dan il-Fond; l-iskrutinju tar-riżultati tal-implementazzjoni

permezz ta' monitoraġġ tal-infieq ta' fondi allokati lil miżuri speċifiċi u l-ħidma li ssir biex jintlaħqu l-miri stabbiliti minn dan il-programm; ir-reviżjoni u l-aprovazzjoni tar-rappporti anwali ta' ħidma qabel jintbagħtu lill-Kummissjoni mill-*Managing Authority*; ħidma fuq proposti lill-Managing Authority ta' emendi u revisit tal-Pjan, skont kif ikun hemm bżonn sabiex jintlaħqu l-miri, jew sabiex titjieb l-implementazzjoni u/jew l-immaniġjar finanzjarju tal-Pjan; kif ukoll ir-reviżjoni u t-titjib ta' proposti għal emendi fil-kontenut tal-programm qabel ma jiġu sottomessi lill-Kummissjoni.

<u>Kumitat li Jissorvelja l-Fond Ewropew tal-Agrikoltura għall-iŻvilupp Rurali EAFRD</u>

L-NCPE kienet nominata biex tagħmel parti mill-Kumitat li Jissorvelja l-Fond Ewropew tal-Agrikoltura għall-iŻvilupp Rurali. Dan il-Kumitat huwa magħmul minn sittax–il rappreżentant mill-imsieħba ekonomiċi u soċjali, awtoritajiet lokali u pubbliċi, u korpi oħra li jirrapreżentaw soċjetajiet ċivili u organizzazzjonijiet mhux governattivi. Il-kompiti ta' dan il-Kumitat jinkludu: l-evalwazzjoni tal-kriterji tal-għażla għal attivitajiet li se jkunu finanzjati permezz tal-programm; skrutinju tar-riżultati tal-implimentazzjoni permezz ta' sorveljar bir-reqqa ta' allokazzjonijiet finanzjarji għall-miżuri rispettivi u progress fil-kisbiet ta' miri tal-programm; jikkunsidra u jagħti l-approvazzjoni għar-rapporti annwali tal-progress miskub qabel ma dawn jgħaddu lill-Kummissjoni mill-Awtorita' Amministrattiva; jipproponi aġġustamenti u reviżjonijiet lill-Awtorita' Amministrattiva skont il-bżonn biex jinkisbu l-għanijiet tal-EAFRD jew biex ittejjeb l-implimentazzjoni u/jew l-amministrazzjoni finanzjarja tal-pjan; jikkunsidra u ittejjeb kull proposta biex jemenda l-kontenut tal-programm qabel ma' dan jgħaddi għand il-Kummissjoni.

## *1.6 – Deskrizzjoni tal-Qagħda Finanzjarja*

Fil-bidu tas-sena finanzjarja, il-Gvern alloka baġit ta' €256,000[10] lill-Kummissjoni. 90% (€230,400) mill-baġit totali kopra s-salarji tal-istaff u l-onorarja filwaqt li 10% (€25,600) intefqu għal spejjeż ta' manutenzjoni u spejjeż li saru biex jitwettaq ix-xogħol ta' kuljum. Il-figura t'hawn taħt tispjega aħjar l-ispejjeż li saru bħala manutenzjoni u dawk biex jitwettaq ix-xogħol ta' kuljum.




Figura 2: Spejjez ta'Manutenzjoni u Spejjez Meħtieġa biex Jitwettaq ix-Xogħol

Kif tixhed il-figura t'hawn fuq, jidher biċ-ċar li iżjed minn kwart (49%) mis-somma totali li ntefqet fuq spejjeż meħtieġa biex jitwettaq ix-xogħol, intefqet fuq tiswija u manutenzjoni[11] (€12,544). Din l-ispiża kienet tinkludi utilitajiet u spejjeż ta' manutenzjoni tal-post.

[10] Sal-31 ta' Diċembru, 2009, il-baġit imwiegħed lill-NCPE tnaqqas għal €222,000.
[11] Tiswija u manutenzjoni tinkludi tiswija ġenerali u manutenzjoni, tiswijiet u manutenzjoni tal-apparat tal-informatika u manutenzjoni tal-apparat li jintuża fl-uffiċċju.

Matul din is-sena finanzjarja, il-Kummissjoni irnexxilha wkoll tagħmel użu minn fondi tal-Unjoni Ewropea. It-tabella t'hawn taħt telenka l-proġetti li l-Kummissjoni ħadet sehem fihom u l-baġits rispettivi tagħhom għas-sena 2009.

| **Isem tal-Proġett** | **Baġit (2009)** |
|---|---|
| Proġett HEC | € 3,651 |
| FSE 3.47<br>Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara | € 130,582 |

Tabella 1: Baġit tal-Proġetti

Il-flus li ntefqu fuq kull proġett għall-perjodu msemmi, kienu allokati skont kif kien ppjanat fil-baġit tal-proġetti. Dan kollu seta' jsir permezz ta' sorveljar kontinwu u verifiki minn kull min kien involut fil-proġetti.

# 2. Proġetti

## *2.1 – Introduzzjoni u Proġetti għall-Ġejjieni*

Matul is-sena 2009, l-attivitajiet tal-proġetti kienu karatterizzati minn xogħol importanti kemm ta' perparazzjoni kif ukoll ta' żvilupp ta' proġetti approvati biex jibdew bl-aħjar mod possibbli, u wkoll l-għeluq ta' żewġ proġetti. Hekk kif tagħmel kull sena, l-NCPE tfittex opportunitajiet ta' proġetti b'mod kontinwu biex tkun tista' tagħmel ħilitha f'inizjattivi li jistgħu jappoġġaw u jikkumplimentaw il-missjoni tagħha. Fost dawn l-inizjattivi importanti nsemmu r-responsabbilta' tal-Kummissjoni biex tkompli ssosstni l-implementazzjoni tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza.

Id-dimensjoni tal-proġetti għal kull parti interessata mhux biss tagħti l-opportunita' biex jittieħdu inizjattivi bl-appoġġ ta' ko-finanzjar tal-UE permezz tal-programmi varji disponibbli, iżda wkoll tistabbilixxi l-ħtieġa li l-benefiċjarji tal-proġetti jimplimentaw ir-responsabbiltajiet tagħhom dwar l-opportunitajiet indaqs, hekk kif stabbiliti mill-Programmi Operattivi. Fil-każ tal-programmi tal-FSE u l-ERDF, l-NCPE hija parti interessata b'mod orizzontali li tagħti l-għajnuna lill-benefiċarji potenzjali tal-proġetti sabiex dawn jifhmu kif jistgħu jaċċertaw l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fl-operat tagħhom. Konsegwement, permezz ta' responsabbiltajiet orizzontali komuni tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza, f'kull każ huwa mitlub li l-impenn li jmur lil hinn mill-ħtiġijiet minimi rekwiżiti mill-liġi nazzjonali. Għalhekk permezz ta' dan il-valur miżjud u l-opportunita' li qed ikollha, l-NCPE qed jirnexxilha tistimula l-

mentalitajiet lejn il-bżonn tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza u l-benefiċċji ta' dan, li jwassal għall-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju lil hinn mill-proġetti.

X'kien qed isir fl-NCPE fl-2009? Il-proġetti tal-PROGRESS 2007-2013 'Leħen għal Kulħadd' u 'Ngħixu l-Ugwaljanza' waslu fi tmiemhom permezz tal-konferenzi tal-għeluq rispettivi tagħhom fil-bidu tas-sena. Nieħdu din l-opportunita' biex nawguraw lill-istaff eċċezzjonali li ħadem fuq dawn il proġetti u li bil-ħila tagħhom dawn il-proġetti seħħew. Barra minn hekk, l-NCPE irnexxilha takkwista l-fondi għal proġett ieħor tal-FSE 2007–2013: FSE 3.47 – Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara. Barra minn dan, l-NCPE irnexxilha tikseb ukoll il-fondi għal proġett ieħor mill PROGRESS 2007 – 2013, bl-isem "Insaħħu l-Ugwaljanza lil hinn mil-Leġiżlazzjoni". Huwa mistenni li dawn it-tlett proġetti jiġu varati b'mod uffiċċjali matul is-sena 2010. Kif diġa' semmejna f'partijiet oħra ta' dan ir-Rapport Annwali, l-NCPE temmen ħafna fil-bżonn ta' sħubija u koperazzjoni, u nirringrazzjaw lil kull min ta sehem għall-appoġġ kontinwu li offra.

Matul l-2009, l-NCPE kienet involuta wkoll fil-kampanja "Għad-Diversita', Kontra d-Diskriminazzjoni" (FDAD) mhux biss permezz tal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fil-Grupp ta' *Networking* iżda wkoll permezz tal-parteċipazzjoni tal-NCPE bħala parti mill-ġurija għall-Premju tal-Ġurnalisti 2009. Il-Kummissjoni kienet ukoll involuta fil-Fiera "L-Ewropa Qrib Tiegħek" li saret f'Jannar 2009 u li kienet organizzata mill-Uffiċju tar-Rappreżentanza tal-UE f'Malta. Il-kanzunetti prodotti mill-proġett tal-NCPE "Nwasslu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-komunitajiet lokali" (ko-finanzjat mill-Istrateġija ta' Qafas Komunitarju għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2001-2005) reġgħu instemgħu taħt it-tinda, b'mod speċjali il-kanzunetta 'Differenti u Indaqs'.

Proġett ieħor li l-NCPE kienet imsieħba fih huwa dak tan-*Network* ta' esperti soċjo-ekonomiċi fil-qasam tal-anti-diskriminazzjoni. L-NCPE kellha r-responsabbilta' li

torganizza grupp ta' ħidma nazzjonali għal dawn l-esperti. F'din it-taqsima ssegwi aktar informazzjoni dwar dawn il-proġetti msemmija.

## *2.2 – Leħen għal Kulħadd - VS/2007/0477*

Il-proġett *Leħen għal Kulħadd* sar bl-għan li jħeġġeġ lill-parteċipanti jikkontestaw il-proċessi ta' tagħlim u ħsibijiet li jwasslu għal diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza, orjentazzjoni sesswali, ġeneru, eta', reliġjon u diżabilita', u jħaddnu d-diversita' b'mod pożittiv. Matul dan il-proġett, il-parteċipanti ingħataw informazzjoni, spazju u ħin li għenuhom biex jieqfu u jaħsbu dwar id-diskriminazzjoni u s-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni. Barra minn hekk, *Leħen għal Kullħadd* serva biex ikun hemm koperazzjoni u djalogu filwaqt li jgħin lill-parteċipanti jaddottaw mentalita' ibbażata fuq għarfien u fehma. *Leħen għal Kullħadd* kien immirat lejn l-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs), l-organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku, il-membri tal-medja, organizzazzjonijiet mhux governattivi, is-soċjetà ċivili, skejjel sekondarji, edukaturi u l-pubbliku ġenerali. Il-proġett wasal fi tmiemu fl-aħħar ta 'Jannar 2009.

Il-Programm tal-Komunità Ewropea għall-Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali - PROGRESS (2007-2013) iffinanzja 80% tal-proġett, filwaqt li l-Gvern ta' Malta iffinanzja 20% tal-proġett. Il-baġit totali allokat għal dan il-proġett kien ta €308,160.47.

### *2.2.1 – Stadji tal-Proġett u Għanijiet*

Il-proġett *Leħen għal Kulħadd* sar bl-iskop li:

- Jisfida sterjotipi li jiġġustifikaw id-diskriminazzjoni;
- Jibni fuq dak li kien diġa nkiseb fi proġetti ta' qabel;
- Joħloq kuxjenza dwar id-diversi bażijiet li fuqhom issir diskriminazzjoni;

- Joħloq kuxjenza u jissensibilizza lin-nies dwar id-diversi bażijiet li fuqhom issir diskriminazzjoni;
- Tinkiteb, tiġi prodotta u titwettaq reċta li tiffoka fuq il-bażijiet kollha li fuqhom issir diskriminazzjoni kif ukoll diskriminazzjoni doppja/multipla;
- Issir riċerka dwar is-sitwazzjoni tal-bażijiet kollha li fuqhom issir diskriminazzjoni f'Malta u Għawdex biex b'hekk jinftiehem aħjar il-kuntest nazzjonali.

Minbarra li ħa ħsieb il-qasam tax-xogħol, il-proġett qassam informazzjoni dwar il-provvista ta' oġġetti u servizzi u anke ippromwova eżempji tajba fis-setturi rilevanti. Barra minn hekk, biex ikun aċċertat li gruppi emarġinati jiksbu d-drittijiet tagħhom u jkunu rappreżentati, rikonoxxuti u rispettati kif xieraq fis-soċjeta', dan il-proġett ħa wkoll ħsieb il-kwistjoni ta' diskriminazzjoni multipla.

### *2.2.2 – Riżultati Miksuba*

| Data | Tip ta' Attivita' | Numru ta' Sessjonijiet | Parteċipanti Irġiel | Parteċipanti Nisa | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Jannar 2009 | Taħriġ fuq is-sitt bażijiet ta' diskriminazzjoni għal rappreżentanti tal-medja | 1 | 4 | 7 | 11 |
| Jannar 2009 | Taħriġ fuq is-sitt bażijiet ta' diskriminazzjoni | 4 | 48 | 110 | 158 |
| Jannar 2009 | Laqgħa trans-nazzjonali | 1 | 4 | 3 | 7 |
| Jannar 2009 | Konferenza tal-Għeluq | 1 | 42 | 56 | 98 |

Tabella 2 – Riżultati tal-Proġett – Leħen għal Kulħadd

### *2.2.3 –Pubblikazzjonijiet*

- Dokument dwar Eżempji Tajbin, ISBN 978-99909-89-359[12]
- Rapport dwar ir-Riċerka, ISBN 978-99909-89-33-5[13]
- Skript tar-Reċta, ISBN 978-99909-89-31-1[14]
- Rapport Finali, ISBN 978-99909-89-32-8[15]

### *2.2.4 – Ħolqien ta' Għarfien u Relazzjonijiet Pubbliċi*

Ta' min jgħid li l-maġġoranza tal-attivitajiet marbuta ma' dan il-proġett saru matul is-sena 2008, inkluż: riċerka transnazzjonali (li saret b'kollaborazzjoni ma' dawn l-imsieħba transnazzjonali: *Institute for Conflict Research* – Irlanda ta' Fuq; *SYMFILIOSI* – Ċipru; u *Dipartimento Per le Pari Opportunitá* – Italja); tliet żjarat ta' studju transnazzjonali (fl-Irlanda ta' Fuq, Ċipru u l-Italja); reċta teatrali; tinda bi skop ta' ħolqien ta' għarfien; kampanja publiċitarja; taħriġ għal gruppi differenti; kompetizzjoni dwar prattiċi tajba; sit tal-internet interattiv; u il-publikazzjoni ta' seba' fuljetti. Madankollu, xi wħud mill-attivitajiet tal-proġett ġew sostnuti u waslu fi tmiemhom f'Jannar 2009.

Ġew organizzati 4 sezzjonijiet ta' taħriġ oħra apparti dawk imsemmija, immirati lejn il-pubbliku ġenerali biex ikun żgurat li sezzjoni wiesgħa mill-popolazzjoni tipparteċipa u tikkontribwixxi fis-sessjonijiet ta' taħriġ ta' dan il-proġett. Dawn saru fis-16, 17 u 19 ta' Jannar 2009 (sessjonijiet filgħodu u filgħaxija). Barra minn hekk, sar taħriġ speċifiku għal rappreżentanti tal-medja fis-26 ta' Jannar.

Il-laqgħa transnazzjonali finali saret fit-22 ta' Jannar 2009 lejliet il-konferenza tal-għeluq. Matul din il-laqgħa, rappreżentanti tal-imsieħba transnazzjonali kellhom l-

[12] Disponibbli bl-Ingliż
[13] Disponibbli bl-Ingliż
[14] Disponibbli bil-Malti
[15] Disponibbli bl-Ingliż

opportunita' li jerġgħu jiddiskutu kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni u mezzi biex dawn jiġu eliminati.

Il-konferenza tal-għeluq tal-proġett *Leħen għal Kulħadd* saret il-Ġimgħa 23 ta' Jannar 2009. Għal din il-konferenza attendew 'il fuq minn 90 ruħ. Il-Ko-ordinatur tal-Proġett ippreżentat il-proġett u l-istadji diversi tiegħu.

Ir-riċerkaturi mill-imsieħba transnazzjonali ukoll kienu preżenti għall-konferenza u wasslu s-sejbiet rispettivi tagħhom lill-udjenza. Fost l-affarijiet li ħarġu minn dan il-proġett kien hemm: Dokument ta' Prattika dwar ir-Riċerka (fih kien hemm rapporti mill-erba' pajjiżi msieħba); Dokument dwar Eżempji tajba (fih hemm miġbura l-eżempji tajbin identifikati fl-erba' pajjiżi); u serje ta' fuljetti mmirati lejn gruppi differenti (f'dawn ukoll hemm miġbura l-eżempji tajba tal-erba' pajjiżi imsieħba fil-proġett). Mill-istudju trans-nazzjonali ħarġu wkoll numru ta' rakkomandazzjonijiet, inkluż:

- Il-ħtieġa ta' inklużjoni usa ta' nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet;
- Żieda ta' konċetrazzjoni edukattiva fuq id-diversita' kulturali u soċjali;
- Użu aktar mifrux ta' miżuri favur il-familja b'mod partikolari fis-settur privat;

Matul il-konferenza tal-Għeluq l-evalwaturi tal-proġett ippreżentaw is-sejbiet tal-istudju tagħhom ta' riċerka komparattiva, fejn ġew analizzati t-tweġibiet tal-parteċipanti fil-proġett *Leħen għal Kulħadd* kif ukoll it-tweġibiet tal-parteċipanti f'studji oħra tal-Eurobarometer. Dan l-istudju komparattiv ħareġ indikazzjoni li l-parteċipanti jħarsu lejn l-orjentazzjoni sesswali bħala l-aktar bażi li fuqha ssir diskriminazzjoni, warajha jissemmew ir-razza u l-etniċita'.

### *2.3 – Network ta' esperti soċjo-ekonomiċi fil-qasam tal-anti-diskriminazzjoni VT-2008-007*

Fil-qasam tal-programm tal-UE PROGRESS 2007-2013, f'Novembru 2008, il-Kummissjoni Ewropea assenjat lil *ÖSB Consulting* (Awstrija) u lill-*Human European Consultancy* (l-Olanda) id-dmir li jwaqqfu *Network* ta' esperti soċjo-ekonomiċi fil-qasam tal-anti-diskriminazzjoni fl-oqsma tar-razza u l-oriġini etnika, ir-reliġjon u t-twemmin, l-eta', id-diżabilita' u l-orjentazzjoni sesswali, kif ukoll f'iktar minn qasam wieħed, jew id-diskriminazzjoni multipla.

L-iskop ta' dan in-*network* huwa li għal perjodu ta' erba' snin jagħti għarfien espert indipendenti u pariri lill-Kummissjoni Ewropea. Dan in-*network* qed ikopri is-27 Stat Membru fl-UE. L-NCPE ġiet identifikata minn *ÖSB Consulting* u *Human European Consultancy* bħala imsieħba nazzjonali fi ħdan dan in-*network* għas-sena 2009. Il-baġit totali allokat għal dan il-proġett (li kien 100% iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea) kien ta' €3,651.

#### 2.3.1 – Stadji u Għanijiet tal-Proġett

L-għanijiet ewlenin ta' dan in-*network* jinkludu:

1) Il-kumpilazzjoni ta' analiżi infurmata tas-sitwazzjoni nazzjonali u żviluppi politiċi b'rabta mad-diskriminazzjoni fuq bażi ta' eta', diżabilita', razza jew oriġini etnika, orjentazzjoni sesswali, reliġjon jew twemmin u diskriminazzjoni multipla, biex tiġi pprovduta lill-Kummissjoni Ewropea; u
2) Jgħin fit-tnedija u l-implimentazzjoni ta' serje ta' skambji ta' eżempji tajba u miżuri politiċi kontra d-diskriminazzjoni, bl-għan li jiffaċilita' l-iskambju ta'

informazzjoni dwar kwistjonijiet fuq diskriminazzjoni u trasferibilita' ta' eżempji tajba bejn il-pajjiżi;

Bħala imsieħba nazzjonali, l-NCPE kienet responsabbli mill-organizzazzjoni ta' grupp ta' ħidma nazzjonali ta' ġurnata għal rappreżentanti ta' partijiet interessati bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi, imsieħba soċjali, korpi tal-ugwaljanza u u esperti tal-gvern li għandhom interess dirett f'waħda, jew iżjed, mill-bażijiet kollha li fuqhom issir diskriminazzjoni, kif msemmija hawn fuq.

Minbarra l-NCPE, in-*network* għażel ukoll espert nazzjonali, li kien responsabbli mill-iżvilupp ta' żewġ Rapporti Nazzjonali li jirriflettu s-sitwazzjoni ta' Malta f'dak li għandu x'jaqsam ma':

- Il-perċezzjoni ta' kemm hi wiesgħa l-firxa ta' diskriminazzjoni li jsofru minnha gruppi żvantaġġati (Rapport Nazzjonali 1); u
- Id-Diversita' u l-impatt soċjali u ekonomiku tagħha (Rapport Nazzjonali 2).

### *2.3.2 – Riżultati tal-Proġett*

| **Data** | **Tip ta' Attivita'** | **Numru ta' Sessjonijiet** | **Numru ta' parteċipanti** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | **Irġiel** | **Nisa** | **Total** |
| Settembru 2009 | Grupp ta' Ħidma Seminar Nazzjonali | 1 | 8 | 18 | 26 |

Tabella 3: Riżultati tal-proġett tan-Netwerk Soċjo-Ekonomiku fil-qasam ta' kontra d-diskriminazzjoni.

### *2.3.3 –Ħolqien ta' Għarfien u Relazzjonijiet Pubbliċi*

Il-Ġimgħa 18 ta' Settembru 2009 sar seminar grupp ta' ħidma nazzjonali ta' ġurnata. L-iskop ta' dan is seminar kien li ssir konsultazzjoni ma' numru ta' parteċipanti identifikati b'rabta maż-żewġ Rapporti Nazzjonali ta' Riċerka li nkitbu mill-espert nazzjonali tan-*network*. Iż-żewġ temi ewlenin li ġew diskussi waqt il-

grupp ta' ħidma kienu: L-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza, kif u għaliex?' u 'Kwistjonijiet ta' Governanza: Qafas istituzzjonali, Atturi Prinċipali (Min huma? U x'inhu r-rwol tagħhom?). Matul dawn il- gruppi ta' ħidma, qamu punti importanti u saru rakkomandazzjonijiet b'rabta mas-sitwazzjoni lokali. Fost dawn kien hemm:

- L-enfasi fuq sistema organizzata ta' ħidma bejn l-entitajiet differenti (kemm pubbliċi kif ukoll dawk mhux governattivi) bħala fattur importanti ħafna fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Il-ħolqien ta' *network* ta 'atturi ewlenin', organizzazzjonijiet u entitajiet oħra sabiex jistimula dibattitu, jippermetti t-tqegħid flimkien tar-riżorsi u jagħti vuċi waħda, li tkun aktar b'saħħitha u aktar effettiva min-numru ta' ilħna iżgħar (għalhekk aktar dgħajfa). Dawn in-*networks* għandhom ukoll jaħsbu fi gruppi li bħalissa m'humhiex rappreżentati b'mod xieraq;
- Il-ħtieġa li niffukaw fuq il-kapaċitajiet tal-persuna, fuq x'għandha bżonn verament il-persuna, aktar milli x'jaħseb ħaddieħor li din il-persuna jista' jkollha bżonn;
- Il-ħtieġa li jiġu indirizzati sterjotipi u mentalitajiet permezz tal-edukazzjoni. Hemm bżonn ta' bidla fil-kultura permezz tal-edukazzjoni fil-livelli kollha (tfal, żgħażagħ u adulti);
- Il-bżonn li jiġu mnedija diversi inizjattivi ta' riċerka, inkluż elementi kwalitattivi (bħal *focus groups*), bil-għan li tinħoloq sistema effettiva ta' integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza.

Fl-għeluq ta' dan is-seminar, l-espert nazzjonali ħeġġeġ lill-parteċipanti biex jieħdu azzjoni u jagħmlu li hemm bżonn isir fir-rigward tas-sitwazzjoni lokali. Barra minn hekk, il-parteċipanti ġew ukoll inkoraġġiti biex: jdaħħlu persuni volontarji; jiġbru d-*data* neċessarja; jibdlu r-relazzjoni kurrenti bejn il-gvern u l-għaqdiet volontarji minwaħda ta' "aħna u huma" għal waħda ta' front wieħed li jaħdem għall-istess

għanijiet; joħolqu qafas ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi u jnaqqsu l-fragmentazzjoni.

### *2.4 – Ngħixu l-Ugwaljanza – VS/2007/0442*

Il-proġett *Ngħixu l-Ugwaljanza* kellu l-għan li jissorvelja u jidentifika ħtiġijiet ta' tkabbir ta' abbiltajiet għall-implimentazzjoni fattwali tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fid-dipartimenti tal-Gvern kollha, entitajiet pubbliċi u programmi nazzjonali ta' formazzjoni politika f'Malta. Dan il-proġett kompla fuq il-kisbiet ta' diversi proġetti implimentati mill-NCPE li kienu ko-finanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew, il-Qafas tal-Komunita' għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, kif ukoll proġetti tal-EQUAL. *Ngħixu l-Ugwaljanza* sar bl-għan li jwettaq kampanja biex titrawwem l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fl-isferi kollha tas-Servizz u tas-Settur Pubbliku. B'hekk l-attivitajiet kollha li twettqu tul dan il-proġett saru bil-ħsieb li jfiehem aħjar il-kunċett tal-ugwaljanza bejn is-sessi lill-istaff li jaħdem fi ħdan is-Settur u s-Servizz Pubbliku, u biex jippromwovi l-implimentazzjoni tal-għodod li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-istess prinċipju. Dan il-proġett wasal fi tmiemu f'Jannar 2009.

Il-Programm Ewropew tal-Komunita' għall-Impjieg u s-Solidarjeta' Soċjali – PROGRESS (2007-2013) iffinanzja 80% tal-proġett, filwaqt li l-Gvern ta' Malta iffinanzja 20% tal-proġett. Il-baġit totali allokat għal dan il-proġett kien ta' €73,918.84

#### *2.4.1 – Stadji u għanijiet tal-Proġett*

Il-ħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-proġett ħarġet minn oqsma partikolari identifikati fid-dokument 'Il-pjan ta' rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006

– 2010' (Kummissjoni Ewropea) kif ukoll mill-Patt Ewropew dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel.

Fuq dan ir-raġunament, l-għanijiet prinċipali ta' dan il-proġett kienu kif ġej:

- Jissensibilizza lill-impjegati tas-Servizz Pubbliku dwar il-kunċett tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
- Jingħata taħriġ dwar l-għodod li jintużaw għall-integrazzjoni ta' dan il-prinċipju lill-istaff tal-ministeri u d-dipartimenti responsabbli minn politika u programmi;
- Titwaqqaf struttura dwar implimentazzjoni u sorveljar;
- Tinħoloq sistema ta' komunikazzjoni li permezz tagħha jsir skambju ta' inizjattivi u metodi biex jingħelbu l-ostakli marbuta mal-implimentazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u tal-integrazzjoni tal-istess prinċipju;
- Jinfetaħ dibattitu u jinħoloq għarfien;
- Jitkabbar l-għarfien dwar finanzjar marbut mal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (Gender Responsive Budgets).

### *2.4.2 – Riżultati tal-Proġett*

| Data | Tip ta' Attivita' | Numru ta' Sessjonijiet | Numru ta' parteċipanti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Irġiel | Nisa | Total |
| Jannar 2009 | E-Newsletters lill-uffiċjali pubbliċi kollha | 2 | n/a | n/a | n/a |
| Jannar 2009 | Konferenza tal-Għeluq tal-Proġett | 1 | 48 | 104 | 152 |

Tabella 4: Riżultati tal-Proġett Ngħixu l-Ugwaljanza.

### *2.4.3 –Pubblikazzjonijiet*

- L-Implimentazzjoni tal-Integrazzjoni tal-Prinċipu tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Dokument dwar Inizjattivi u Prattiċi Tajba mis-Servizz u s-Settur Pubbliku Nazzjonali. ISBN 978-99909-89-29-8;
- *Gender Responsive Budgeting*: Studju dwar Inizjattivi ta' Immaniġġjar tal-Finanzi skont il-Ħtiġijiet tal-Ġeneri, li twettqu fl-Iżvezja, l-Isvizzera, l-Italja, ir-Renju Unit u Franza. ISBN 978-99909-89-28-1;
- Rapport Finali tal-Proġett. ISBN 978-99909-89-30-4.[16]

### *2.4.4 – Ħolqien ta' Għarfien*

Kif diġa semmejna, dan il-proġett wasal fi tmiemu f'Jannar 2009. Matul dan ix-xahar inħarġu l-ħames u s-sitt *newsletters* fit-23 u t-28 ta' Jannar rispettivament. Dawn in-*newsletters* elettroniċi ħadmu sewwa għax permezz tagħhom intlaħqu l-akbar numru ta' individwi possibbli fis-Servizz u s-Settur Pubbliku. Barra minn hekk, dawn in-*newsletters* intużaw biex titqassam informazzjoni dwar il-proġett, l-attivitajiet tal-proġett u r-riżultati.

Il-proġett "Ngħixu l-Ugwaljanza" ġie fi tmiemu permezz tal-Konferenza tal-Għeluq. Din ġiet organizzata nhar l-14 ta' Jannar 2009. Matul din il-konferenza saret preżentazzjoni li tat ħarsa lejn l-istadji kollha tal-proġett. Barra minn dan, ġew ippreżentati wkoll is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-riċerka dwar l-ippjanar ta' finanzi abbażi tal-ħtiġijiet tan-nisa u tal-irġiel (GRB) flimkien mad-dokument ta' riċerka dwar l-istess suġġett. Fil-fatt, il-pubblikazzjoni ta' din ir-riċerka, *Gender Responsive Budgeting: A study on GRB initiatives,* tissuġġerixxi li biex nimxu 'l quddiem hemm bżonn implimentazzjoni effettiva tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fl-oqsma kollha. Għalhekk għandha tiġi żviluppata kultura ta' rispons għall-ġeneru permezz ta' tqassim kontinwu ta' informazzjoni u tifrix transversali ta'

[16] Dawn il-pubblikazzjonijiet huma disponibbli bl-Ingliż.

idejat bejn entitajiet differenti. Barra minn hekk, l-iżvilupp jew l-addattar ta' għodod eżistenti ta' nfieq u dħul għandu jwitti t-triq għall-introduzzjoni tal-GRB fil-proċess tal-baġit kif ukoll għal metodi ta' analiżi rilevanti.

Is-sejbiet marbuta mal-evalwazzjoni esterna ta' *Ngħixu l-Ugwaljanza* u l-attivitajiet fi ħdan dan il-proġett ukoll kienu varati matul din il-konferenza. Din l-evalwazzjoni ġiet ikkummissjunata bħala parti mill-proġett. Is-sejbiet li saru fir-rigward tar-riċerka dwar inizjattivi marbuta mal-GRB li saru fl-iSvezja, l-iSvizzera, l-Italja, Ir-Renju Unit u Franza wkoll ġew varati matul din il-konfernza. Din ir-riċerka kienet siewja għall-fatt li stabbiliet, li baġit nazzjonali li jkun sensibbli għall-ħtiġijiet tan-nisa u tal-irġiel, jagħraf l-inugwaljanzi sottostanti bejn in-nisa u l-irġiel u jirranġahom permezz tal-allokazzjoni ta' riżorsi pubbliċi. Dawn il-benefiċċji ġew enfasizzati b'mod li l-awtoritajiet lokali jkunu mħeġġa li jużaw dan it-tip ta' ppjanar finanzjarju.

Is-Segretarju Permanenti Prinċipali indirizza lill-udjenza fi tmiem din il-Konferenza. Saret enfażi kbira fuq l-importanza tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fis-Servizz u fis-Settur Pubbliku, biex il-ġeneru ma jibqax ikollu impatt fuq id-drittijiet u l-opportunitajiet tal-individwi. Il-ħtieġa ta' bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ġie enfasizzat u għandu jingħata aktar attenzjoni biex l-impjegati pubbliċi jkunu jistgħu javvanzaw aktar fil-karriera u fl-ambizzjonijiet tal-ħajja tagħhom irrispettivament mill-ġeneru tagħhom.

### *2.5 – FSE/Nru.3.47 – Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara*

Dan il-proġett huwa mfassal fuq il-prijorita' nazzjonali li tisħaq li għandha tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Permezz ta' dan il-proġett se ssir investigazzjoni dwar x'inhuma r-raġunijiet li f'Malta u f'Għawdex hawn rata baxxa ta'

nisa li jaħdmu bi qliegħ, filwaqt li fl-istess ħin issir promozzjoni tal-kultura tal-ugwaljanza fi ħdan is-settur tan-negozju biex b'hekk jiġu ndirizzati d-diffikultajiet eżistenti f'dan il-qasam. Matul dan il-proġett, l-NCPE se tkun bi sħab mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ, l-Assoċjazzjoni ta' min Iħaddem (MEA), il-Union Ħaddiema Magħqudin (UHM) u l-*General Workers Union* (GWU).

Il-proġett huwa ko-finanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u mill-Gvern ta' Malta. Il-Fond Soċjali Ewropew qed jiffinanzja 85% mill-proġett filwaqt li l-Gvern ta' Malta qed joħroġ 15%. Il-baġit massimu totali allokat għal dan il-proġett huwa ta' €621,885.

### *2.5.1 – Stadji u Għanijiet tal-Proġett*

L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa biex tiżdied ir-rata tan-nisa li jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol permezz ta' inċentivi indiretti li jħajru lin-nisa biex jaħdmu u wkoll permezz tal-kumpilazzjoni ta' informazzjoni importanti li hi utli għal min jifformola politika li hi relatata mal-inattivita' tan-nisa.

B'mod aktar speċifiku, il-proġett għandu l-għan li; jifhem il-korrespondenza bejn l-opportunitajiet ta' impjiegi u l-ħiliet tal-popolazzjoni inattiva sabiex jiġu msaħħa l-possibbiltajiet ta' dawn il-persuni li jsibu xogħol. Minn barra hekk, dan il-proġett se jiċċertifika lill-kumpaniji li l-ġestjoni tagħhom hija bbażata fuq ir-rikonoxximent u l-promozzjoni tal-potenzjal tal-impjegati kollha irrispettivament mis-sess jew mir-responsabbiltajiet familjari tagħhom, biex dawn ikunu meqjusa bħala kumpaniji li verament jemmnu fl-opportunitajiet indaqs. Għalhekk, fost oħrajn, dawn il-kumpaniji jridu jkunu jħaddnu ambjent fuq il-post tax-xogħol li jiffavorixxi l-bżonnijiet ta' impjegati li jkollhom responsabbiltajiet familjari. Ukoll, dan il-proġett se jinċentiva lil

dawk li huma inattivi[17] biex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, anke permezz ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli, u se jagħti aktar promozzjoni għall-ħtieġa ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. Dan se jkun possibbli permezz tal-elementi ta' riċerka u ħolqien ta' għarfien li huma parti minn dan il-proġett. Fil-fatt, parti ewlenija mill-ħolqien ta' għarfien se tkun l-introduzzjoni ta' kunċett ġdid li permezz tiegħu se jiġu stabbiliti standards tal-ugwaljanza, li mbagħad ikunu ċertifikati mill-NCPE, bl-'*Equality Mark*'.

Dan il-proġett se jindirizza gruppi differenti, fosthom min iħaddem, maniġers tar-riżorsi umani, kumitati tal-ugwaljanza/rappreżentanti mill-postijiet tax-xogħol.

Il-proġett huwa magħmul min żewġ elementi ewlenin:

1. Riċerka:

Biex nifhmu aħjar x'inhuma l-ostakli li jżommu lura lin-nisa milli jinvolvu ruħhom f'taħriġ u impjieg, se jsiru dawn l-istudji kif ġej:

- Studju tal-popolazzjoni inattiva;
- Riċerka biex jiġu identifikati, mifhuma u ppruvati r-raġunijiet għall-inattivita tan-nisa f'Malta u Għawdex;
- Riċerka bil-mira li tifhem il-fatturi li jolqtu lin-nisa Għawdxin u li jżommuhom milli jsibu impjieg;
- Riċerka dwar ir-raġunijiet li jipproduċu l-*Glass Ceiling* u l-*Glass Cliff* f'Malta;
- L-importanza tal-indipendenza ekonomika għall-mara Maltija;
- Studju komparattiv li jiffoka fuq imprendituri nisa u rġiel – raġunijiet li jwasslu għal dawn l-għażliet u l-aspettattivi in ġenerali;

[17] Il-popolazzjoni inattiva tikkonsisti fil-persuni li m'humiex impjegati u li lanqas qed ifittxu impjieg. Hekk kif kwotat mill-Uffiċju tal-iStatistika tal-Komunitajiet Ewropej *(Eurostat). Population, activity and inactivity – Annual averages. Metadata.*

- Riċerka dwar ir-realta' ta' dawk li jaħdmu għal rashom/ħaddiema b'kuntratt fl-industrija tat-turiżmu, t-tindif, u l-skejjel tal-lingwi, sabiex jiġu analizzati l-fatturi li jagħmlu s-sitwazzjoni tagħhom vulnerabbli;
- Prospetti għall-ħajja ta' ġenituri żgħażagħ ta' bejn it-tlettax u d-dsatax-il sena – Studju lonġitudinali;
- L-effetti tal-benefiċċji tas-sigurta' soċjali fuq id-deċiżjoni li persuna toħroġ taħdem.

Hekk kif jitlestew dawn l-inizjattivi ta' riċerka ssir konferenza fejn jiġu ppreżentati s-sejbiet kif ukoll jiġu varati l-pubblikazzjonijiet tal-istess riċerka li mbagħad jitqassmu lil dawk li jieħdu deċiżjonijiet politiċi kif ukoll lill-partijiet interessati ewlenin. Matul il-gruppi ta' ħidma tal-konferenza se tintuża strateġija ta' *think-tank* biex jinstabu soluzzjonijiet għan-nuqqasijiet li jiġu identifikati permezz tar-riċerka.

2. Il-Kampanja tal-'*Equality Mark*'

L-'*Equality Mark*' hija ċertifikazzjoni mogħtija lill-kumpaniji li jemmnu fil-valur tal-ugwaljanza u li t-tmexxija tagħhom hija bbażata fuq l-għarfien u l-promozzjoni tal-potenzjal tal-impjegati kollha tagħhom irrispettivament mill-ġeneru u r-responsabbiltajiet familjari tagħhom.

L-'*Equality Mark*' se tkun ibbażata fuq grupp ta' prinċipji li jinkludu:

- L-implimentazzjoni ta' politika dwar l-ugwaljanza u l-fastidju b'sistemi effiċjenti li permezz tagħhom isiru rapporti;
- Teħid ta' miżuri biex jiżguraw opportunitajiet indaqs fil-proċess ta' reklutaġġ u impjieg;
- Twaqqif ta' Rappreżentanti dwar l-ugwaljanza għall-Impjegati u/jew Kumitat dwar l-Ugwaljanza;

- Teħid ta' miżuri li jigarantixxu opportunitajiet indaqs fil-karriera kif ukoll fl-iżvilupp personali;
- L-implimentazzjoni ta' miżuri favur il-familja u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;
- Reviżjoni b'rabta mal-ġeneru u *gender impact assessment.*

### *2.5.2 – Riżultati mistennija mill-proġett*

Il-mira fit-tul ta' dan il-proġett hija li tiżdied ir-rata ta' nisa li jaħdmu f'Malta biex jintlaħqu l-miri tal-iStrateġija ta' Liżbona[18], b'hekk tiżdied il-kompetitivita' tal-istat filwaqt li tinżamm is-sostenibilta' tal-*welfare state*. B'mod iżjed dirett, l-istadju ta' riċerka fi ħdan dan il-proġett se jipprovdi lil dawk li jieħdu deċiżjonijiet politiċi b'data fattwali dwar il-validita' tas-sistema kurrenti tal-*welfare* fid-dawl tad-diffikultajiet attwali li qed iżommu lura l-parti l-kbira mill-popolazzjoni inattiva milli tipparteċipa fid-dinja tax-xogħol u anke b'rakomandazzjonijiet dwar kif din is-sitwazzjoni tista titjieb.

L-'*Equality Mark*' se sservi bħala inċentiv għall-kumpaniji biex tħajjarhom jimplimentaw miżuri favur il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja, filwaqt li sservi bħala rikonoxximent għal organizzazzjonijiet li diġa għandhom sistemi bħal dawn f'posthom. Barra minn hekk, b'mod indirett, permezz tal-kampanja pubbliċitarja tal-'*Equality Mark*' se tesponi lill-popolazzjoni kollha, promozzjoni dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza u l-miżuri favur bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

Il-proġett se jinkludi fih dawn l-attivitajiet:

- Imnedija l-kampanja tal-'*Equality Mark*' permezz ta' konferenza stampa;

[18] Integrated Guidelines for Growth and Jobs (2008-2010). COM (2007) 803 final. Delineates the priorities of the Lisbon Agenda, including the objective to increase the female employment rate…

- Kampanja fuq il-mezzi tal-medja;
- Pubblikazzjoni ta’ fuljett;
- Anness tas-sit tal-internet dwar il-proġett;
- Ċertifikazzjoni ta’ numru ta’ kumpaniji li jingħataw l-‘*Equality Mark*’;
- Konferenza tal-Għeluq

## *2.6 – Insaħħu l-Ugwaljanza lil hinn mil-Leġiżlazzjoni – VS/2009/0405*

Permezz ta' dan il-proġett huwa mistenni li jinkisbu eżempji tajba f'setturi differenti b'rabta mal-anti-diskriminazzjoni u d-diversita'. Dan għaliex il-proġett huwa mfassal biex jilħaq gruppi ta' nies speċifiċi u entitajiet interessati biex jissensibilizzahom u jistimula azzjoni speċifika li tikkontribwixxi lejn il-ħolqien ta' ambjent ugwali *de facto*. Dan se jseħħ permezz ta' diversi attivitajiet, inkluż: ir-riċerka, it-taħriġ u l-kampanji. Il-proġett se jiġi varat matul konferenza stampa fejn se tingħata informazzjoni dwar attivitajiet tal-PROGRESS. Matul il-perjodu li fih jitwettaq il-proġett se jsiru diversi sessjonijiet ta' taħriġ għal udjenzi speċifiċi inkluż min iħaddem, edukaturi, ġenituri, medjaturi/arbitri, rappreżentanti tal-mezzi tal-medja, pulizija u uffiċjali tal-armata fost l-oħrajn. Minn barra dan, wara sezzjonijiet ta' taħriġ li se jindirizzaw individwalment mezzi tal-medja differenti, u organizati mill-NCPE flimkien mal-organizzazzjonijiet tal-medja, permezz ta' dan il-proġett se jsir ukoll seminar iddedikat lill-mezzi tal-medja. Dan is-seminar se jsir bl-għan li jistimula u jinforma lill-ġurnalisti dwar it-temi tan-non-diskriminazzjoni u l-ugwaljanza, b'enfażi dwar ir-rwol potenzjali tal-ġurnalisti u l-effett li jħalli.

Barra minn hekk, bħala parti minn dan il-proġett, se jsiru studji dwar diversi temi, inkluż: nuqqas ta' rapporti ta' każi ta' diskriminazzjoni; il-kurrikulu minimu nazzjonali; il-mezzi tal-medja li huma ppreferuti mill-minoritajiet; il-kumpilazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija. Attivitajiet oħra tal-proġett jinkludu kampanji ta' ħolqien ta' għarfien; kompetizzjoni fl-iskejjel dwar l-ugwaljanza; taħriġ għat-tfal permezz ta' *forum theatre*; grupp dwar l-interdiversita' għaż-żgħażagħ; u fl-aħħar nett evalwazzjoni dwar l-effettivita' tal-proġett fid-dawl ta' riżultati ta' studju mill-EUROBAROMETER u rapporti tal-EU-MIDIS. Dawn l-

attivitajiet kollha se jsiru bl-għan li jwettqu l-viżjoni aħħarija tal-proġett, kif jixhed it-titlu li jagħti attenzjoni lill-azzjoni lil hinn mil-leġiżlazzjoni.

Dan il-proġett ingħata l-approvazzjoni fl-2009 u se jkun implimentat matul l-2010. Il-Programm tal-Komunita' Ewropea dwar Impjieg u Sigurta' Soċjali – PROGRESS – PROGRESS (2007-2013) se jkun qed jiffinanzja 80% tal-proġett, filwaqt li l-Gvern ta' Malta se jkun qed jiffinanzja of 20% tal-proġett. Il-fondi totali allokati għal dan il-proġett jammontaw għal € 270,068.29.

# 3. Ilmenti

### *3.1 – Struttura tal-NCPE*

Is-Sezzjoni tal-Ilmenti tieħu ħsieb l-ilmenti kollha li jaslu għand l-NCPE jew li jiġu riferuti għandha. Id-dmir tas-sezzjoni tal-Ilmenti huwa li tiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tkun f'pożizzjoni li twieġeb għat-talbiet għall-informazzjoni li jsiru lill-NCPE mingħand il-pubbliku ġenerali jew organizzazzjonijiet.

Flimkien mas-Sezzjoni tal-Ilmenti, is-Sotto-kumitat li jieħu ħsieb l-ilmenti, li huwa mmexxi mill-Kummissarju tal-NCPE, għandu d-dmir li jinvestiga l-ilmenti kollha, u wara l-Kummmissarju tieħu kull deċiżjoni meħtieġa dwar l-ilmenti kollha li jaslu fl-uffiċċju, kif ukoll dawk li jinfetħu fuq inizjattiva tal-NCPE innifisha.

Matul l-2009, is-Sotto-Kumitat iltaqa' dsatax-il darba biex jiddiskuti azzjoni marbuta mal-ilmenti kif ukoll biex jinvestiga kwistjonijiet partikolari iktar fil-fond, u f'ċertu każijiet anke biex jiltaqa' ma' xhieda ta' każijiet li tkun qed issir investigazzjoni dwarhom.

### *3.2 – Il-Proċedura tal-ilmenti li ssegwi l-NCPE*

L-NCPE għandha proċedura stabbilita li tiġi segwita kull darba li jidħol ilment sabiex permezz tagħha jkun żgurat li f'kull każ jiġu segwiti standards komuni, iżda fl-istess waqt hija flessibbli biżżejjed li tagħti lok għall-ħtiġijiet individwali ta' kull min iressaq ilment. L-NCPE tuża l-istess proċedura kemm f'każi ta' ilmenti li jitressqu minn individwi kif ukoll f'każi ta' ilmenti mibdija fuq inizjattiva tal-NCPE innifisha meta ssir taf bi ksur fil-liġi potenzjali b'rabta mal-mandat tagħha.

- <u>Formula tal-Ilmenti</u>

Kap 456 – Att dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel jistipula li l-ilmenti għandhom jitressqu dejjem bil-miktub. Madankollu, jekk persuna għandha bżonn l-għajnuna biex timla l-formula biex jitressaq ilment, is-Sezzjoni responsabbli mill-Ilmenti tagħti l-għajnuna meħtieġa biex timtela l-formula u toffri l-gwida neċessarja fil-kumpilazzjoni ta' evidenza biex jiġi sostnut l-ilment. Id-dokumenti kollha jinkitbu fil-preżenza ta' xhud biex ikun aċċertat li ssir interpretazzjoni leali għall-fatti hekk kif impoġġija mill-persuna li qed tagħmel l-ilment.

Kull min iressaq ilment huwa mħeġġeġ li jippreżenta d-dokumentazzjoni kollha rilevanti biex jiġu sostnuti l-allegazzjonijiet li jkunu qed jiġu magħmula.

- <u>Investigazzjonijiet</u>

Hekk kif tasal formola tal-ilmenti mimlija, il-każ jiġi analizzant skont il-liġi li jkollha x'taqsam mal-allegazzjonijiet li jsiru. Kif imsemmi Artiklu 5 f'Kap 456 – Att dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, jiġi mitlub rapport mingħand min iħaddem jew mingħand min joffri s-servizz fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol. Dan ir-rapport jagħti l-opportunita' lil min iħaddem jew lil min qed joffri s-servizz li jagħti l-verżjoni

tiegħu/tagħha rigward l-allegazzjonijiet li jkunu saru minn min jagħmel l-ilment. Wara dan, il-Kummissarju tiddeċiedi x'informazzjoni oħra jista' jkun hemm bżonn għal kull każ.

- *Fatturi li-Tħaddan l-NCPE biex Tassigura l-Kwalita' tas-Servizzi li Tofri*

Għal kull ilment li jasal, fi żmien ġurnata waħda ta' xogħol, l-NCPE toħroġ ittra ta' għarfien li l-ilment wasal. Eżatt wara, jinfetaħ *file* tal-każ fejn ikun hemm l-informazzjoni kollha dwar il-każ speċifiku. Matul l-investigazzjoni, dawk li jippreżentaw l-ilment jingħataw aġġornamenti fuq il-każ tagħhom kemm ikun possibbli skont ir-riżorsi tagħna.

Skont Artiklu 18 (5), Att dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, kull informazzjoni mogħtija waqt investigazzjoni hija kkunsidrata bħala kunfidenzjali u tista' tiġi żvelata biss waqt prosekuzzjoni jew azzjonijiet biex jingħata rimedju.

Il-Kummissarju tagħlaq investigazzjoni ta' lment billi tagħti opinjoni jekk l-ilment in kwistjoni ikunx każ ta' diskriminazzjoni jew le. Meta l-Kummissarju tikkunsidra li jkun twettaq att diskriminatorju, il-partijiet involuti jintalbu biex jirranġaw is-sitwazzjoni u jagħtu proposti biex issir azzjoni għal rimedju.

Jekk il-Kumissajru tal-NCPE tikkunsidra li l-azzjoni li dwarha jkun sar l-ilment hija offiża, jiġi ppreżentat rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija biex tittieħed l-azzjoni meħtieġa min-naħa tagħhom.

### *3.3 – Ilmenti li waslu għand l-NCPE*

Matul l-2009, l-NCPE irċeviet diversi ilmenti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltajiet tagħha. It-tabella t'hawn taħt tindika dan b'mod kwantitattiv.

| **Ilmenti li waslu għand l-NCPE fl-2009** | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Tip ta' każi ta' allegat diskriminazzjoni** | | **Irġiel** | **Nisa** | **Fuq inizjattiva tal-NCPE** | | **Amministrazzjoni Pubblika** | **Settur Privat** | | **Total** |
| Diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru fuq il-post tax-xogħol/taħriġ | | 4 | 21 | | | 20 | 5 | | 25 |
| Diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru fl-aċċess għal u l-għoti ta' oġġetti u servizzi | | | | 1 | | 1 | | | 1 |
| Diskriminazzjoni abbażi ta' razza fl-aċċess għal u għoti ta' oġġetti u servizzi | | 1 | | | | | 1 | | 1 |
| Ilmenti oħra li ġew riferuti għal xi awtorita' kompetenti | | 2 | 6 | | | 1 | 7 | | 8 |

Tabella 5: Numru u Suġġetti tal-Ilmenti fl-2009.

Hawn taħt elenkati hawn lista ta' ilmenti li tressqu quddiem l-NCPE, fuq diversi kwistjonijiet marbuta ma' allegat diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u r-razza.

Diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru fl-għoti ta' oġġetti u/jew servizzi:

- Eżenzjoni mit-taxxa għall-ommijiet kollha;
- Diskriminazzjoni fl-edukazzjoni;
- Video diskriminatorju li jirreklama lil Malta;
- Nuqqas ta' faċilitajiet ta' kura għat-tfal fil-Qorti.

Diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru fil-qasam tax-xogħol:

- Formola ta' applikazzjoni diskriminatorja;
- Ċirkulari diskriminatorja b'rabta ma' miżuri favur il-famlija għall-impjegati tas-Servizz Pubbliku;
- Diskriminazzjoni kontra infermiera li jaħdmu fuq bażi part-time b'rabta ma' miżuri favur il-familja;
- Allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni fl-applikazzjoni għal *teleworking*;
- Diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol fuq ommijiet li qed ireddgħu;
- Trattament diskriminatorju fuq ix-xogħol minħabba responsabbiltajiet familjari;
- Diskriminazzjoni fl-avvanz tal-karriera minħabba miżuri favur il-familja;
- Diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru minħabba l-kundizjonijiet ta' xogħol;
- Allegazzjonijiet ta' fastidju sesswali bejn impegati;
- Allegazzjonijiet ta' tkeċċija mix-xogħol minħabba tqala;
- Allegazzjonijiet ta' tkeċċija minħabba mistoqsijiet rigward non-diskriminazzjoni;
- Diskriminazzjoni fuq ix-xogħol abbażi tal-ġeneru u d-diżabilita'.

Diskriminazzjoni abbażi tar-razza fl-għoti /il-proviżjon ta' servizzi u oġġetti:

- Allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni abbażi ta' razza fir-rigward tal-aċċess għall-akkomodazzjoni.

Minbarra l-każijiet imsemmija hawn fuq, l-NCPE ħadmet ukoll fuq każi oħra li ma jaqgħux taħt il-mandat tagħha. Dawn fil-fatt ġew imbagħad riferuti għand l-awtorita' kompetenti rispettiva:

- Allegazzjonijiet ta' fastidju lejn impjegat minħabba l-orjentazzjoni sesswali;
- Allegazzjonijiet ta' trattament diskriminatorju fuq ix-xogħol minħabba nazzjonalita' u minħabba kwistjonijiet ta' saħħa u sigurta';
- Diskriminazzjoni abbażi ta' razza fl-aċċess għall-impjieg;
- Allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni ibbażata fuq nazzjonalita fl-aċċess għal servizz f'pajjiż barrani;
- Ma ngħatax il-bilanċ tal-leave kif suppost, fi ftehim finali ma' eks-imgħallem;
- Distribuzzjoni mhux ugwali tal-*overtime* fuq il-post tax-xogħol.

### *3.4 - Kwistjonijiet li ħarġu mill-ilmenti u rakkomandazzjonijet*

Fir-rigward tal-ilmenti, l-NCPE ltaqgħet ma' diversi każi ta' fastidju sesswali kif ukoll ir-rifjut tal-applikazzjoni għal *teleworking* fil-post tax-xogħol.

Fl-Avviż Legali 312 tal-2008, *telework* huwa definit bħala "*forma ta' organizzazzjoni u, jew eżekuzzjoni ta' xogħol, bl-użu ta' teknoloġija tal-informatika, fil-kuntest ta'*

*kuntratt jew relazzjoni ta' l-impjieg, meta xogħol, li jista' wkoll isir fil-bini tal-prinċipal, ma jsirx f'dak il-bini fuq bażi regolari*". Spiss min iħaddem qed isibha diffiċli li jiżen il-livell ta' produzzjoni tal-impjegati tagħhom, barra mill-post tax-xogħol. Barra minn hekk, min iħaddem u l-maniġers jidhru li huma nieqsa mill-għarfien dwar kif jimplimentaw u joffru l-miżura favur il-familja tat-*teleworking* lill-ħaddiema tagħhom. L-NCPE tista' tagħti taħriġ lill-entitajiet kollha, kemm privati kif ukoll pubbliċi, li huma interessati li jitgħallmu dwar il-politika u l-proċeduri tat-*teleworking*.

Barra minn hekk, l-NCPE qiegħda tirsisti biex tippromwovi iktar id-dmir legali ta' min iħaddem għall-attitudni ta' tolleranza zero lejn il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Dan qed ikun indirizzat permezz tad-diversi lmenti li qed tirċievi l-Kummissjoni dwar il-fastidju sesswali. Bħala riżultat tal-investigazzjonijiet tagħha, spiss, l-NCPE titlob lill-entitajiet biex jimplimentaw politika dwar il-fastidju sesswali u wkoll toffri taħriġ f'dan ir-rigward.

Kwistjoni importanti li ġiet enfasizzata fir-rapport annwali tas-sena l-ohra kienet iċ-Ċirkulari tal-MPO Nru 86/2008 dwar xogħol privat li jitwettaq minn impjegat tas-Servizz Pubbliku li jkun qiegħed jagħmel użu minn xi miżuri favur il-familja. Fil-fatt, fuq dan is-suġġett, l-NCPE għadha qed tiddiskuti biex tipprova ttejjeb id-deċiżjonijiet ta' politika marbuta mal-miżuri favur il-familja.

Ta' min jgħid li lmenti mressqa dwar diskriminazzjoni abbażi tar-razza fl-għoti u l-provvista ta' oġġetti u servizzi għadhom ftit bħala numru. L-NCPE tirrikonoxxi li hemm diffikultajiet li qed iħabbtu wiċċhom magħhom bosta persuni hawn Malta minħabba r-razza jew l-oriġini etnika tagħhom. Għalhekk huwa rakkomandabbli li l-organizzazzjoniijiet mhux governattivi, entitajiet li jiltaqgħu ma' dan it-tip ta'

diskriminazzjoni jew li jaħdmu ma' nies li huma aktar suġġetti għal dan it-tip ta' trattament, jikkomunikaw mal-NCPE dwar l-ilmenti li huma marbuta mal-mandat tal-NCPE, u wkoll jinfurmaw lill-individwi bil-possibilta' li jfittxu rimedju permezz tal-NCPE.

## *3.5 - Sommarju ta' uħud mill-investigazzjonijiet konklużi mill-NCPE fl-2009*

### *3.5.1 – Każ A – Miżuri favur il-Familja fuq il-Post tax-Xogħol*

Il-Kummissarju ġiet mitluba tikkunsidra jekk iċ-ċaħda ta' talba għal xogħol fuq siegħat imnaqqsa ridotti jew fuq siegħat flessibbli tammontax għal diskriminazzjoni abbażi ta' sess. It-talba għal xogħol fuq siegħat ridotti jew flessibbli kienet ġiet miċħuda għax skont il-prinċipal ir-rwol ta' manager tad-distrett ma kienx jagħmilha possibbli li l-impjegata taqdi r-responsabilitajiet tagħha waqt li tkun qiedgħa tagħmel użu minn dawn il-miżuri.

Il-Kummissarju kkonkludiet billi sabet li ċ-ċaħda tat-talba tal-impjegata kienet irraġonevoli; il-prinċipal lanqas kien ikkunsidra l-possibilitajiet li din l-impjegata taħdem fuq siegħat ridotti jew flessibbli iżda ċaħħadha minn din il-fakulta għaliex ħass li kellha tkun preżenti għal dawk il-każijiet li kienu jirrikjedu d-direzzjoni tagħha. Il-Kummissarju waslet għal din id-deċiżjoni wara li nnutat li aċċess għal miżuri bħal dawn huwa ta' importanza kbira biex tiġi stabbilita ugwaljanza fl-aċċess għal u fil-kundizzjonijiet tal-impjieg u anke sabiex jiġi milħuq bilanċ ġust bejn ix-xogħol u l-familja.  In oltre, nisa fl-impjieg li jagħmlu użu minn dawn il-miżuri m'għandomx

ikunu mfixkla fil-mobilita, taħriġ jew avvanz fix-xogħol għaliex dawn l-ostakoli jikkreaw konflitt mal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-impjieg.

Kull rikjesta għal dawn il-miżuri għandha tiġi kkunsidrata fuq il-mertu tagħha billi jiġu kkunsidrati mhux biss il-bżonnijiet tal-impjegat iżda wkoll ta' min iħaddem. Konsegwentement, applikazzjoni għal dawn il-miżuri ma tagħtix dritt awtomatiku lill-impjegata sabiex it-talba jew il-kundizzjonijiet tagħha jiġu bilfors milqugħa. Iżda filwaqt li min iħaddem ma huwiex awtomatikament obbligat li jaċċetta din it-talba, min iħaddem huwa mistenni li jikkunsidra x'possibilitajiet hemm sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet tiegħu u fl-istess ħin tiġi aċċettata t-talba tal-impjegata. Din is-sitwazzjoni tirrikjedi li kemm min iħaddem kif ukoll l-impjegata jkunu flessibbli sabiex jinħoloq dan il-bilanċ, u tirrikjedi wkoll amministrazzjoni tajba.

*3.5.2 – Każ B – Fastidju Sesswali fuq il-Post tax-Xogħol*

Il-Kummissarju ġiet mitluba tinvestiga allegazzjoni ta' fastidju sesswali abbażi tad-disinn tal-uniformi kif milbusa mill-impjegati nisa. L-allegazzjoni kienet partikolarment tirreferi għal dbielet li jitilgħu 'l fuq meta l-impjegati nisa jpoggu bil-qiegħda...'.

Fl-investigazzjoni, il-Kummissarju ħadet nota tal-manwal tal-kumpanija fir-rigward tal-ilbies li kien jindika li d-dbielet ma setgħux ikunu iqsar mill-irkoppa meta persuna tkun wieqfa. Il-kumpanija in kwistjoni kellha wkoll linji gwida u proċeduri f'każ ta' fastidju sesswali u qabel ma tressaq l-ilment quddiem il-Kummissarju, id-diriġenti kienu diġa għamlu investigazzjoni interna li ma kinitx sabet każ ta' fastidju sesswali.

Minkejja dan, sabiex jgħinu lill-allegata vittma huma kienu ċaqalqu l-pjan tal-iskrivaniji fl-uffiċju.

Filwaqt li l-Kummissarju faħħret lil din il-kumpanija għal din il-prattika pożittiva li kienet qiedgħa ssegwi rigward il-fastidju sesswali, il-Kummissarju kkonkludiet li mix-xhieda miġbura hija ma sabitx indikazzjoni ta' aġir li jammonta għal fastidju sesswali u għalhekk ikkunsidrat l-allegazzjoni bħala infondata.

*3.5.3 – Każ Ċ – Diskriminazzjoni abbażi ta' Sess fl-aċċess għal servizzi*

F'investigazzjoni *ex ufficio* il-Kummissarju kkunsidrat id-differenzi fil-ħlasijiet bejn nisa u rġiel li kienu qed jintalbu fi skemi ta' sussidju tal-gvern.

F'dan ir-rigward, irġiel u nisa kienu qed jiġu mitluba iħalsu rati differenti sabiex jiġu rikonoxxuti taħt skema għall-akkomodazzjoni fuq il-pretest li ladarba mara dbiddel kunjomha hekk kif tiżżewweġ u wara li tissepara dan jinneċessita spiża ogħla minn dik li jinkorri raġel.

Il-Kummissarju nnutat li l-Avviz Legali 181 tal-2008 jipprojbixxi diskriminazzjoni abbażi ta' sess fl-aċċess u l-provvista ta' oġġetti u servizzi. Ir-regolamenti jipprojbixxu mhux biss diskriminazzjoni diretta iżda anke dik indiretta. F'dan is-sens, iċ-Ċirkulari numru 30/08 maħruġa mill-Uffiċju tal-Prim Ministru kienet tat struzzjonijiet lill-Ministeri, dipartimenti u aġenziji sabiex jagħmlu eżerċizzju orizzontali ta' integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi u jassiguraw li s-servizzi kollha offruti minnhom kienu skont il-liġi.

Matul l-investigazzjoni, l-awtorita in kwistjoni kienet ipproponiet bdil fil-kliem, iżda l-Kummissarju espremiet l-opinjoni li dan il-bdil fil-kliem kien sejjer iservi biss sabiex jaħbi d-diskriminazzjoni u mhux ineħħi t-trattament diskriminatorju. Hija nnutat li n-nisa jbiddlu kunjomhom jew maż-żwieġ jew wara li jottjenu separazzjoni personali u konsegwentement din kienet direttament relatata ma' l-istat maritali jew tal-familja tagħhom dwar liema r-regolamenti ma kinux jippermettu tali trattament diskriminatorju. In oltre meta l-leġiżlatur għażel li jagħmel eċċezzjoni huwa kien speċifikament iddikjara din is-sitwazzjoni f'artiklu 5 tar-regolamenti.

Għalhekk il-Kummissarju kkonkludiet li d-differenzi fit-tariffi bbażati fuq l-istat maritali jew tal-familja tal-individwu ma setgħax ħlief jammonta għal diskriminazzjoni kontra l-Avviz Legali 181 tal-2008 u talbet lill-awtorita sabiex tieħu passi rimedjali immedjati.

### *3.5.4 – Każ D – In-Nuqqas ta' Politika dwar it-Treddigħ tat-Trabi għall-Uffiċjali Pubbliċi*

Il-Kummissarju ġiet mitluba tikkunsidra diffikultajiet li kienu qed isibu ommijiet li jirritornaw għax-xogħol wara li jkunu weldu u li kienu għadom qed ireddgħu lit-tarbija tagħhom.

Fil-kors tal-investigazzjoni ġie stabbilit li ma kienx hemm 'policy' fl-istruttura tal-edukazzjoni pubblika li tippermetti lil dawn l-ommijiet sabiex ikomplu jreddgħu lit-tarbija b'dan il-mod u lanqas ma kien hemm 'policy' dwar xogħol fuq siegħat flessibbli f'dan is-settur. Id-dipartiment tal-gvern konċernat indika li bħala regola dawk l-impjegati li jkunu għadhom qed ireddgħu lit-tarbija b'dan il-mod jingħataw il-

parir li jieħdu leave tal-ġenituri jew inkella jingħataw l-opportunita' li jreddgħu lit-tarbija fuq il-post tax-xogħol sakemm dan isir fil-ħin meta l-għalliema ma jkollhiex lezzjonijiet jew meta jkun hemm għalliema oħra sabiex tissostitwiha. Id-dipartiment ukoll indika li l-liġi tippermetti li jingħata leave tal-maternita' speċjali fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu ta' riskju għas-saħħa.

Il-Kummissarju ikkumentat li r-ritorn ta' nisa għax-xogħol wara t-twelid tal-ulied hija kwistjoni direttament relatata mal-ugwaljanza tas-sessi fl-impjieg u konsegwentement taqa' fl-ambitu tal-obbligi mogħtija lill-Kummissjoni. Ugwaljanza effettiva bejn is-sessi fl-impjieg tinkludi l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri li jeliminaw l-ostakoli li jxekklu lil impjegati nisa milli jirritornaw għax-xogħol wara t-twelid tal-ulied.

Filwaqt li tapprezza d-diffikultajiet li min iħaddem jista' jsib sabiex jimplimenta dawk il-miżuri meħtieġa sabiex jiġu eliminati dawn l-ostakoli, il-Kummissarju espremiet l-opinjoni li dawn il-miżuri huma ta' benefiċċju kemm għal min iħaddem kif ukoll għall-impjegati kemm il-darba jiġu implimentati wara diskussjonijiet amikevoli bejniethom li jindirizzaw l-eżiġenzi kemm ta' min iġaddem kif ukoll tal-impjegat.

Konsegwentement, il-Kummissarju issolleċitat lid-dipartiment sabiex jimplimenta 'policy' formali li tiddeskrivi miżuri sabiex jiġu eliminati ostakoli għar-ritorn ta' nisa fuq il-post tax-xogħol wara t-twelid ta' l-ulied.

*3.5.5 – Każ E – Diskriminazzjoni abbażi tar-Razza fl-aċċess għal servizzi*

F'ilment li tressaq quddiem il-Kummissarju ġie allegat li fid-determinazzjoni ta' applikazzjoni għaċ- ċittadinanza l-applikant kien ġie suġġett għal fastidju razzjali permezz ta' stqarrijiet verbali magħmula minn uffiċjal pubbliku.

Wara li semgħet ix-xhieda tal-persuni kollha konċernati, ġie stabbilit li l-persuna li resqet l-ilment kien ħassu umiljat u kien iffaċċjat b'atmosfera ostili meta waqt li huwa kien qiegħed ifittex informazzjoni fuq id-determinazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu intużaw kliem peġġorattivi dwar in-nazzjonalita tiegħu. Min-naħa l-oħra, d-Dipartiment konċernat indika d-diffikultajiet loġistiċi u ċ-ċirkostanzi stressanti taħt liema l-ufficjali kellhom jaħdmu.

Sabiex waslet għal konkluzjoni, il-Kummissarju nnutat li hija ma kinitx qiegħda tiġi mitluba tinvestiga ċ-ċaħda jew l-aċċettazzjoni tat-talba għaċ-ċittadinanza li kien ressaq l-applikant, iżda biss jekk fl-aċċess għal tali servizz huwa kienx sofra fastidju razzjali. Iżda x-xhieda miġbura indikat li tali fastidju kien seħħ qabel ma daħal fis-seħħ l-Avviz Legali 85 tal-2007 li jipprojbixxi kull tip ta' diskriminazzjoni razzjali. Għalhekk il-Kummissarju kkonkludiet li hija ma kellhiex ġurisdizzjoni fil-konfront tal-aġir in kwistjoni.

*3.5.6 – Każ F – Fastidju abbażi tar-razza fil-Provvista tal-Akkomodazzjoni*

Il-Kummissarju intalbet tinvestiga l-okkorrenza ta' fastidju razzjali fil-provvista ta' akkommodazzjoni. Il-persuna li resqet l-ilment, persuna bi professjoni u ta' nazzjonalita Eġizjana li kienet ġiet mibgħuta Malta sabiex taħdem ma stabbiliment li jipprovvdi servizzi, kien jirrisjedi f'post mikri. Huwa ilmenta li kien sofra minn fastidju

razzjali da parti ta' sid il-fond meta dan tal-aħħar kien keċċih mill-fond. Min-naħa 'l oħra, fl-informazzjoni provduta mis-sid lill-Kummissarju huwa ddikjara li kien agixxa tajjeb u sabiex jiddefendi d-drittijiet tiegħu billi l-persuna li resqet l-ilment kienet qiegħda tirrisjedi fil-fond abbużivament.

Il-Kummissarju ġabret informazzjoni mill-persuna li resqet l-ilment, mis-sid u anke minn persuni oħra li kienu involuti f'dan l-inċident. Minn din l-informazzjoni kien ġie stabbilit li kienu saru referenzi peġġorattivi dwar l-etniċita tal-persuna li resqet l-ilment fil-prezenza anke ta' terzi.

F'dan ir-rigward il-Kummissarju nnutat illi l-Avviz Legali 85 tal-2007 jiprojbixxi diskriminazzjoni razzjali fil-provista ta' oġġetti u servizzi, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat u anke fir-rigward ta' akkomodazzjoni. Fastidju kien meqjus bħala diskriminazzjoni 'meta jkun relatat ma' oriġini razzjali jew etnika u jingħata bl-iskop jew ikollu l-effett li jmur kontra d-dinjità ta' persuna u li joħloq ambjent intimidatorju, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv;'. Konsegwentement, huwa rikonoxxut li diskriminazzjoni razzjali tista' tiġi stabbilita b'konsegwenza ta' fastidju li jseħħ b'kull mezz inkluż bi kliem. Pero dawk il-kliem jammontaw għal diskriminazzjoni jew meta jingħidu bil-għan jew b'effett li jivvjolaw id-dinjita' tal-persuna jew li jikkreaw ċirkostanzi intimidanti, ostili, degredanti, umiljanti jew offensivi.

Il-Kummissarju kkonkludiet illi l-informazzjoni miġbura kienet tindika li l-użu peġġorattiv tal-lingwa fir-rigward tal-etniċita tal-persuna li resqet l-ilment u l-użu ta' dak il-kliem kien krea dik l-ostilita li tammonta għal fastidju sesswali, u dan mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tas-sid fir-rigward tal-allegata okkupanza illegali tal-fond.

### *3.6 – Preżentazzjoni ta' ilment quddiem l-NCPE*

Il-mandat tal-NCPE jitratta d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u r-razza fil-provvista u l-għoti ta' oġġetti u servizzi, kif ukoll diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u r-responsabbiltajiet tal-familja fil-qasam tax-xogħol u l-edukazzjoni. Jekk persuna tħoss li kienet soġġetta għal diskriminazzjoni f'xi wieħed minn dawn l-oqsma, din il-persuna tista':

- Tniżżel il-Formola tal-Ilmenti mis-sit elettroniku tal-NCPE, www.equality.gov.mt, mis-Sezzjoni ta' Servizzi, u ladarba din il-formola timtela, għandha tiġi ffirmata u meħuda fl-uffiċju tal-NCPE.
- Ċempel jew ibgħat email lill-NCPE (+356 2590 3850/ equality@gov.mt) biex tagħmel appuntament mas-Sezzjoni tal-Ilmenti.

Hemm żewġ tipi ta' formoli għall-ilmenti disponibbli fis-sit tal-NCPE; waħda għal diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, filwaqt li l-oħra għal diskriminazzjoni abbażi tar-razza/oriġini etnika. Iż-żewġ formoli jistgħu jitniżżlu kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Jekk persuna tkun teħtieġ għajnuna biex timla l-formola tal-ilmenti, din għandha tagħmel kuntatt mal-NCPE għall-għajnuna u tagħmel appuntament għal dan ir-rigward.

# 4. Talbiet għal Informazzjoni u Reklamar Diskriminatorju

## *4.1 – Talbiet għal Informazzjoni*

Matul is-sena, l-NCPE tirrispondi għal diversi talbiet għal informazzjoni dwar suġġetti differenti marbuta mal-mandat tagħha u xi kultant anke lil hinn minn dan il-mandat. Dawn it-talbiet jidħlu mingħand diversi sorsi. Meta persuni jagħmlu talba għal informazzjoni li ma taqax taħt il-mandat tal-NCPE, ġeneralment dawn jiġu riferuti għal dak il-korp rilevanti li jaħdem fil-qasam tat-talba tagħhom, jew inkella, l-NCPE titlob l-informazzjoni mingħand entitajiet oħra f'isem il-persuni li jkunu għamlu t-talba. Sabiex jingħataw tweġibiet ċari u b'mod effiċjenti, kemm it-talbiet għall-informazzjoni kif ukoll it-tweġibiet mogħtija mill-NCPE isiru bil-miktub.

### 4.1.1 – Sorsi minn fejn isiru t-talbiet

It-talbiet għall-informazzjoni jiġu minn diversi sorsi inkluż:

- Impjegati pubbliċi
- Il-mezzi tal-medja
- Il-pubbliku ġenerali
- Kumpaniji privati
- Studenti tal-Universita'
- Għalliema

### 4.1.2 – Talbiet

Matul l-2009, l-NCPE irċeviet diversi talbiet għall-informazzjoni. Hawn taħt tinsab lista ta' allegat każi ta' diskriminazzjoni u mistoqsijiet dwar sitwazzjonijiet li potenzjalment jistgħu jkunu diskriminatorji, per eżempju:

Miżuri favur il-Familja

- Miżuri favur il-familja (inkluż *leave* għall-maternita', *teleworking*, xogħol fuq bażi ta' sigħat imnaqqsa, *leave* għall-ġenituri, waqfa fil-karriera u ħinijiet flessibbli)
- Drittijiet relatati mal-maternita'/il-paternita' fis-settur privat
- Possibilta' li korsijiet jingħataw fuq bażi *part-time* bl-għan li jkunu iżjed adattati għal ħtiġijiet ta' ommijiet li jaħdmu

Dwar NCPE

- Is-sit tal-internet tal-NCPE
- Pubblikazzjonijiet tal-NCPE
- *Internship* fi ħdan l-NCPE
- Attivitajiet tal-NCPE dwar diskriminazzjoni abbażi tar-razza matul l-2008
- Proġetti tal-NCPE

Reklamar Diskriminatorju

- Linji gwida għas-sorveljar ta' reklami
- *Billboard* diskriminatorju
- Diskriminazzjoni abbażi tal-eta' f'reklamar għal xogħol

- Pubblikazzjonijiet u PSAs dwar diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru fil-post tax-xogħol
- Kjarifika dwar reklam li se jkun ippubblikat

Fuq il-post tax-xogħol

- Diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol abbażi ta' reliġjon
- Obbligu li jkun hemm karma fejn ireddgħu t-trabi fuq il-post tax-xogħol
- Diskriminazzjoni fuq ix-xogħol minħabba t-teħid ta' *leave* għall-maternita'
- Trattament inġust fuq ix-xogħol kontra ommijiet li jaħdmu
- Drittijiet tan-nisa tqal waqt il-perjodu ta' prova
- Diskriminazzjoni fl-aċċess għal xogħol minħabba nuqqas ta' esperjenza
- Kundizzjonijiet tax-xogħol
- Kjarifika mingħand min iħaddem dwar jekk il-prattiċi tiegħu humhiex diskriminatorji
- Saħħa u sigurta' fuq ix-xogħol
- Trattament inġust fuq ix-xogħol
- Kundizzjonijiet tax-xogħol
- Uniformijiet tan-nisa u kundizzjonijiet tax-xogħol
- Fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol
- Taħriġ dwar fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol
- Diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru fl-aċċess għall-impjieg
- Kundizzjonijiet għat-teħid ta' *leave* għall-impjegati li jaħdmu fuq sistema ta' sigħat imnaqqsa
- Tibdil fid-dmirijiet ta' xogħol wara ritorn mill-*leave* għall-maternita'
- Inċentivi għan-nisa li jaħdmu u għal nisa li rritornaw ix-xogħol

Diskriminazzjoni abbażi ta’ Razza

- Diskriminazzjoni abbażi tar-razza fl-aċċess għal oġġett
- Diskriminazzjoni abbażi tar-razza fl-aċċess għal edukazzjoni
- Razziżmu u diskriminazzjoni f’Paceville

Informazzjoni dwar liġijiet u linji gwida

- Liġi dwar l-opportunitajiet indaqs
- Regolamenti għall-implimentazzjoni ta’ politika dwar l-ugwaljanza
- Parir dwar politika kontra l-fastidju sesswali fil-kumpaniji
- Informazzjoni dwar kwistjonijiet ta’ ugwaljanza f’Malta
- Linji biex iservu ta’ gwida għal nomenklatura newtrali b’rabta mal-ġeneru

Mistoqsijiet dwar sitwazzjonijiet potenzjali ta’ diskriminazzjoni indiretta

- Kriterji għall-għażla ta’ kandidati biex jikkompetu f’logħob
- Diskriminazzjoni abbażi ta’ nazzjonalita’ f’pajjiż barrani
- Rappreżentazzjoni tan-nisa fis-Servizz Ċivili
- Kjarifika dwar talba għal CV bir-ritratt

Edukazzjoni

- Universita’ tat-Terza Eta’
- Kjarifika biex jingħata *leave* għall-istudju għal impjegati li qegħdin fuq skema ta’ *telework*.

Drittijiet, Skemi u Obbligazzjonijiet

- Skemi ta’ pensjonijiet
- Dritt għal benefiċċji soċjali abbażi ta’ ċittadinanza tal-UE

- Titlu ta' pussess ta' propjeta'
- Drittijiet fuq id-dar matrimonjali
- Skemi ta' irtirar għan-nisa
- Kwistjonijiet ta' taxxi għal persuni li qed iħallsu alimenti u manteniment

<u>Suġġetti varji</u>

- Informazzjoni dwar ir-rappreżentazzjoni tan-nisa fil-livell trejdunjonistiku
- Fastidju u intimidazzjoni f'viċinat partikolari
- Anomaliji diskriminatorji f'Malta
- Passaporti tat-tfal
- Dritt għall-vot lin-nisa f'Malta
- Immigranti irregolari u l-effett ekonomiku fuq Malta

## *4.2 – Il-Librerija tal-NCPE*

Il-librerija tal-NCPE isservi lil kull min ikollu bżonn jagħmel riċerka fuq diversi suġġetti permezz tal-firxa vasta ta' dokumenti u informazzjoni disponibbli għal pubbliku. Il-librerija tinsab fl-uffiċju tal-NCPE fil-Balta l-Bajda u fiha 'il fuq minn 6,000 pubblikazzjoni f'formati differenti. Il-librerija hi mgħammra b'kotba, rivisti, studji u artikli li jkopru firxa wiesgħa ta' letteratura marbuta ma kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ugwaljanza abbażi tal-ġeneru u r-razza, bħal ngħidu aħna, ix-xogħol, l-edukazzjoni, il-politika, is-soċjeta', il-medja, is-saħħa, ir-reliġjon, il-familja, l-ekonomija, oqsma relatati mal-Unjoni Ewropea, il-fastidju sesswali, il-*welfare* u s-sigurta' soċjali, fost l-oħrajn.

Fil-librerija tal-NCPE hemm ukoll pubblikazzjonijiet dwar suġġetti oħra li ma jaqgħux b'mod dirett taħt il-mandat tal-NCPE. Fost dawn nistgħu nsemmu pubblikazzjonijiet dwar il-kura tat-tfal, il-prostituzzjoni, l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabilita' u l-anzjani.

Matul l-2009, il-Kummissjoni kompliet bl-isforzi tagħha biex tespandi r-riżorsi u l-faċilitajiet tal-librerija. Pubblikazzjonijiet u kotba ġodda komplew jiġu miżjuda b'mod kontinwu, u fil-fatt matul l-aħħar sena kien hemm 153 dħul ġdid fis-sistema tal-librerija biex b'hekk issa b'kollox hemm 6384 pubblikazzjoni.

Matul l-2009 bosta persuni wżaw il-librerija tal-NCPE, jew billi sselfu kotba u ġurnali jew billi għamlu kopji ta' xi materjal li jkun relevanti għar-riċerka tagħhom. Fil-fatt, il-persuni li għamlu użu mil-librerija kienu diversi u b'għanijiet differenti, sa li nistgħu ngħidu li l-librerija m'hix biss għodda u servizz li l-NCPE toffri lill-pubbliku iżda wkoll għodda li tintuża mill-membri tal-istaff infushom biex itejbu dejjem ix-xogħol tagħhom u jakkwistaw iktar informazzjoni.

### *4.3 – Reklamar Diskriminatorju*

Aspett ieħor tax-xogħol tal-Kummissjoni huwa li tiżgura li ma jkunx ippubblikat reklamar diskriminatorju jew reklamar li jippromwovi xi forma ta' diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u r-razza.

Artiklu 10 ta' Kap 456 – Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa jgħid:

"… persuni ma jistgħux jippubblikaw, jew jesponu jew iġiegħlu li jiġi pubblikat jew espost xi reklam, jew, xort'oħra li jirreklamaw post battal għal xi impieg li jkun jiddiskrimina bejn min ikun qed ifittex ix-xogħol…"

" … Persuni ma jistgħux jippubblikaw jew jesponu jew iġiegħlu li jiġi ppubblikat jew espost xi reklam li jkun jippromwovi d-diskriminazzjoni jew li jkun xort'oħra jiddiskrimina…"

Artiklu 8 ta' Kap 456 – Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa jgħid:

"(1) Ebda stabbiliment edukattiv jew stabbiliment ieħor li jagħti taħriġ jew gwida vokazzjonali ma jista' jiddiskrimina kontra xi ħadd –
(a) fl-attendenza għal xi kors, taħriġ jew gwida vokazzjonali; …"

Artiklu 8 ta' l-Avviż Legali 85 – Ordni tal-2007 dwar Trattament Indaqs ta' Persuni, jgħid li:

"(1) Ħadd ma jista' jippubblika jew juri, jew iġiegħel li jkun pubblikat jew muri, xi riklam li jippromwovi d-diskriminazzjoni jew li jkun diskriminatorju jew li jista' raġonevolment jinftiehem li jindika intenzjoni li ssir diskriminazzjoni."

"(2) kull persuna li taġixxi bi ksur tas-subartiklu (1) ta' dan l-artiklu tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel il-pieni stabbiliti għal kontravenzjonijiet."

F'dan ir-rigward, matul l-2009, l-NCPE intervjeniet fi 83 każ ta' reklamar diskriminatorju abbażi tal-ġeneru, fejn sar kuntatt ma' aġenziji ta' reklamar jew pubblikaturi u ġew infurmati bil-ksur tal-liġi. Ir-reklami kienu marbuta mal-impjieg kif ukoll ma' opportunitajiet ta' tagħlim u kienu ppubblikati f'gazzetti lokali, rivisti u siti tal-internet tal-aħbarijiet.

It-tabella t'hawn taħt turi n-numru ta' reklami diskriminatorji identifikati mill-NCPE matul l-2009. L-istess tabella turi wkoll kif reklami jistgħu jkunu diskriminatorji fit-test, fil-viżwal jew fit-tnejn.

| **Reklamar diskriminatorju 2009** | | | |
|---|---|---|---|
| **Xahar** | **Testwali** | **Viżwali** | **Sub-Total** |
| Jannar | 1 | 9 | 10 |
| Frar | 6 | 0 | 6 |
| Marzu | 10 | 5 | 15 |
| April | 3 | 1 | 4 |
| Mejju | 10 | 0 | 10 |
| Ġunju | 0 | 1 | 1 |
| Lulju | 1 | 1 | 2 |
| Awwissu | 4 | 2 | 6 |
| Settembru | 10 | 0 | 10 |
| Ottubru | 10 | 3 | 13 |
| Novembru | 5 | 1 | 6 |
| Diċembru | 3 | 0 | 3 |
| Total | 60 | 23 | 83 |

Tabella 6: Reklamar Diskriminatorju 2009

<u>Linji gwida</u>

Fid-dawl tal-obbligazzjoni li għandha l-NCPE li tissorvelja reklamar diskriminatorju, il-Kummissjoni ħarġet set ta' linji gwida biex ikunu ta' għajnuna għal pubblikaturi/ kittieba tar-reklami. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jinforma u jeduka billi jfisser b'mod ċar x'inhuwa diskriminatorju f'dak li għandu x'jaqsam reklamar għal xogħlijiet, servizzi, opportunitajiet ta' tagħlim u/jew taħriġ.

Dawn il-linji gwida jenfasizzaw u jispjegaw l-obbligazzjonijiet elenkati f'Kap 456 b'mod faċli u li jinftiehem f'dak li għandu x'jaqsam ma' diskriminazzjoni fix-xogħol, edukazzjoni, banek u istituzzjonijiet finanzjarji. Dawn l-istruzzjonijiet jinkludu wkoll eżempji varji ta' reklamar diskriminatorju, filwaqt li joffru bosta alternattivi biex jiġu disinnjati reklami li jkunu newtrali u inklussivi fejn jidħol il-ġeneru.

Il-linji gwida għall-pubblikaturi huma inklużi f'dan ir-Rapport bħala Anness 1 u jistgħu wkoll jitnizzlu mis-sit elettroniku tal-NCPE www.equality.gov.mt

## *4.4 – Mistoqsijiet Parlamentari (PQs)*

| PQ * | Data li waslet | Suġġett |
|---|---|---|
| | | |
| 5014 | 08 ta' Jannar 2009 | Karozzi kollha mixtrija fl-2008 |
| 5026 | 08 ta' Jannar 2009 | Safar relatat ma' xogħol fl-2008 |
| 5113 | 13 ta' Jannar 2009 | Nfieq f'ospitalita' fl-2008 |
| 5126 | 13 ta' Jannar 2009 | Nfieq totali fuq petrol fl-2008 |
| 5103 | 14 ta' Jannar 2009 | Nfieq totali fuq *mobiles* fl-2008 |
| 5197 | 29 ta' Jannar 2009 | Ħaddiema Għawdxin sa Diċembru 2008 |
| 5950 | 13 ta' Frar 2009 | Tobba mqabbda mill-NCPE |
| 6142 | 12 ta' Frar 2009 | *Overtime* |
| 6448 | 18 ta' Frar 2009 | Konsulenti |
| 6457 | 19 ta' Frar 2009 | Safar mal-Ministru |
| 3692 | 19 ta' Frar 2009 | Kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-UE |
| 6557 | 2 ta' Marzu 2009 | Impjegati li nefqu iktar mill-kwota allokata f'*allowances* |
| 7209 | 23 ta' Marzu 2009 | Infieq kapitali f'Għawdex |
| 7446 | 24 ta' Marzu 2009 | Kuntratt ta' *Special Carer* |
| 7312 | 03 t'April 2009 | Settur Pubbliku – ħaddiema Għawdxin f'Għawdex sa Diċemrbu 2008 |

| | | |
|---|---|---|
| 7198 and 7202 | 03 t'April 2009 | Konsulenti/*advisers* fuq kuntratt mas-Servizz Pubbliku |
| 7657, 7653 and 7666 | 06 t' April 2009 | Laqgħat ta' Kumitati/ Bordijiet/ f'Jannar, Frar u Marzu 2009 |
| 7875 | 21 t'April 2009 | *Energy Efficient Audit* |
| 1360 | 24 t' April 2009 | Pagamenti pendenti mid-Dipartiment tal-Finanzi |
| 7970 | 24 t' April 2009 | Lista ta' karozzi mixtrija u tqassim finanzjarju ta' nfieq fix-xahar |
| 8418 | 13 ta' Mejju 2009 | Servizz tal-*internet* |
| 8692 | 20 ta' Mejju 2009 | Numru ta' *mobiles*/ linji fissi |
| 9044 | 3 ta' Ġunju 2009 | Proġetti f'Għawdex |
| 9163 | 8 ta' Ġunju 2009 | Ordnijiet diretti |
| 9172 | 9 ta' Ġunju 2009 | Karozzi mixtrija/mikrija mill-1 ta' Jannar 2009 |
| 9340 | 9 ta' Ġunju 2009 | Benefiċċji għall-Kunsilli Lokali |
| 9733 | 18 ta' Ġunju 2009 | Bini ta' siti tal-*internet* |
| 10059 | 13 ta' Lulju 2009 | Sorsi alternattivi ta' enerġija |
| 10265 | 9 ta' Lulju 2009 | Xiri ta' għamara / Żebgħa |
| 10679 | 9 ta' Settembru 2009 | Taxxi, tariffi u miżati |
| 10808 | 24 ta' Settembru 2009 | Riċevimenti |
| 10798 | 24 ta' Settembru 2009 | Miżuri favur il-familja |
| 11131 | 08 t'Ottubru 2009 | Faċilitajiet ta' treddigħ tat-trabi |
| 11256 | 08 t'Ottubru 2009 | Serqiet rappurtati |
| 11143 | 12 t'Ottubru 2009 | Materjal stampat |
| 11561 | 20 t'Ottubru 2009 | Trasferimenti lejn Għawdex |
| 11587 | 20 t'Ottubru 2009 | Persuni jaqdu dmirijiethom f'Għawdex |
| 11679 | 20 t'Ottubru 2009 | Infieq ta' flus fuq konsulenzi |
| 11670 | 21 t'Ottubru 2009 | Persuni fuq kuntratti |
| 12138 | 03 ta' Novembru 2009 | Ħaddiema barranin |
| 11642 | 09 ta' Novembru 2009 | *Telework* |
| 12808 | 20 ta' Novembru 2009 | *Gender Equality Units* |
| 13009 | 30 ta' Novembru | Ilmenti |

Tabella 7: Mistoqsijiet Parlamentari li ġew imwieġba 2009

# 5. Inizjattivi ta' Taħriġ

### *5.1 – Introduzzjoni*

It-taħriġ huwa parti importanti ħafna mix-xogħol tal-NCPE. Dan għax jagħti ċans lill-NCPE toħroġ fil-komunita' u tiddiskuti kwistjonijiet partikolari ma' gruppi differenti fost il-pubbliku, kif ukoll ma' gruppi speċifiċi bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi u entitajiet pubbliċi u privati.

L-NCPE toffri li tagħti taħriġ lil kull min jitlobha dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti marbuta mal-mandat tagħha.

L-għan ewlieni ta' dan it-taħriġ, apparti li joffri informazzjoni dwar is-suġġett partikolari tas-sessjoni, huwa wkoll li jissensibilizza lill-parteċipanti dwar kwistjonijiet bażiċi marbuta mal-ugwaljanza u non-diskriminazzjoni. Fil-fatt huwa permezz tat-taħriġ, u kampanji oħra li jilħqu 'l pubbliku, li l-individwi jitgħalmu dwar x'inhuma d-drittijiet tagħhom u fejn jistgħu jsibu l-għajnuna f'każ ta' bżonn.

Fl-2009, l-NCPE offriet taħriġ lill-gruppi differenti, kif ġej:

- Amministrazzjoni tas-Settur Pubbliku

- Amministrazzjoni Superjura tal-Ministeri
- Tfal tal-Iskola
- Għalliema tal-*Guidance*
- Studenti tal-MCAST -kors segretarjali
- Studenti tal- MCAST – Xogħol Servizzi fil-Komunita'
- ETC Delegazzjoni Ungeriża
- Studenti tal-kors *Gender and Development*
- ETC – Persuni li qed ifittxu xogħol
- *Malta Association for Women in Business*
- *Malta UNESCO Youth Association*
- Rekluti tal-Pulizija
- Amministrazzjoni u Staff ta' Kumpaniji Privati
- Kunsill Lokali Isla - Delegazzjoni Taljana
- Studenti tal-*Public Policy*
- Studenti tal-*Human Rights*

### *5.2 – Taħriġ mogħti mill-istaff tal-NCPE*

Matul l-2009, l-NCPE offriet taħriġ fuq dawn is-suġġetti kif ġej. Din hija biss ħarsa ġenerali fuq kull taħriġ għax fil-fatt kull sessjoni tkun immirata b'mod speċifiku skont il-ħtiġijiet tal-udjenza partikolari.

- <u>Xogħol tal-NCPE li jagħti servizz u sapport dirett lill-pubbliku jew 'l entitatjiet oħra</u>

Permezz ta' dan it-taħriġ, l-NCPE tiddiskuti x-xogħol tal-Kummissjoni, speċjalment l-aspetti tax-xogħol tal-Kummissjoni li jagħti servizz u sapport dirett lill-pubbliku jew 'l entitatjiet oħra. Biex jiġi diskuss dan ix-xogħol, dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ jibdew billi jagħtu introduzzjoni dwar il-mandat tal-Kummissjoni, segwita b'informazzjoni dwar l-aspetti ġenerali tax-xogħol ta' pariri u li jwassal għal kwistjonijiet speċifiċi marbuta ma' dan ix-xogħol.

- <u>Kwistjonijiet dwar l-Ugwaljanza u Politika tal-Ugwaljanza</u>

Taħriġ dwar dan is-suġġett ukoll huwa karaterizzat minn introduzzjoni għax-xogħol u l-mandat tal-NCPE, flimkien ma' taħriġ dwar il-leġiżlazzjoni marbuta mal-ugwaljanza, inkluż kwistjonijiet partikolari li joħorġu minn dawn il-liġijiet. Dan it-taħriġ imbagħad ikun segwit minn miżuri politiċi prattiċi li qegħdin fis-seħħ u jsiru diskussjonijiet dwar suġġetti bħall-miżuri favur il-familja, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-fastidju sesswali, u politiki oħra skont l-udjenza. F'dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ ikun hemm ukoll gruppi ta' ħidma dwar punti partikolari, ukoll jiddependi mill-udjenza.

- <u>Kwistjonijiet Soċjali u l-Ugwaljanza</u>

Dan is-suġġett jinkludi fih introduzzjoni dwar il-mandat tal-NCPE u ħarsa ġenerali lejn kwistjonijiet marbuta mal-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza. Kull kwistjoni mbagħad tiġi ndirizzata permezz ta' diskussjonijiet mal-udjenza. Issir ukoll diskussjoni dwar tipi differenti ta' diskriminazzjoni, kif ukoll tiġi spjegatha il-

proċedura tal-NCPE fejn jidħlu l-ilmenti. Din tkun segwita b'diskussjoni dwar eżempji ta' kwistjonijiet li ħarġu minn ilmenti li investigat il-Kummissjoni.

- <u>Fastidju Sesswali</u>

Dan it-taħriġ tfassal direttament biex jindirizza kwistjonijiet dwar il-fastidju sesswali. Fil-fatt waqt dan it-taħriġ, issir introduzzjoni dwar l-NCPE u definizzjonijiet ta' diskriminazzjoni, vittimizzazzjoni u fastidju kif ukoll il-leġiżlazzjoni li minnha joħorġu dawn id-definizzjonijiet. Din il-parti tat-taħriġ tkun segwita bi spjegazzjoni ta' x'inhu fastidju sesswali kif ukoll x'mhux ikkunsidrat bħala fastidju sesswali. Wara dan, issir diskussjoni dwar l-effetti tal-fastidju sesswali flimkien ma' azzjoni li tista' tittieħed minn min iħaddem kemm biex jiġi evitat fastidju ta' dan it-tip kif ukoll x'għandu jsir meta jkun hemm allegazzjonijiet ta' fastidju sesswali.

- <u>Razziżmu u Ksenofobija</u>

Dan it-taħriġ huwa bbażat l-iktar fuq il-mandat li għandha l-NCPE li joħroġ minn Avviż Legali 85/2007, *Ordni dwar Trattament Ugwali ta' Persuni*. Din is-sessjoni ta' taħriġ tiftaħ b'introduzzjoni għall-mandat tal-NCPE u spjegazzjoni ta' x'nifhmu b'razza u oriġini etnika. Din is-sessjoni tkompli b'diskussjoni dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija kif ukoll ħidma fi gruppi fuq każijiet relatati mas-suġġetti diskussi. Is-sessjoni tagħlaq b'diskussjoni dwar dan.

- <u>Non-Diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol</u>

Dan it-taħriġ dwar non-diskriminazzjoni b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol jinkludi introduzzjoni dwar l-NCPE, segwita bi spjegazzjoni ta' kunċetti bħall-

ugwaljanza u l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza, li mbagħad iwasslu għal diskussjonijiet dwar l-importanza ta' ħolqien ta' għarfien u sensibilizzazzjoni dwar dawn is-suġġetti. Wara dan, ikun hemm spjega dwar x'inhuma l-fastidju u d-diskriminazzjoni, u dwar leġiżlazzjoni relevanti. Din tkun segwita b'diskussjoni dwar it-tipi differenti ta' diskriminazzjoni li jseħħu fuq il-post tax-xogħol, kif dawn jistgħu jiġu evitati u fejn persuna tista' tfittex rimedju f'dawn il-każijiet.

- Miżuri favur il-Familja/ *Telework*

Dan it-taħriġ intalab biex ikun immirat lejn udjenza speċifika. Wara introduzzjoni dwar il-mandat tal-NCPE, f'dan it-tip ta' taħriġ issir diskussjoni dwar il-miżuri favur il-familja, is-sitwazzjoni f'Malta kif ukoll il-politiki eżistenti fir-rigward ta' dawn il-miżuri.

- Ir-Rwol u l-Mandat tal-NCPE

Dan it-taħriġ jagħti ħarsa inġenerali lejn ir-rwol tal-Kummissjoni, il-mandat u x-xogħol tagħha. Fl-ewwel parti ta' dan it-taħriġ issir introduzzjoni bażika dwar il-leġiżlazzjoni li permezz tagħha twaqqfet l-NCPE, Kap 456 - *Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa*, kif ukoll dwar l-Avviżi Legali sussegwenti li wkoll jagħmlu parti mir-responsabbiltajiet tal-NCPE. Dawn huma l-Avviż Legali 85/2007 - *Ordni tal-2007 dwar Trattament Indaqs ta' Persuni* u Avviż Legali 181/2008 - *Regolamenti tal-2008 dwar Trattament Indaqs fl-Aċċess u l-Provvista ta' Oġġetti u Servizzi*. Il-parti li jmiss ta' dan it-taħriġ tagħti informazzjoni dwar ix-xogħol imwettaq mill-NCPE b'rabta ma' dawn il-liġijiet u ssir diskussjoni dwar il-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza u forom differenti ta' diskriminazzjoni. B'rabta mal-leġiżlazzjoni imsemmija, dan it-taħriġ jintemm

permezz ta' diskussjoni dwar ir-rwol tal-Kummissjoni fl-investigazzjoni tal-ilmenti, kif ukoll dwar kwistjonijiet ġenerali li joħorġu minn dawn l-ilmenti.

### *5.3 – L-Iżvilupp tal-Potenzjal u tal-Ħiliet tal-iStaff tal-NCPE*

Il-membri tal-istaff tal-NCPE jieħdu sehem f'diversi sessjonijiet ta' taħriġ bl-għan li jkabbru l-iżvilupp personali tagħhom, kif ukoll biex ikomplu jtejbu l-ħiliet tagħhom li mbagħad jirrifletti fil-kwalita' tax-xogħol tagħhom fl-NCPE.

| **Xahar** | **Isem tat-Taħriġ** | **Min organizzah** |
|---|---|---|
| **MARZU** | Kitba ta' diskorsi u kif isir diskors | *Staff Development Organisation* |
| | Persuni li qed iffitxu l-ażil f'Malta | UNHCR |
| | Kif jittieħdu l-minuti | MISCO |
| | *Listening Skills* | *Staff Development Organisation / CPRT* |
| | *Interpersonal Effectiveness* | *Staff Development Organisation /MISCO* |
| **APRIL** | Risposti għall-Mistoqsijiet Parlamentari | *Staff Development Organisation* |
| | Aċċess għal Drittijiet | EQUINET |
| | Immaniġjar Effettiv tal-Ħin | *Staff Development Organisation / Media Coop* |
| | *Procurement* mill-Awtorita' tal-Kuntratti | *Staff Development Organisation* |
| | L-Iżvilupp ta' Politika Effettiva | *Staff Development Organisation* |
| | L-Immaniġjar b'Direzzjoni | *Staff Development Organisation* |
| **MEJJU** | L-Immaniġjar tal-Kommunikazzjoni u l-Kunflitti | *Staff Development Organisation /MISCO* |
| | Ħiliet għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata | *Staff Development Organisation / MISCO* |

| | | |
|---|---|---|
| **ĠUNJU** | L-Istatistika għall-Uffiċjali Pubbliċi | *Staff Development Organisation* |
| | Diżabilta' u Razza, Nikkombattu d-Diskriminazzjoni: Niżguraw Opportunitajiet Indaqs | KNPD/JRS |
| **LULJU** | L-Ewropa fuq l-*Internet* | *Staff Development Organisation* |
| **AWWISSU** | *Coaching and Mentoring* | *Staff Development Organisation* |
| | Taħriġ dwar id-*Database* tal-Fondi Strutturali | PPCD |
| **SETTEMBRU** | SEN Grupp ta' Ħidma Nazzjonali 1 | HEC |
| **OTTUBRU** | *MS Excel Advanced* | *Staff Development Organisation (CPRT)* |
| | Is-Saħħa u s-Sigurta' fix-xogħol | Awtorita' dwar is-Saħħa u s-Sigurta' |
| | Taħriġ legali | EQUINET |

Tabella 8: Taħriġ li ħadu sehem fih l-istaff tal-NCPE fl-2009

# 6. Kwestjonarji u Rispons

## *6.1 – Kwestjonarji*

<u>Diskriminazzjoni Multipla u l-Integrazzjoni tal-Prinċipju ta' Non-Diskriminazzjoni: Grupp ta' Esperti dwar Non-Diskriminazzjoni (Jannar)</u>

Wara li ħadet sehem fl-ewwel laqgħa tal-esperti tal-Gvern dwar non-diskriminazzjoni, l-NCPE intalbet tibgħat il-kontribuzzjonijiet tagħha b'rabta mad-diskriminazzjoni multipla u l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni. Fir-risposta tagħha, l-NCPE semmiet l-inizjattivi, l-istrateġiji, il-proġetti, it-taħriġ u attivitajiet oħra ta' ħolqien ta' għarfien li saru u li jkopru iżjed minn bażi waħda ta' diskriminazzjoni. Barra minn hekk, l-NCPE iddeskriviet il-proċessi u l-għodod li ġew żviluppati bħala eżempji tajba tal-integrazzjoni tal-priniċipju ta' non-diskriminazzjoni.

<u>*Database* ko-ordinat dwar il-vjolenza fuq in-nisa mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti: Diviżjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Avvanz tal-Mara (Jannar)</u>

Dan il-kwestjonarju ġabar informazzjoni għall-ħolqien ta' *database* ko-ordinat u faċli biex tużah dwar il-vjolenza fuq in-nisa,. L-NCPE ipprovdiet informazzjoni dwar miżuri adottati biex tiġi indirizzata l-vjolenza fuq in-nisa. Fil-fatt l-NCPE iddeskriviet attivitajiet marbuta mal-fastidju sesswali, bħal per eżempju: it-taħriġ; il-

pubblikazzjoni ta' linji gwida dwar il-fastidju sesswali fis-Servizz Pubbliku u Kodiċi ta' Prattika dwar il-fastidju sesswali għal min iħaddem, għall-ħaddiema u 'l pubbliku ġenerali; it-tfassil ta' diversi politiki dwar il-fastidju sesswali f'bosta postijiet tax-xogħol u inizjattivi oħra simili.

<u>Kwestjonarju dwar l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Beijing (1995) u l-Eżitu tat-tlieta u għoxrin Sessjoni Speċjali tal-Assemblea Ġenerali (2000): Kummissjoni Ekomomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UNECE) (Frar)</u>

L-NCPE tat informazzjoni estensiva dwar sforzi li saru u l-progress li sar mill-2005 dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing li ġiet addottata fir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa (Beijing, 1995) u t-tlieta u għoxrin sessjoni speċjali tal-Assemblea Ġenerali (2000). Fil-fatt l-NCPE semmiet il-kisbiet ewlenin u l-ostakoli li ltaqgħet magħhom; eżempji speċifiċi ta' kisbiet li twettqu (inkluż żvilupp ta' politiki, tibdil fil-liġijiet, ħolqien ta' għarfien, żvilupp ta' ħiliet, programmi u proġetti); żviluppi istituzzjonali li jagħtu appoġġ lill-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u anke lill-emanċipazzjoni tan-nisa; kif ukoll l-isfidi u l-ostakoli għall-futur flimkien ma' azzjonijiet u inizjattivi għall-ġejjieni li ġew ippjanati jew saru biex tkun żgurata l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni.

<u>Opinjoni dwar il-Perspettiva tal-Ġeneru dwar ir-Rispons għall-Kriżi Ekonomika u Finanzjarja: Kumitat Konsultattiv dwar Opportunitajiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel (Marzu)</u>

L-NCPE, b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Finanzi, ipprovdiet data dwar in-natura u l-livell ta' telf ta' impjiegi f'Malta, il-politiki u l-infieq pubbliku b'rabta mal-kriżi

ekonomika fis-setturi rispettivi f'Malta, flimkien mal-impatt ta' dawn il-miżuri tal-irġiel u n-nisa b'konsegwenza ta' dan.

<u>Titjib fis-sitwazzjoni tan-nisa li jigħixu f'zoni rurali: Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (Mejju)</u>

Permezz ta' dan il-kwestjonarju, l-NCPE ipprovdiet informazzjoni dwar il-progress li sar dwar l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali 62/136 dwar it-titjib tas-sitwazzjoni tan-nisa li jigħixu f'zoni rurali. Għaldaqstant, l-NCPE ġabret informazzjoni dwar azzjonijiet li ttieħdu u riżultati li nkisbu: permezz tal-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa rurali fit-teħid ta' deċiżjonijiet; fil-proviżjon ta' servizzi ta' kura tas-saħħa; l-appoġġ lil nisa rurali li huma vittmi ta' vjolenza; il-ħtiġijiet bażiċi ta' nisa rurali anzjani; il-ħtiġijiet bażiċi ta' nisa rurali li għandhom diżabilita'; kif ukoll l-appoġġ disponibbli biex nisa rurali jsibu xogħol mhux fil-qasam agrikolu.

<u>In-Nisa u l-iŻvilupp: Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (Mejju)</u>

F'dan il-kwestjonarju intalbet informazzjoni dwar il-progress li sar dwar l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali 62/206 dwar in-Nisa u l-iżvilupp. Għaldaqstant l-NCPE iddeskriviet l-azzjonijiet li ttieħdu u r-riżultati li nkisbu dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fi strateġiji nazzjonali ta' żvilupp; l-aċċess tan-nisa għall-impjieg; l-għotja ta' protezzjoni soċjali; l-aċċess tan-nisa għas-settur finanzjarju u t-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi; baġitjar li jwieġeb għal-ħtiġijiet tal-ġeneru b'rabta ma' miżuri politiċi u programmi relatati mal-kriżi finanzjarja u ekonomika; kif ukoll l-impatt differenti tal-kriżi finanzjarja fuq in-nisa u l-irġiel.

Tisħiħ tar-Rwol tan-Nisa fis-Soċjeta': EUROMED (Mejju)

F'dan il-kwestjonarju intalab sunt tal-prijoritajiet l-iktar importanti għall-2008 – 2009 b'rabta mar-rwol tan-nisa fis-soċjeta'; kif ukoll sunt tar-riżultati u kisbiet min-Novembru 2006. Barra minn dan, l-NCPE tat ukoll informazzjoni wiesgħa dwar numru ta' kriterji għall-perjodu 2008-2009 dwar prinċipji trasversali u azzjonijiet; drittijiet politiċi u ċivili tan-nisa; drittijiet soċjali u ekonomiċi tan-nisa u l-iżvilupp sostenibbli; id-drittijiet tan-nisa fil-qasam kulturali u r-rwol tal-komunikazzjoni u l-mezzi tal-medja. Barra minn hekk, l-NCPE identifikat żewġ proposti għall-prijoritajiet għas-sena 2010 biex ikomplu jsaħħu r-rwol tan-nisa fis-soċjeta'.

Kwestjonarju dwar ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni f'Malta 2008: ENAR (Mejju)

L-NCPE mliet dan il-kwestjonarju fejn iddeskriviet l-attivitajiet li twettqu mill-NCPE fl-2008 b'rabta mad-diskriminazzjoni abbażi ta' razza/oriġini etnika.

Kwestjonarju tal-*European Transition Compendium* (ETC): *European Transition Compendium* (ETC) (Mejju)

Il-*European Transition Compendium* ifformola dan il-kwestjonarju bl-intenzjoni li jiġbor lista mhux eżawrjenti ta' esperjenzi, eżempji tajba u għarfien espert disponibbli fil-qasam tat-transiżżjoni politika u ekonomika. Fir-risposta tagħha, l-NCPE enfasizzat l-esperjenzi, l-eżempji tajba u l-għarfien espert b'rabta mal-emanċipazzjoni tas-soċjeta u l-appoġġ fit-tkabbir ta' ħiliet fil-livell bażiku dwar it-trattament indaqs u non-diskriminazzjoni.

Kwestjonarju għall-Konsultazzjoni tal-2009 ta' Artiklu 4: Fond Monetarju Internazzjonali, Malta (Ġunju)

F'dan il-kwestjonarju intalab rispons dwar is-sitwazzjoni tan-nisa u l-impjieg fuq bażi *part-time* f'Malta. L-NCPE spjegat kif se twettaq riċerka fil-fond biex tidentifika r-raġunijiet għall-inattivita' tan-nisa f'Malta, bħala parti mill-proġett ko-finanzjat mill-UE 'Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara'.

Progress b'rabta ma' Ippjanar finanzjarju li jwieġeb għall-bżonnijiet ibbażati fuq il-ġeneru (*Gender Responsive Budgets):* Segretarjat tal-Commonwealth (Ġunju)

L-għan ta' dan il-kwestjonarju kien li jenfasizza suċċessi, eżempji tajba u strateġiji li twettqu biex jegħlbu l-isfidi marbuta mal-implimentazzjoni ta' *Gender Responsive Budgets* f'Malta. L-NCPE iddeskriviet kif kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-emanċipazzjoni tan-nisa qed jiġu ndirizzati f'dokumenti ta' politika nazzjonali; kif kwistjonijiet dwar l-ugwljanza bejn in-nisa u l-irġiel kienu riflessi f'baġits nazzjonali; l-inizjattiva tal-NCPE li tirriċerka dwar *Gender Responsive Budgeting*; kif ukoll il-mod kif irridu nimxu 'il quddiem dwar dan is-suġġett.

Alleanza Ewropea għall-Familja (EAF) (Ġunju)

L-Alleanza Ewropea għall-Familja (EAF) riedet taġġorna l-politika nazzjonali dwar il-familja ta' kull Stat Membru billi telenka eżempji tajba li taw kontribut lejn it-titjib tas-sitwazzjoni tal-familja u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja għall-ġenituri. Min-naħa tal-NCPE ingħatat deskrizzjoni ta' kampanji għall-ħolqien ta' għarfien li twettqu bħala parti minn proġetti ko-finanzjati mill-UE, kif ukoll ta' sessjonijiet ta' taħriġ li twettqu bħala parti mix-xogħol tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja u politiki ta' rikonċiljazzjoni.

Kwestjonarju dwar *Situation Testing*: *Migration Policy Group* (Ġunju)

Dan il-kwestjonarju kien parti minn proġett aktar wiesgħa dwar analiżi tal-qagħda ta' '*situation testing*' b'rabta mal-protezzjoni ta' vittmi potenzjali tad-diskriminazzjoni. L-NCPE ipprovdiet informazzjoni dwar il-qagħda ta' '*situation testing'* fil-livell nazzjonali.

WG Kwestjonarju dwar il-Formazzjoni Politika: EQUINET (Awwissu)

L-għan ta' dan il-kwestjonarju kien li jsaħħaħ it-tnedija ta' inizjattiva biex jinħoloq qafas ta' ħidma bejn il-korpi tal-ugwaljanza dwar kwistjonijiet differenti marbuta mal-ugwaljanza, inkluż l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Permezz ta' dan il-kwestjonarju l-NCPE iddeskriviet il-viżjonijiet u l-għanijiet tagħha, tat idea ġenerali tax-xogħol legali tagħha; ix-xogħol tal-NCPE f'dak li huwa promozzjoni, inkluż kampanji ta' ħolqien ta' għarfien u taħriġ; aspetti dwar ix-xogħol ta' riċerka li twettaq l-NCPE; ix-xogħol ta' komunikazzjoni li twettaq l-NCPE biex tilħaq aktar persuni; u l-pjanijiet t'azzjoni strateġiċi għax-xogħol futur tal-NCPE.

Is-sitwazzjoni ta' ċittadini Ewropej mhux Maltin u individwi minn pajjiżi tat-Tielet Dinja f'Malta: RAXEN (Awwissu)

L-NCPE ipprovdiet informazzjoni dwar il-każijiet ta' lmenti li rċeviet matul l-2008 u l-2009 abbażi ta' razza u oriġini etnika.

Stħarriġ dwar Ġbir ta' Data: EQUINET (Settembru)

EQUINET taħdem bl-għan li tidentifika strateġiji li jintużaw minn korpi nazzjonali tal-ugwaljanza biex jiġbru, jipproċessaw u jużaw data interna u esterna. Għal dan il-għan, permezz ta' dan il-kwestjonarju, l-NCPE ipprovdiet informazzjoni dwar it-tip

ta' data li tiġbor, il-proċessi u t-tqassim b'rabta mat-talbiet individwali li jaslu għandha.

<u>Stħarriġ bħala studju preparatorju dwar l-edukazzjoni dwar id-drittijiet umani: Aġenzija dwar Drittijiet Fundamentali (FRA) (Settembru)</u>

Bħala parti mill-istudju dwar l-edukazzjoni dwar id-drittijiet umani, il-FRA għamlet kwestjonarju *online* ma' diversi partijiet interessati dwar kif l-edukazzjoni dwar id-drittijiet umani tista' tingħata promozzjoni iktar wiesgħa madwar l-Ewropa. L-NCPE tat il-konrtibut tagħha għal dan l-istudu billi tat informazzjoni dwar l-impenn tal-NCPE li tagħti taħriġ bil-għan li tinforma lill-poplu dwar id-drittijiet tagħhom, toħloq għarfien dwar żviluppi legali u politiċi dwar l-ugwaljanza, kif ukoll biex tippromwovi l-ugwaljanza fis-soċjeta in ġenerali.

<u>Kwestjonarju dwar Linji Gwida dwar il-Konsultazzjoni: Management Efficiency Unit (Ottubru)</u>

Il-Management Efficiency Unit ifformola dan il-kwestjonarju bl-għan li janalizza n-natura u l-firxa tal-konsultazzjoni fl-Amministrazzjoni Pubblika ta' Malta, sabiex ifassal linji gwida dwar il-konsultazzjoni għas-Settur Pubbliku. L-NCPE ħadet sehem f'dan il-kwestjonarju billi issottomettiet ir-rispons tagħha dwar il-proċessi ta' konsultazzjoni kurrenti.

<u>Studju ta' nofs it-terminu dwar l-implementazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri li tfassal mill-Commonwealth għall-perjodu 2005-2015: Segretarjat tal-Commonwealth (Novembru)</u>

L-għan ewlieni ta' dan l-istudju ta' nofs it-terminu kien biex tanalizza kemm fil-fatt l-istrateġiji, l-azzjonijiet u l-prattiċi ta' amministrazzjoni interna, qegħdin jirnexxu fil-

kisba tal-għanijiet tal-Pjan t'Azzjoni tal-Commonwealth biex isir avvanz fl-ugwaljanza tal-ġeneri fil-perjodu 2007 – 2009. Għal dan il-għan l-NCPE waqqfet grupp organizzat biex jaħdem fuq dan il-għan (*Task Team*) magħmul minn rappreżentanti mill-Ministeri, dipartimenti u organizzazzjonijiet mis-soċjeta ċivili ewlenin biex jgħinu fil-kumpilazzjoni ta' dan il-kwestjonarju, u r-rapport tal-pajjiż. Dan il-kwestjonarju komprensiv kopra l-oqsma differenti marbuta mal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel inkluż: l-iżvilupp u l-isforzi biex jinħoloq ambjent li jħeġġeġ lin-nisa u 'l irġiel jiżviluppaw il-potenzjali tagħhom u l-mekkaniżmi istituzzjonali li jappoġġaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa; l-implimentazzjoni u s-sorveljar ta' oqsma kritiċi fil-Pjan t'Azzjoni (li huma Ġeneru - demokrazija, paċi u kunflitt; Ġeneru – drittijiet umani u liġijiet; Ġeneru – eliminazzjoni tal-faqar u emanċipazzjoni ekonomika; u Ġeneru – HIV/AIDS); kif ukoll evalwazzjoni tal-intervenzjonijiet kollha tal-Commonwealth, ir-rilevanza, l-adattabilita, u l-kapaċita li tinkiseb fil-fatt l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

<u>Drittijiet ugwali għal kulħadd – lussu fi żminijiet ta' kriżi? – Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali (FRA) (Diċembru)</u>

L-NCPE imliet dan il-kwestjonarju *online* dwar l-effetti tal-kriżi ekonomika fuq il-protezzjoni ta' drittijiet fundamentali.

<u>Kwestjonarju ta' Evalwazzjoni : EQUINET (Diċembru)</u>

Matul l-2009, l-NCPE ħadet sehem f'diversi attivitajiet organizzati mill-EQUINET. Għaldaqstant, bħala risposta għal dan il-kwestjonarju, l-NCPE tat ir-rispons tagħha għall-kontenut, disinn u s-siwi ta' dawn l-attivitajiet fosthom it-taħriġ, is-seminars, il-laqgħat, in-networking tal-EQUINET, is-siti tal-internet u l-pubblikazzjonijiet.

## *6.2 – Rispons*

Fl-2009, l-NCPE kompliet tagħti rispons dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet fuq id-Direttivi propsti fuq livell Ewropew, inkluż:

- Proposta għad-Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament indaqs bejn persuni irrispettivament mir-reliġjon u twemmin, diżabilita' u orjentazzjoni sesswali
- Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 9285/EEC dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex iħeġġu titjib fis-saħħa u s-sigurta ta' ħaddiema tqal u dawk li welldu reċentement jew li qed ireddgħu
- Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trattament indaqs bejn in-nisa u l-irġiel involuti f'attivita' li fiha jaħdmu għal rashom u li tirrevoka Direttiva 86/613/EEC
- Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li timplimenta l-ftehim rivedut tal-qafas ta' ħidma dwar *leave* għall-ġenituri konkluża mill-BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u l-ETUC u li tirrevoka Direttiva 96/34/EC

L-NCPE tat ukoll rispons għal abbozzi ta' konklużjonijiet tal-Kunsill mill-Presidenza dwar dokumenti oħra:

- Verifika tal-implimentazzjoni minn Stati Membri u Istituzzjonijiet tal-UE tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing – Rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja
- Opportunitajiet indaqs għal nisa u rġiel tal-ġenerazzjoni 50+: ħajja attiva u nikbru b'dinjita'

- Ugwaljanza tal-ġeneri: insaħħu t-tkabbir u x-xogħol – Messaġġi Ewlenin dwar il-Ġeneru
- Ugwaljanza tal-ġeneri: insaħħu t-tkabbir u x-xogħol – rispons għall-istrateġija ta' Liżbona post-2010
- Verifika tal-implimentazzjoni mill-iStati Membri u Istituzzjonijiet tal-UE tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta Beijing – "Beijing +15": Verifika tal-Progress
- Promozzjoni tal-inklużjoni fis-suq tax-xogħol – Nirkupraw mill-kriżi u nippreparaw għall-Aġenda ta' Liżbona wara-2010

L-NCPE tat ukoll ir-rispons tagħha għal diversi rapporti minn entitajiet u istituzzjonijiet Ewropej:

- Rapport dwar non-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u solidarjeta' intergenerazzjonali mill-Kumitat tad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza tal-Ġeneru (Parlament Ewropew)
- Rapport dwar l-ugwaljanza fit-trattament u l-aċċess għan-nisa u l-irġiel fl-arti teatrali mill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza tal-Ġeneru (Parlament Ewropew)
- Rapport dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ġeneru fix-xogħol tal-Kumitati u delegazzjonijiet mill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza tal-Ġeneru (Parlament Ewropew)
- Rapport mill-Kummissjoni għall-Kunsill, Parlament Ewropew, Kumitat Soċjali Ewropew u Ekonomiku u l-Kumitat tar-Reġjuni: Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel – 2009 (Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej)

- Rapport dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'relazzjonijiet esterni tal-UE u kostruzzjoni ta' paċi/kostruzzjoni ta' nazzjonijiet mill-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin (Parlament Ewropew)
- Abbozz ta' linji gwida tal-UE għat-tieni laqgħa tal-Ministri dwar "Insaħħu r-rwol tan-nisa fis-soċjeta'" - EUROMED
- L-Abbozz tal-Programm ta' Xogħol Annwali 2011 tal-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)
- Opinjoni dwar il-Futur tal-politika dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri wara l-2010 u dwar il-prijoritajiet ta' qafas ta' ħidma għall-futur għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel – Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Indaqs bejn in-Nisa u l-Irġiel
- Stħarriġ dwar Minoranzi u Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea – Rapport dwar Data - Musulmani mill-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) EU MIDIS
- Abbozz tal-Pjan t'Azzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa fl-iżvilupp mil-Laqgħa tal-Esperti tal-Ġeneru tal-Istati Membri

L-NCPE semmiet ukoll l-inizjattivi li twettqu b'rabta mas-suġġetti rispettivi għal Memornda ta' Spjegazzjoni Lokali:

- Memorandum dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni għall-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar 'Il-metodu ta' sorveljar tal-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil (COM (2009) 266)'
- Memorandum dwar rapport u l-applikazzjoni tad-Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali

għall-irġiel u n-nisa b'rabta mal-aċċess għall-impjieg, taħriġ vokazzjonali u promozzjonu u kundizzjonijiet ta' xogħol

- Memorandum dwar Komunikazzjoni mill-Kummissjoni għall-Kunsill, għall-Parlament Ewropew, għall-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Implimentazzjoni, r-Riżultati u l-valutazzjoni globali tas-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd 2007 (COM (2009) 269 finali)

Bi tħejjija għal-Laqgħat tal-Grupp ta' livell Għoli dwar l-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza, l-NCPE tat rispons dwar dawn id-dokumenti kif ġej:

- Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel Wara-2010 – Is-Suċċessur tad-Dokument tal-Kummissjoni "Il-pjan ta' rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006 – 2010"
- Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel Wara-2010 – Id-dimensjoni tal-ġeneru fl-iStrateġija ta' Liżbona wara 2010
- Ir-Rapport dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għas-Summit tar-Rebbiegħa 2010
- It-tkomplija tal-Pjattaforma t'Azzjoni ta' Beijing - Beijing +15 – Preżentazzjoni tal-abbozz tar-rapport dwar Beijing +15
- It-tkomplija tal-Pjattaforma t'Azzjoni ta' Beijing - Beijing +15 – Il-futur tal-indikaturi

L-NCPE tat ukoll il-kontribuzzjoni tagħha għal rispons mitlub minn entitajiet oħra:

- Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess wieħed ta' ċittadini mit-tielet dinja biex jgħixu u jaħdmu fit-territorju tal-iStat Membri u dwar drittijiet komuni għal dawk li għandhom dan il-permess

- Proposta għar-Regola tal-Kunsill li tifrex il-provvediment ta' Regola (KE) Nru. 883/2004 lil ċittadini ta' pajjiżi li mhumhiex diġa koperti minn dawn il-provvedimenti minħabba n-nazzjonalita' tagħhom – applikazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali b'rabta ma' ċittadini ta' pajjiżi mit-tielet dinja
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew: Il-metodu ta' sorveljar tal-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil (Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej)
- Proposta għad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards minimi fi Stati Membri biex tingħata jew titneħħa protezzjoni internazzjonali.

# 7. Relazzjonijiet Pubbliċi u l-Medja

It-tqassim ta' informazzjoni ġie ppruvat bħala qasam importanti ħafna għal iktar minn darba f'numru ta' studji li saru fis-snin li għaddew.  L-istess jista' jingħad għal bini ta' relazzjonijiet ta' valur ma' kull min huwa involut.

Fil-qofol tiegħu, ix-xogħol tar-relazzjonjiet pubbliċi jaħdem madwar verita' universali: in-nies jibbażaw l-azzjonijiet tagħhom fuq il-perċezzjoni tal-fatti li jkollhom huma. Din hija l-loġika li tibbaża fuqha l-NCPE u għalhekk tagħmel l-almu tagħha li tinforma, teduka, toħloq kuxjenza u tibni relazzjonijiet kollaborattivi.  Dan il-proċess huwa fil-fatt wieħed ta' evoluzzjoni kostanti biex jirrifletti l-udjenzi differenti tal-NCPE u wkoll biex jagħmel l-aħjar użu possibbli mill-mezzi ta' komunikazzjoni tal-lum.

Matul is-sena l-NCPE għamlet mill-aħjar biex twettaq numru ta' inizjattivi biex ittejjeb il-mod kif tilħaq udjenzi differenti, biex twassal messaġġ dejjem iktar ċar u anke biex toħloq mezzi biex tieħu r-rispons mingħand l-udjenzi, biex b'hekk issaħħaħ iktar ix-xogħol tal-Kummissjoni billi tifhem aħjar il-ħtiġijiet tas-soċjeta'. Biex tilħaq dawn l-għanijiet, u kif ukoll biex il-Kummissjoni taqdi d-dmirijiet tagħha skont kif deskritt mill-liġi il-Kummissjoni tissorvelja diversi mezzi tal-medja lokali ta'

kuljum, tagħti kontribut permezz ta' artikli u ittri, u taħdem biex tiltaqa' personalment ma' membri mill-udjenzi varji tagħha.

*Il-Medja*

L-NCPE temmen ħafna fil-prinċipju li tilħaq lill-membri kollha tas-soċjeta' li ngħixu fiha u tifhem li biex tagħmel dan hemm bżonn li tidher fuq diversi mezzi tal-medja peress li kull mezz huwa segwit minn partijiet differenti tal-popolazzjoni, u li lkoll flimkien jilħqu membri diversi tas-soċjeta'.

Għal dan il-għan, l-NCPE ħadmet u għadha taħdem biex b'mod kontiwnu ssaħħaħ ir-relazzjoni tagħha ma' raprezentanti tal-mezzi tal-medja f'Malta u Għawdex, kemm jekk televiżjoni, radju, medja stampata jew siti tal-internet  L-NCPE temmen fl-importanza li tinbena u tinżamm relazzjoni magħhom għax tagħraf ir-rwol importanti li għandhom il-professjonisti f'dan il-qasam fit-tfassil tas-soċjeta' li ngħixu fiha.

Matul din l-aħħar sena, l-NCPE ħadmet bla għeda biex tippromwovi l-ugwaljanza permezz ta' intervisti u dehriet fuq it-televiżjoni u r-radju bħala mistiedna kif ukoll billi tikkontribwixxi f'pubblikazzjonijiet, fuq l-internet, *blogs* eċċ.

*Artikli*

Għal dan il-għan, l-NCPE ippubblikat numru ta' artikli fl-istampa lokali.  Dawn jinkludu fost l-oħrajn stqarrijiet għall-istampa, artikli speċjali, punti fl-aħbarijiet, risposti fil-gazzetti kif ukoll ittri lill-editur.  It-tabella t'hawn taħt telenka l-pubblikazzjonijiet li l-NCPE għamlet fil-medja stampata matul din l-aħħar sena.

Matul l-2009, l-NCPE ippubblikat dawn l-artikli fil-medja stampata kif ġej:

| **Ittri lill-Editur / Risposti fil-Gazzetti** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Data tal-Ittra/Email** | **Gazzetta** | **Titlu tal-artiklu oriġinali li għalih intbagħtet tweġiba** | **Data tal-pubblikazzjoni (artiklu oriġinali)** | **Data tal-pubblikazzjoni (risposta)** |
| 22 ta' Lulju 2009 | The Malta Independent | Immigrant beaten but not run over by motorcycle | 19 ta' Lulju 2009 | 26 ta' Lulju 2009 |
| 22 ta' Lulju 2009 | It-Torca | Bzonn ta' azzjoni kontra r-razzizmu - Moviment Graffiti | 19 ta' Lulju 2009 | 9 t'Awwisu 2009 |

Tabella 9: Ittri lill-Edituri/ Risposti fil-Gazzetti

| **Artikli u Artikli Speċjali għall-Istampa** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Data li ntbagħat** | **Titlu oriġinali tal-Artiklu** | **Pubblikat** | | |
| | | **Gazzetta** | **Data** | **Titlu** |
| 22-07-09 | Lejn ugwaljanza sħiħa fis-suq tax-xogħol | L-Orizzont | 15/08/2009 | Lejn ugwaljanza fis-suq tax-xogħol |
| | | Il-Mument | 23/08/2009 | Lejn ugwaljanza sħiħa fis-suq tax-xogħol |
| | | In-Nazzjon | 27/08/2009 | L-'*Equality Mark*' fis-suq tax-xogħol |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 16-09-09 | N/A | DSS Link | 4/12/2009 | L-Ugwaljanza parti mir-realta tal-lum |

Tabella 10: Artikli u Artikli Speċjali għall-istampa

*Sit tal-Internet*

L-NCPE b'mod kontinwu tagħmel l-almu tagħha biex tilħaq il-livelli kollha tas-soċjeta' u dejjem bil-ħsieb li tagħmel l-aħjar użu minn mezzi ta' medja differenti. L-internet, bil-kapaċita' vasta li jwassal informazzjoni importanti b'mod mgħaġġel u kreattiv, huwa parti integrali mill-isforzi ta' komunikazzjoni tal-NCPE.

L-NCPE qed taħdem ma' entitajiet oħra biex ittejjeb is-sit tal-internet tagħha biex tagħmlu dejjem iżjed faċli biex tużah filwaqt li tiżgura li dan jiżviluppa f'għodda neċessarja u attraenti għal kull min iħoss il-ħtieġa li jużaha. Is-sit il-ġdid tal-Kummissjoni bħalissa qiegħed jiġi żviluppat. Nieħdu din l-opportunita' f'dan ir-rapport biex ngħidu li suġġerimenti, rispons jew aspettativi min-naħa tal-pubbliku huma apprezzati, sabiex noħolqu mezz ieħor li bih nagħtu aktar appoġġ lill-viżjoni tal-NCPE.

*Strateġija ta' Komunikazzjoni*

Bħala parti mill-isforzi ta' komunikazzjoni tal-NCPE, lejn l-aħħar tal-2009, il-Kummissjoni bdiet eżerċizzju bl-għan li tifformalizza l-istrateġija ta' komunikazzjoni tagħha. Permezz ta' dan l-eżerċizzju ħareġ qafas dokumentat li fi ħdanu l-NCPE tista' tikkomunika iżjed b'mod ħolistiku. Madankollu, filwaqt li tikseb dan, din l-

istrateġija hija intenzjonata li tkun flessibbli biżżejjed b'mod li twieġeb għat t-tibdil fl-ambjent tal-Kummissjoni, minn tibdil fil-ħtiġijiet tal-udjenzi, sa bżonnijiet tal-Kummissjoni nnifisha.

Wara li saret analiżi tas-sitwazzjoni kurrenti u evalwazzjoni tal-possibiltajiet, ġew identifikati numru ta' għanijiet li l-NCPE hija impenjata bis-sħiħ li tikseb:

- Żieda fil-viżibilita' tal-NCPE u iżjed espożizzjoni mal-udjenzi, biex b'hekk jissaħħaħ per eżempju l-aċċess għad-drittijiet tal-vittmi ta' diskriminazzjoni;
- Tkabbir tal-proċessi ta' ħolqien ta' għarfien u taħriġ fil-livelli differenti tas-setturi differenti tas-soċjeta';
- Identifikazzjoni ta' opportunitajiet ta' koperazzjoni u kollaborazzjoni mal-mezzi tal-medja;
- Issir evalwazzjoni tal-potenzjal u jsir tiftix ta' tekonloġiji alternattivi bħal *blogs* u *polls*;
- Tiġi stabbilita koperazzjoni formali/informali ma' numru ta' partijiet interessati bħal per eżempju organizzazzjonijiet mhux governattivi, Trejd *Unions* u Organizzazzjonijiet ta' Min Iħaddem u s-soċjeta' ċivili.

Din l-istrateġija tidentifika erba' tipi ta' udjenzi ewlenin li għandhom ikunu fil-mira tal-NCPE. Dawn huma l-pubbliku ġenerali, entitajiet pubbliċi, entitajiet privati u vittmi ta' diskriminazzjoni. Permezz ta' numru ta' azzjonijiet kumplimentari u dedikati, l-NCPE tista' taħdem lejn dawn l-għanijiet u tindirizza nuqqasijiet – reali jew immaġinajri, li jistgħu jeżistu.

Barra minn hekk, l-istrateġija għandha l-għan li tipprovdi mezz li permezz tiegħu l-udjenzi jistgħu jilħqu iktar 'l NCPE, jagħtu r-rispons tagħhom u jipparteċipaw b'mod iżjed attiv biex ikun żgurat li s-soċjeta' Maltija tkun ħielsa mid-diskriminazzjoni f'kull livell.

# ANNESS I - Tabelli u Figuri

# ANNESS I - Tabelli u Figuri


| | **Isem** | **Paġna** |
|---|---|---|
| Figura 1 | Struttura tal-NCPE | 23 |
| Figura 2 | Spejjez ta' Manutazjoni u spejjez biex jitwettaq ix-xogħol | 54 |
| Tabella 1 | Baġit tal-Proġetti | 55 |
| Tabella 2 | Riżultati tal-Proġett Leħen għal Kulħadd | 59 |
| Tabella 3 | Riżultati tal-proġett Network Soċjo-Ekonomiku fil-qasam tal-anti-diskriminazzjoni | 63 |
| Tabella 4 | Riżultati tal-Proġett Ngħixu l-Ugwaljanza | 66 |
| Tabella 5 | Numru u Suġett tal-Ilmenti fl-2009 | 79 |
| Tabella 6 | Reklamar Diskriminatorju fl-2009 | 98 |
| Tabella 7 | Mistoqsijiet Parlamentari mwieġba fl-2009 | 99 |
| Tabella 8 | Taħriġ li ngħata lill-membri tal-istaff tal-NCPE fl-2009 | 106 |
| Tabella 9 | Ittri lill-Editur/Risposti lill-Istampa | 123 |
| Tabella 10 | Artikli u artikli speċjali fl-Istampa | 123 |

# ANNESS II – Linji Gwida għal Min Jikteb jew Jippubblika Avviżi

## Werrej


**Introduzzjoni** 3

**Għal min huma indirizzati dawn il-linji gwida?** 3

**X'inhu r-rwol tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza?** 4

**X'inhi "diskriminazzjoni" u meta sseħħ?** 4

**X'inhi d-differenza bejn diskriminazzjoni diretta u indiretta?** 5

**Diskriminazzjoni fir-reklami** 5

**L-Użu ta' Lingwaġġ inklussiv fir-reklami** 6

**Gwida għal Reklami Non-diskriminatorji** 6

- **1. It-titlu tal-avviż, tal-post battal jew tar-reklam** 6
- **2. Kliem fit-test tar-reklam** 8
- **3. Il-Grafika fir-reklam** 10

**Eċċezzjonijiet** 11

**Għal iktar informazzjoni** 12


**Diċembru 2009**

## Introduzzjoni

Illum nisimgħu ferm u spiss dwar l-ugwaljanza, dwar id-drittijiet indaqs bejn il-persuni u dwar il-ħsara u l-kruha tad-diskriminazzjoni. L-ugwaljanza bejn persuna u oħra, irrispettivament minn fatturi bħas-sess tal-persuni, jew l-oriġini etnika tagħhom hija fundamentali għal soċjeta' inklussiva li tħaddan il-parteċipazzjoni tal-membri kollha. Madankollu, kultant mingħajr ma lanqas biss nindunaw, ninqabdu fi prattiċi diskriminatorji li s-soċjetà tal-lum ma taċċettax.

Każ tipiku ta' dan huwa fl-użu tagħna tal-lingwa, fejn jew għax drajna jew għax ma nafux jew ma nindunawx, inkunu diskriminatorji. Għaldaqstant, f'dan il-każi, kliem jew espressjonijiet użati, ma jwasslux il-messaġġ mixtieq.

Dan huwa minnu aktar u aktar fejn jidħol lingwaġġ li jiddiskrimina bejn persuna u oħra, u dan il-lingwaġġ diskriminatorju fil-mezzi tal-medja jispikka u jolqot udjenza wiesgħa. Dan hu l-iktar evidenti fir-reklami u l-avviżi li jidhru fil-pubblikazzjoni li jdawruna kuljum.

Il-pubblikazzjoni ta' avviżi, kemm dawk dwar vakanza/i fi ħdan xi kumpanija, kif ukoll dawk marbutin ma' taħriġ jew oqsma vokazzjonali, huma parti sostanzjali u essenzjali mill-pubblikazzjonijiet li l-poplu jiltaqa' magħhom ta' kuljum. Għaldaqstant, huwa ferm importanti li dawk li għandhom x'jaqsmu mal-kitba u/jew mal-ippubblikar ta' dawn l-avviżi, jgħarfu jużaw lingwaġġ adattat. Dan huwa importanti għax lingwaġġ inklussiv u ugwali jħaddan opportunitajiet indaqs lil kulħadd, minkejja l-ġeneru tagħhom. Fid-dawl ta' dan, billi neqirdu lingwaġġ li jeskludi, jew li hu diskriminatorju, inkunu qegħdin nifthu t-triq għal ugwaljanza tabilħaqq!

## Għal min huma indirizzati dawn il-linji gwida?

Dawn il-linji gwida ġew imħejjijin mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE), bil-għan li joħolqu għarfien dwar il-liġi tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fejn jidħol ir-reklamar għal postijiet battala ta' xogħol, kif ukoll reklamar minn stabbilimenti edukattivi dwar korsijiet, taħriġ jew gwida vokazzjonali.

L-għan ewlieni ta' dawn il-linji gwida huwa li jinformaw u jixħtu dawl fuq x'inhuma l-provvedimenti ta' din il-liġi u kif dawn ikunu applikati tajjeb. Għaldaqstant, għandhom ikunu ta' għajnuna fl-iżvilupp ta' reklamar inklussiv u newtrali, sabiex jingħelbu l-isterjotipi u d-diskriminazzjoni.

Jekk fil-kumpanija tiegħek jew f'dik fejn taħdem hemm post tax-xogħol battal u inti qed tippjana, jew inti responsabbli li toħroġ avviż biex dan jimtela, allura dawn il-linji gwida huma għalik. Fil-każ

li inti taħdem fid-dipartiment tal-avviżi ta' xi gazzetta, magażin, jew pubblikazzjoni oħra fejn jidhru l-avviżi allura dawn il-linji gwida jgħoddu għalik ukoll.

**<u>X'inhu r-rwol tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza?</u>**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE), tħares u tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fix-xogħol u fl-edukazzjoni, u kif ukoll bejn il-ġeneri u r-razez fl-aċċess u l-għoti tal-oġġetti u s-servizzi. L-NCPE tara li ma sseħħ ebda diskriminazzjoni f'dawn l-oqsma, filwaqt li tqajjem kuxjenza dwar l-ugwaljanza u d-diskriminazzjoni f'pajjiżna. Għal dan il-għan, l-NCPE teduka u tħarreġ lis-soċjetà dwar il-benefiċċji li jġibu magħhom l-inklużjoni u d-diversità.

Fil-fatt, il-mandat tal-NCPE joħorġ, fost oħrajn, minn Kapitlu 456 tal-liġijiet ta' Malta - *Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa*. Skont din il-liġi, il-Kummissjoni hija responsabbli wkoll li tissorvelja u tidentifika reklamar diskriminatorju. L-NCPE temmen li, aktar milli tiġbed l-attenzjoni ta' min jikteb jew jippublika reklami diskriminatorji, il-ħidma tagħha għandha tara li min jikteb/jippubblika r-reklami u l-avviżi jifhem kif u għaliex m'għandux jaqa' fin-nasba tad-diskriminazzjoni.

**<u>X'inhi "diskriminazzjoni" u meta sseħħ?</u>**

Artiklu 2 tal-*Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa* (Kap 456), f'Artiklu 2, jiddeskrivi diskriminazzjoni. Fil-fatt:

> *ikun hemm diskriminazzjoni ibbażata fuq is-sess jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja meta:*
>
> > *(a) jingħata trattament anqas favorevoli, direttament jew indirettament, lill-irġiel u lin-nisa minħabba fis-sess jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja tagħhom;*
> > *(b) mara tiġi ttrattata b'mod anqas favorevoli minħabba fi tqala li tkun teżisti jew li tista' sseħħ jew it-twellid ta' tarbija;*
> > *(ċ) l-irġiel u n-nisa jiġu ttrattati b'mod anqas favorevoli minħabba f'li jkunu ġenituri, r-responsabbiltajiet li ġġib il-familja jew għal xi raġuni oħra li jkollha*
> > *x'taqsam mas-sess;*
> > *(d) trattament ibbażat fuq provvediment, kriterju jew prattika li kieku kien iqiegħed persuni ta' sess wieħed fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni tassess l-ieħor*

Għaldaqstant, id-diskriminazzjoni abbażi ta' sess jew ta' responsabilitajiet familjari hija pprojbita fl-impjiegi, fil-banek u istituzzjonijiet finanzjarji, kif ukoll fl-edukazzjoni u l-gwida vokazzjonali.

## X'inhi d-differenza bejn diskriminazzjoni diretta u indiretta?

Diskriminazzjoni diretta ssir meta xi persuna tiġi trattata b'mod inqas favorevoli minn kif persuna tas-sess oppost tiġi, tkun ġiet jew tkun kieku se tiġi trattata f'sitwazzjoni simili.

Diskriminazzjoni indiretta min-naħa l-oħra ssir meta xi provvediment, kriterju jew prattikka li jidhru li jkunu newtrali kieku jqiegħdu lil persuni ta' xi sess fi żvantaġġ partikolari meta dawn jiġu mqabblin ma' persuni tas-sess l-ieħor.

## Diskriminazzjoni fir-reklami

Minn barra dan, l-*Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa* (Kap 456) jistabilixxi l-fatt li ebda reklam dwar post battal għal xi impjieg; dwar kors, taħriġ jew gwida vokazzjonali; kif ukoll dwar l-għoti ta' servizzi finanzjari m'għandu jkun diskriminatorju. F'dan ir-rigward, il-liġi tmur hekk:

> *"...persuni ma jistgħux jippubblikaw, jew jesponu jew iġiegħlu li jiġi pubblikat jew espost xi reklam, jew, xort'oħra li jirreklamaw post battal għal xi impieg li jkun jiddiskrimina bejn min ikun qed ifittex ix-xogħol jew jitlob mingħand min ikun qed ifittex ix-xogħol informazzjoni li tkun tirrigwarda l-ħajja privata tagħhom jew il-pjanijiet li jkollhom dwar it-tkabbir tal-familja tagħhom ...*
>
> *(2) Persuni ma jistgħux jippubblikaw jew jesponu jew iġiegħlu li jiġi ppubblikat jew espost xi reklam li jkun jippromwovi d-diskriminazzjoni jew li jkun xort'oħra jiddiskrimina.*
>
> *(3) Persuni li jiksru s-subartikolu (1) jew (2) ikunu ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu u jistgħu, meta jinsabu ħatja, jeħlu l-pieni li hemm għall-kontravvenzjonijiet..."*

Dan kollu ma jgħoddx biss għall-kliem fir-reklami iżda wkoll għall-istampi u l-illustrazzjonijiet li jiġu wżati, u li allura ma jridux ikunu ta' natura diskriminatorja, jew li jistgħu jinftehmu bħala li qed jiddiskriminaw bejn sess u ieħor.

## L-Użu ta' Lingwaġġ inklussiv fir-reklami

Meta wieħed isemmi lingwaġġ inklussiv, ma jifhem xejn għajr li l-kliem li jintuża jkun kliem li jindirizza u jinkludi fl-istess waqt kemm lin-nisa, kif ukoll lill-irġiel. Minbarra li dan it-tip ta' lingwaġġ huwa sinjal ta' trattament indaqs u ta' rispett lejn il-persuni, huwa wkoll mezz li jkattar l-ugwaljanza.

Nafu kif meta l-gazzetti jew il-media jintroduċu kelma ġdida jew mod ġdid ta' espressjoni, dawn mill-ewwel jiġu addottati mill-pubbliku u jsiru n-norma. Għaldaqstant, huwa importanti li l-prattiċi u l-lingwaġġ użati fil-media, f'kull lat, jirriflettu inklużjoni u opportunitajiet indaqs għal kulħadd.

Sabiex tassew ikunu offruti opportunitajiet indaqs lill-irġiel u lin-nisa, huwa importanti li r-reklami ppubblikati fil-gazzetti u mezzi tal-media oħrajn, jużaw lingwaġġ inklussiv u bl-ebda mod ma jindikaw li l-parteċipazzjoni tal-irġiel jew dik tan-nisa se tiġi eskluża mill-impieg, taħriġ jew servizz reklamat.

Min jirreklama (kemm min jikteb ir-reklam kif ukoll min jippublikah) għandu jkun ċert li r-reklam huwa tabilħaqq inklussiv qabel dan jiġi ppubblikat.

## Gwida għal Reklami Non-diskriminatorji

Is-sezzjonijiet li ġejjin f'dan il-ktejjeb jiddeskrivu modi kif nistgħu nevitaw kliem li jiddiskrimina kontra sess jew ieħor meta nkunu qegħdin niktbu r-reklami jew l-avviżi. Ċerti forom ta' diskriminazzjoni huma iktar ovvji minn oħrajn li min-naħa l-oħra, huma aktar sottili u għaldaqstant jeħtieġu ftit aktar ħsieb u forsi spjegazzjoni aktar dettaljata.

Madankollu, kull forma ta' diskriminazzjoni lingwistika tikkontribwixxi biex issaħħaħ dawk l-ostakli li jżommuna lura milli jkollna parteċipazzjoni sħiħa u ugwali ta' kulħadd, fis-soċjetà u fid-dinja tax-xogħol.

### 1. It-titlu tal-avviż, tal-post battal jew tar-reklam

It-titlu tal-avviż, li normalmant ikun jinkludi t-titlu tal-post tax-xogħol battal (f'każ ta' vakanza) huwa l-ewwel ħaġa li titqies mill-qarrejja ta' pubblikazzjoni li jkunu qegħdin ifittxu xogħol. Jekk titlu ta' post battal għall-impieg jindika biss il-ġeneru maskili, jew biss il-ġeneru femminili bħal ngħidu aħna, *Vakanza għal Waiter*, il-qarrejja jistgħu jifhmu li dan il-post huwa magħluq għal persuni tas-sess oppost. Għaldaqstant, it-titlu m'għandu bl-ebda mod jindika li se jiġu aċċettati biss in-

nisa, jew biss l-irġiel, fl-impjieg reklamat. B'hekk, it-titlu għandu jkun inklussiv u newtrali fejn jidħol il-ġeneru.

Minflok titlu li jindika ġeneru wieħed biss, jista' jintuża titlu li jindika kemm il-maskil, kif ukoll il-femminil, per eżempju: *Vakanza għal Waiter/Waitress*. Soluzzjoni oħra tista' tkun l-użu tal-plural għax kliem fil-plural ma jeskludi lil ebda ġeneru. Eżempju: *Jinħtieġu Waiters*.

*Aktar eżempji:*

| ***Tużax*** | ***Uża titlu inklussiv*** | ***Uża titlu fil-plural*** |
|---|---|---|
| *Assistent (“maskil biss”)* | *Assistent/Assistenta* | *Assistenti* |
| *Segretarja (“femminil biss”)* | *Segretarju/Segretarja* | *Segretarji* |

Anke meta jintużaw titli ta' postijiet tax-xogħol mislutin mill-Ingliż għandna nżommu f'moħħna li t-titlu wżat ikun wieħed newtrali fejn jidħol il-ġeneru. Għaldaqstant, tużax kliem bħal *Handyman* iżda uża *Handyperson* jew kelma oħra li tiddeskrivi l-istess pożizzjoni u xogħol iżda hija inklussiva u ma tiddiskrimina kontra ebda ġeneru.

Aktar eżempji:

| ***Tużax*** | ***Uża titli inklussivi*** |
|---|---|
| Air Hostess<br>Air Steward | Flight Attendant<br>Cabin Crew |
| Barman | Bar Personnel<br>Bar attendants<br>Bar Staff |
| Businessman | Business Executive<br>Business Person |
| Cameraman | Cameraperson |
| Chambermaid | Cleaner |
| Chairman | Chair<br>Chairperson<br>President |
| Craftsman | Artisan<br>Skilled/Specialised |

| | |
|---|---|
| | Person |
| Draughtsman | Draughts Person<br>Drafter |
| Foreman | Supervisor<br>Controller<br>Chief Supervisor<br>Lead Supervisor |
| Fireman | Fire Fighter |
| Handyman | Handyperson<br>Maintenance Officer |
| Policeman | Police Officer |
| Pool/Beach Boy | Pool/Beach<br>Attendants |
| Postman | Postal Carrier<br>Letter Carrier |
| Middleman | Intermediary |
| Salesgirl<br>Salesman | Sales person<br>Shop Attendant<br>Sales Representative |
| Spokesman | Spokesperson |
| Tradesman | Tradesperson<br>Trader |
| Waiter | Waiter/ess<br>Waiters<br>Waiting Staff<br>Waiting Personnel |
| Watchman | Security Guard<br>Security Officer<br>Security Personnel |

**2. Kliem fit-test tar-reklam**

Fil-Malti m'għandniex pronomi jew verbi li huma newtrali u li jkunu jirreferu għaż-żewġ ġeneri. Fil-fatt, ħafna mill-kliem bil-Malti jkun jirreferi biss għan-nisa, jew biss għall-irġiel. Dan il-kliem għandu jiġi evitat għal kollox f'reklam.

Minflok tintuża kelma waħda li tkun tirreferi għal ġeneru wieħed biss, jistgħu jintużaw żewġ kelmiet f'daqqa, li jirreferu għas-sess femminili u għal dak maskili. Dan biex l-ebda ġeneru ma jkun eskluż. Inkella, jistgħu jintużaw kliem fil-plural.

<u>Eżempji:</u>

| **Tużax** | **Uża maskil/femminil** | **Uża l-plural** |
|---|---|---|
| Hu se jkun... | Hu/Hi se jkun/tkun... | Huma se jkunu qed... |
| jaħdem fuq inizzjattiva tiegħu | jaħdem/taħdem fuq inizzjattiva tiegħu/tagħha | jaħdmu fuq inizzjattiva tagħhom |

Soluzzjoni oħra tista' tkun li kliem li jirreferi għal ġeneru wieħed jinbidel u minfloku jintuża kliem ieħor aktar newtrali u ġeneriku. Dan jgħin biex jiġi eliminat l-użu tal-pronom li jirreferi għall-ġeneru wieħed biss.

<u>Eżempji:</u>

| **Tużax kliem li jindika ġeneru wieħed biss** | **Uża kliem inklussiv jew newtrali** |
|---|---|
| Hu jrid ikun jaf jaħdem... | Biex tapplikaw għal dan ix-xogħol tridu tkunu tafu taħdmu... |
| Hi trid tkun kapaċi... | Dan ix-xogħol jeħtieġ kapaċità fil-... |
| Hu ser jingħata kors... | Bħala parti mill-impieg se jingħata kors lil min jintgħażel... |

Jista' wkoll jiġi eliminat il-bżonn li tuża kliem li jirreferi għall-ġeneru wieħed biss billi tinbidel l-istruttura tas-sentenza b'tali mod li ma jissemma ebda ġeneru.

<u>Eżempji:</u>

| **Tużax kliem li jindika ġeneru wieħed biss** | **Uża struttura bla bżonn ta' ġeneru** |
|---|---|
| Jinħtieġ nutar għal... | Jinħtieġu s-servizzi notarili għal... |
| Ir-responsabbiltajiet tagħha jinkludu... | Ir-responsabbiltajiet f'dan ix-xogħol jinkludu...<br>Ir-responsabbiltajiet jinkludu... |

| | |
|---|---|
| Se jkun qed jaħdem b'kuntratt ta' sena, li... | Ix-xogħol huwa b'kuntratt ta' sena, li...<br>Il-post huwa għal sena... |
| Hi għandha tibgħat l-applikazzjoni lil... | Ibagħtu l-applikazzjoni lil...<br>L-applikazzjoni trid tintbagħat lil...<br>Applikazzjonijiet, indirizzati lil... jintlaqgħu sa.. |
| Għandu jkollu ċertifikat fl-arti... | Ir-rekwiżiti huma: Ċertifikat fl-arti,...<br>Ċertifikat fl-arti jkun ta' vantaġġ għal min japplika...<br>Biex titqies għal dan ix-xogħol irid ikollok ċertifikat fl-arti... |

**3. Il-Grafika fir-reklam**

L-istess kif il-lingwaġġ użat f'reklam għandu jkun wieħed inklussiv, hekk ukoll il-grafika – ritrattti jew illustrazzjonijiet – għandha wkoll tirrappreżenta ż-żewġ ġeneri. Għalkemm jaf ma jkunx possibbli li f'kull ritratt jew stampa li tuża fir-reklam tiegħek ikollok dejjem numru indaqs ta' nisa u rġiel, huwa importanti li f'kull stampa jkun hemm rappreżentanza bilanċjata tas-sessi. Għalhekk, fl-istampi jew ritratti li jidhru f'reklam għandhom jidhru, mill-inqas, kemm raġel u kif ukoll mara, sabiex ma jiġi jeskluż ebda ġeneru.

Aktar minhekk, l-irġiel u n-nisa fir-ritratt m'għandhomx jidhru b'mod li min jara l-istampa jikkonkludi li r-rwol huwa diskriminatorju. Ngħidu aħna, jekk qed tirreklama post battal għal *Manager*, minkejja li jkollok ritratt fejn jidhru raġel u mara, xorta waħda tkun qed tagħti lok għal misinformazzjoni jew misinterpretazzjoni, jekk fir-ritratt ir-raġel jidher bil-ġlekk (bħal manager) u l-mara tidher libsa casual (bħal ħaddiema fi gradi aktar baxxi). Min jara l-avviż jista' jifhem li l-kumpanija qed tfittex *manager* raġel. Għaldaqstant, il-karattri fir-ritratt iridu jagħtu x'tifhem, bl-aktar mod ċar, li l-post reklamat hu miftuħ għal kulħadd, nisa u rġiel, bl-istess mod.

F'każ li r-reklam jinkludi ritratt jew stampa ta' mara jew ta' raġel li jkunu s-sid tal-kumpanija, il-fundatur eċċ., deskrizzjoni tal-persuna (isem, rwol fil-kumpanija, eċċ.) għandha tidher bil-miktub fir-reklam. Meta mara jew raġel partikolari jirrappreżentaw kumpanija f'reklam, għandu jiġi spjegat ċar bil-miktub dawn min huma u x'konessjoni għandhom mal-kumpanija.

Dan għandu jsir sabiex min jara r-reklam jkun jista' jidentifika lil dik il-persuna mal-kumpanija, u mhux mal-opportunitajiet li jkun qiegħed joffri r-reklam. Għaldaqstant, min jara r-reklam jifhem sew li dik il-persuna qiegħda tidher fir-reklam għax għandha konessjoni stretta mal-kumpannija u b'edba mod ir-ritratt/stampa ma jindika li l-opportunità hija miftuħa għal ġeneru wieħed biss.

Mod ieħor kif tiżgura li l-grafika fir-reklam tiegħek mhijiex diskriminatorja huwa billi ma tippubblikax ritratti fejn jidhru persuni. Ngħidu aħna, jekk qed tirreklama vakanza għal tobba, tista' fil-grafika tiegħek tuża oġġetti relatati mal-professjoni. Per eżempju, stetoskopju, gown tat-tobba, u oħrajn. B'hekk meta jinqara l-avviż, mal-ewwel daqqa t'għajn joħroġ ċar ix-xogħol ma' liema qasam hu relatat, mingħajr ma tagħti lok għal interpretazzjoni diskriminatorja.

## Eċċezzjonijiet

Huwa BISS possibbli li tindika mara jew raġel għal post battal għall-impieg f'każ li l-post jirrikjedi karrateristiċi speċifiċi ta' mara jew ta' raġel. Bħal ngħidu aħna post ta' attriċi jew attur, mudell jew mudella, fejn il-ġeneru huwa kruċjali minħabba ħtieġa okkupazzjonali ġenwina.

Madankollu, bħala persuna li qed tippubblika avviż, inti tkun fid-dmir imbagħad, jekk tissejjaħ biex tagħmel hekk, li tipprova li r-rekwiżit ta' ġeneru partikolari jkun tassew kruċjali għal dak ix-xogħol reklamat.

Ikun ideali jekk meta tiġi f'sitwazzjoni fejn trid tippublika avviż ta' din it-tip, li fl-avviż tagħti wkoll ir-raġuni għaliex bil-fors, dak ix-xogħol partikolari jirrekjedi ġeneru partikolari. Importanti, iżda, li ma jkunx hemm l-inqas dubju li r-raġunijiet mgħotija huma validi.

**Mhuwiex aċċettabbli li:**

- Tuża stampa ta' mara f'reklam illum imbagħad tuża stampa ta' raġel għall-istess reklam l-għada. Dan għax min jara r-reklam illum jaf ma jerġax jarah l-għada.

- Tuża titlu jew kontenut diskriminatorju f'reklam imbagħad tikteb li se jiġu offruti opportunitajiet indaqs lil kulħadd. Din l-ispjega qasira fl-aħħar tar-reklam ma tiġġustifikax reklam diskriminatorju.

- Tuża stampa ta' persuna waħda (sew jekk raġel kif ukoll mara) li diġà pparteċipat f'dak li qed jiġi rreklamat (bħal ngħidu aħna, student jew klijent), imbagħad tindika bil-miktub il-konnessjoni li dik il-persuna għandha mal-kumpanjia. Meta stampa, jew ritratt, turi persuni ta' ġeneru wieħed biss, ikun qed jiġi eskluż il-ġeneru oppost u b'hekk ma jkunux offruti opportunitajiet indaqs lil kulħadd. L-aħjar jintuża ritratt jew stampa ta' grupp ta' persuni, fejn ikunu rappreżentati ż-żewġ ġeneri.

## Għal iktar informazzjoni

Jekk ikkollok xi dubju dwar ir-reklam li se tippubblika, tista' wkoll tagħmel kuntatt mal-NCPE, li tkun tista' ttik aktar indikazzjoni dwar x'tista' tagħmel.

Tista' tagħmel dan permezz tal-email. Ibagħat email bil-problema tiegħek f'dan l-indirizz equality@gov.mt u fiha spjega l-problema li ltqajt magħha. Jekk il-problema hija waħda ta' kliem jew grafika, inkludihom fl-email. Aktar ma tagħti informazzjoni u dettalji, aktar ikun faċli biex tinstab soluzzjoni adatta għalik.

Mod ieħor kif tista' tilħaq lill-NCPE huwa bit-telefon fuq dan in-numru: 2590 3850 jew b'fax fuq: 2590 3851.

Inkella tista' tikteb ittra u tindirizza hekk:

Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza
Gattard House, Triq Nazzjonali,
Blata l-Bajda, ĦMR 9010.

L-NCPE għandha wkoll sit elettroniku, fejn tista' ssib aktar informazzjoni, kopja tal-liġijiet, u dokumenti oħrajn li l-Kummissjoni toħroġ regolarment. Il-website tal-NCPE tinsab fl-indirizz: www.equality.gov.mt